# IL-KOSTITUZZJONIJIET
# 2019

TAL-ORDNI TAL-AĦWA
TAL-IMQADDSA VERĠNI MARIJA
TAL-GĦOLJA TAL-KARMELU

Approvati mill-Kapitlu Ġenerali
li sar f'Ruma fl-2019

Provinċja Karmelitana
Malta 2023

**Test oriġinali**
*Costituzioni dell'Ordine dei Fratelli della Beatissima Vergine Maria del Monte Carmelo, approvate dal Capitolo Generale celebrato in Roma nell'anno 2019.*

**Traduzzjoni**
Anthony Cilia, O.Carm.
Joseph Saliba, O.Carm.
Joseph Huber

**Ittajpjar**
Carmen Chetcuti

**Qari tal-provi**
Keith Attard

**Disinn u ssettjar tal-ktieb**
Fabio Borg

Provinċja Karmelitana, Malta. 2023

# WERREJ

**Ittra tal-Pirjol Ġenerali** 9

**Kelmtejn Qabel** 11

**Abbrevjazzjonijiet** 13
Dokumenti tal-Konċilju Vatikan II 13
Dokumenti tal-Papiet 14
Dokumenti oħra tas-Santa Sede 15
Dokumenti tal-Ordni Karmelitan 16
Abbrevjazzjonijiet oħra 16

**Ir-Regola Karmelitana** 19

**Il-Kostituzzjonijiet 2019** 29

**L-Ewwel Taqsima**
Il-Kariżma u l-Missjoni tal-Karmelu u l-Karatteristiċi Fundamentali Tiegħu 31
Kapitlu I – Id-Don u l-Missjoni tal-Ordni 33
Kapitlu II – Il-Kariżma tal-Ordni 39
1. Il-kontemplazzjoni, id-dimensjoni li tgħaqqad il-ħajja Karmelitana 39
2. It-Talb 41
3. Il-Fraternità 42
4. Il-qadi fost il-poplu 43
5. Elija u Marija, mudelli li jnebbħuna 45
6. Il-Familja tal-Karmelu 48

**It-Tieni Taqsima**
Il-Ħajja tagħna ta' Aħwa 51
Kapitlu III – Il-Ħajja Komunitarja 53
Kapitlu IV – Il-Kunsilli Evanġeliċi u l-Voti 61

1. L-ubbidjenza: smigħ u dixxerniment tal-pjan ta' Alla 61
2. Il-faqar: ċaħda tal-pussess tal-ġid biex ikun hemm il-qsim u s-solidarjetà 64
3. Il-kastità: ċelibi għas-Saltna 67
Kapitlu V – It-Talb 70
1. It-talb b'mod ġenerali 70
2. It-talb liturġiku 72
3. It-talb personali 74
4. Il-qima lejn l-Imqaddsa Verġni Marija u l-qaddisin 77
Kapitlu VI – Ħsibijiet Ġenerali Dwar il-Missjoni Appostolika 80
Kapitlu VII – Il-Missjoni Appostolika fi Ħdan il-Knisja Lokali 84
Kapitlu VIII – Rabtiet Fraterni mal-Familja Karmelitana 87
Kapitlu IX – Il-Missjoni Appostolika u t-Tħaddim tal-Ġustizzja u l-Paċi fid-Dinja 89

**It-Tielet Taqsima**
Il-Formazzjoni 95
Kapitlu X – Il-Proċess Formattiv tal-Karmelitan 97
Kapitlu XI – Il-Ministeru tal-Formazzjoni 99
Kapitlu XII – Il-Ministeru Vokazzjonali 104
Kapitlu XIII – Il-Fażijiet tal-Proċess Formattiv 105
1. Il-prenovizzjat 105
2. In-novizzjat 106
3. Iż-żmien tal-professjoni sempliċi 109
4. Il-professjoni solenni 111
5. Il-formazzjoni għall-ministeri 112
6. Il-formazzjoni u l-kultura Karmelitana 114
7. Il-formazzjoni permanenti 115

# ITTRA TAL-PIRJOL ĠENERALI

Għeżież ħuti,

Wara li f'Settembru 2019, il-Kapitlu Ġenerali approva dan it-test rivedut tal-Kostituzzjonijiet, għandi l-pjaċir u s-sodisfazzjon kbir li nista' nippreżentalkom it-test kollu tal-Kostituzzjonijiet.

Kien meħtieġ li jiġu aġġornati l-Kostituzzjonijiet tal-1995 filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi l-aktar riċenti fil-mod kif l-Ordni jħares lejn il-kariżma tiegħu u l-qasam importanti tal-formazzjoni. Kellna noqogħdu attenti wkoll għal dak li qed jiġri fil-Knisja u fid-dinja. Ma' dan kien hemm il-ħtieġa urġenti li nipprovdu għall-ħarsien tat-tfal u n-nies vulnerabbli fil-kunventi Karmelitani, u li nagħrfu s-sejħa biex napprezzaw u nħarsu d-dar komuni tagħna. Kellna wkoll l-opportunità li nirkupraw xi riflessjonijiet tal-imgħoddi, li kienu ntilfu maż-żmien: il-korrezzjoni fraterna u l-missjoni tal-predikazzjoni.

Fittixna li nżommu l-istess stil u preżentazzjoni ta' qari, bil-ħsieb li f'dan id-dokument ikollna aktar minn sempliċi ġabra ta' liġijiet. Hawnhekk għandna dokument li jista' jinqara bħala meditazzjoni fuq ħajjitna u fuq id-don ta' Alla li rċevejna u l-missjoni li aħna msejħin għaliha. It-tema ewlenija tal-Kapitlu Ġenerali 2019 kienet ix-xhieda. Dawn il-Kostituzzjonijiet riveduti joffrulna għodda siewja biex tgħinna jkollna idea aktar ċara ta' x'tip ta' xhieda għandna bżonn nagħtu, u nifhmu aħjar il-valuri li biħsiebna nagħtu xhieda tagħhom. Nistgħu naqraw dawn il-Kostituzzjonijiet weħidna, personalment, jew fi gruppi ta' nies interessati li jaqraw u jitolbu bihom. Nistgħu wkoll noqogħdu fuq l-għajnuna ta' nies esperti mill-Ordni jew barra minnu, li jkunu jistgħu jgħinuna naraw l-implikazzjonijiet ulterjuri ta' dak li għandna fil-Kostituzzjonijiet u b'liema mod aħna marbutin permezz tagħhom mal-Knisja kollha f'dan il-waqt tal-istorja tagħha.

Aħna għandna dejn kbir ta' gratitudni lejn il-Kummissjoni Ġenerali għar-reviżjoni tal-Kostituzzjonijiet, li ħadmet mill-2013 sal-Kapitlu tal-2019. Din il-Kummissjoni ppreżentat abbozz maħsub sew lill-membri tal-Kapitlu Ġenerali, li mbagħad studjaw, iddiskutew, u approvaw l-artikli li issa se taqraw f'dan it-test. Meta naqraw dawn il-Kostituzzjonijiet nistgħu nħossuna kburin, grati u kunfidenti li aħna, l-Aħwa Karmelitani, kellna l-ħila li nesprimu b'mod ċar min aħna u kif nistgħu ngħixu b'dinjità l-post tagħna fil-Knisja u fis-soċjetà tal-lum, bħala kustodji u promuturi tat-Tradizzjoni Karmelitana, li tat tant qaddisin lill-Knisja u offriet triq ta' ħajja li twassal għall-maturità umana u għall-qdusija. Bħalma tgħid ir-Regola ta' San Albert, meta l-leġiżlatur tagħna jgħidilna: "Din it-triq hija qaddisa u tajba, imxu fiha." (n. 20)

Jalla Omm Ġesù, Marija Ommna u Oħtna, u l-Profeta Elija jkunu l-ispirazzjoni kontinwa tagħna biex ngħixu f'ubbidjenza lejn Ġesù Kristu u jalla l-kliem u l-ispirtu ta' dawn il-Kostituzzjonijiet idawlulna triqitna, biex ngħixu bħala xhieda awtentika issa u dejjem.

Tagħkom fil-Karmelu,
Ruma, 6 ta' Jannar 2021
Solennità tal-Epifanija tal-Mulej

Míċeál O'Neill, O.Carm.
Pirjol Ġenerali

# KELMTEJN QABEL

Immedjatament wara l-Kapitlu Ġenerali 2013, il-Kunsill Ġenerali ħatar Kummissjoni għar-reviżjoni tal-Kostituzzjonijiet approvati mill-Kapitlu Ġenerali 1995 u stampati fl-1996.

Il-Kummissjoni, minn Ottubru tal-2014 ’l hawn, magħmula minn aktar minn għoxrin membru espert minn madwar l-Ordni kollu, iltaqgħet bosta drabi. Il-ħidma kompliet għal aktar minn erba’ snin. It-test tal-1995 ġie rivedut u aġġornat; iddaħħlu referenzi għad-dokumenti l-aktar riċenti tal-Knisja u tal-Ordni, u saru wkoll tentattivi biex jinqraw aħjar.

Il-Kummissjoni organizzat il-ħidma tagħha billi nqasmet f’erba’ sottokummissjonijiet li jikkorrispondu mal-erba’ partijiet tal-Kostituzzjonijiet: Kariżma u Spiritwalità, Ħajja Fraterna, Formazzjoni, u Tmexxija. F’Diċembru tal-2015, f’ittra mibgħuta lill-Ordni kollu, il-Kummissjoni pproponiet xi punti ta’ metodoloġija li għandhom jitħarsu, u fl-istess ħin stiednet lill-membri kollha tal-Ordni biex jieħdu sehem u jibagħtu l-proposti għar-reviżjoni. Dan il-materjal tqies kemm fir-reviżjoni prekapitulari, kif ukoll waqt il-kapitlu.

Il-Kapitlu Ġenerali riċenti eżamina l-abbozz ippreżentat mill-Kummissjoni u l-proposti li sadattant kienu waslu għand il-Kummissjoni Preparatorja. Id-diskussjoni kienet rikka u dettaljata, speċjalment fir-rigward ta’ xi punti aktar delikati. It-test Taljan approvat mill-Kapitlu, li jikkostitwixxi l-*editio typica*, kien promulgat u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2020.

Meta wieħed iqis li l-Kapitlu Ġenerali 2019 approva t-test rivedut tal-Kostituzzjonijiet *en bloc*, kienet deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali li minn issa ’l quddiem jibdew jissejħu “il-Kostituzzjonijiet tal-2019”.

Ta’ min jinnota li l-Kapitlu Ġenerali tagħna għandu awtonomija leġiżlattiva fi ħdan l-Ordni. Il-Kostituzzjonijiet huma liġijiet, digrieti

u prinċipji tal-ħajja komunitarja maħruġa mill-awtorità suprema tal-Ordni, sa mir-*Regula Bullata* ta' Innoċenz IV (1247). Skont it-tradizzjoni monastika u kanonika (Użanzi, Statuti, Istituzzjonijiet), simili għall-Ordni tal-Predikaturi li fuqu tiddependi l-ewwel għamla ta' "kostituzzjonijiet", il-Kapitlu Ġenerali jinterpreta b'mod awtentiku r-Regola immutabbli tiegħu stess, approvata mis-Sede Appostolika, biex iwieġeb b'fedeltà kreattiva għat-talbiet li jinbtu matul iż-żminijiet (Ara Kost. 2019, nri. 200-202).

Il-ħidma ta' reviżjoni, twila, paċenzjuża u impenjattiva kienet okkażjoni sabiħa biex nesperjenzaw l-ispirtu kapitulari, proprju tal-Ordni tagħna. It-test tal-Kostituzzjonijiet mhuwiex biss manwal ġuridiku, utli għat-tmexxija tal-ħajja ordinarja tal-komunitajiet, tal-provinċji u tal-entitajiet l-oħra tal-Ordni, tal-Kummissarjati jew tad-Delegazzjonijiet. Mhuwiex biss test li jintuża f'mumenti ta' dubju dwar xi proċedura, jew inkella f'każ ta' xi konflitt. L-ewwel nett huwa test li l-għan tiegħu huwa li joffri traduzzjoni f'termini moderni ta' dak li tipproponilna r-Regola. F'dan is-sens, l-ewwel żewġ partijiet huma essenzjali biex nifhmu l-identità tagħna, il-missjoni tagħna u l-ħajja fraterna tagħna: għandhom jinqraw u jiġu mmeditati fil-fond, biex il-kontenut u l-proposta tagħhom isiru parti minn ħajjitna. It-tielet parti tfakkarna fl-importanza tal-formazzjoni u tax-xhieda sabiex ikun hemm nies oħra lesti jimxu wara l-Mulej fil-ħajja Karmelitana; barra minn hekk, tfakkar lil kulħadd fl-impenn li jkompli fit-triq tal-formazzjoni. Filwaqt li l-parti dwar it-tmexxija tal-Ordni turi l-identità tagħna f'termini ta' strutturi, meħtieġa biex isostnu fil-konkret il-ħajja tal-individwi u tal-komunitajiet.

Jalla dan it-test il-ġdid tal-Kostituzzjonijiet, frott tal-grazzja ta' Alla u tal-ħidma ta' tant aħwa, jgħin lil kull membru u lil kull komunità biex ngħixu l-vokazzjoni tagħna b'impenn, b'ferħ u b'xewqa li nikkomunikaw lil kulħadd is-sbuħija tal-ħajja Karmelitana.

# ABBREVJAZZJONIJIET

F'din il-lista, minbarra l-abbrevjazzjonijiet li normalment jintużaw għall-Iskrittura Mqaddsa, qed jintużaw ukoll oħrajn li juru d-dokumenti ċitati jew ir-referenzi għalihom, u warajhom hemm in-numru tal-paragrafu tal-istess dokument. Hawn taħt hawn il-lista tal-abbrevjazzjonijiet li qed jintużaw bl-informazzjoni biblijografika sħiħa tad-dokument li jirreferu għalih.

F'din il-lista huwa indikat ukoll fejn id-dokument jinsab eżattament fl-*Enchiridion Vaticanum* (in-numru li jiġi qabel l-iżbarra – bl-Ingliż slash [/] – jindika l-volum; in-numru ta' wara juri n-numru li jkun hemm fil-ġenb); meta xi dokument ma jinstabx fl-*Enchiridion Vaticanum,* l-indikazzjoni turi l-oriġinal ta' minn fejn ġiet meħuda s-silta.

## Dokumenti tal-Konċilju Vatikan II

*AA* Digriet *Apostolicam Actuositatem*, dwar l-appostolat tal-lajċi, 18 ta' Novembru 1965: EV 1/912-1041.

*AG* Digriet *Ad Gentes*, dwar il-ħidma missjunarja tal-Knisja, 7 ta' Diċembru 1965: EV 1/1987-1242.

*CD* Digriet *Christus Dominus*, dwar l-uffiċċju pastorali tal-Isqfijiet, 28 ta' Ottubru 1965: EV 1/573-701.

*DV* Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum*, dwar ir-rivelazzjoni divina, 19 ta' Novembru 1965: EV 1/872-911.

*GS* Kostituzzjoni pastorali *Gaudium et Spes,* dwar il-Knisja fid-dinja tal-lum, 7 ta' Diċembru 1965: EV 1/1319-1644.

*LG* Kostituzzjoni Dommatika *Lumen Gentium,* dwar il-Knisja: 21 ta' Novembru 1964: EV 1/284-456.

*OT* Digriet *Optatam Totius*, dwar il-formazzjoni tas-saċerdoti, 28 ta' Ottubru 1965: EV 1/771-818.

*PC* Digriet *Perfectae Caritatis*, dwar it-tiġdid u l-adattament tal-ħajja reliġjuża, 28 ta' Novembru 1965: EV 1/702-770.

*PO* Digriet *Presbyterorum Ordinis,* dwar il-ministeru u l-ħajja tal-presbiteri, 7 ta' Diċembru 1965: EV 1/1243-1318.

*SC* Kostituzzjoni *Sacrosanctum Concilium*, dwar il-liturġija mqaddsa, 4 ta' Diċembru 1963: EV 1/1-244.

*UR* Digriet *Unitatis Reintegratio*, dwar l-ekumeniżmu, 21 ta' Novembru 1964: EV 1/494-572.

## Dokumenti tal-Papiet

*CfL* Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika Post-Sinodali *Christifideles laici*, 30 ta' Diċembru 1988: EV 11/1606-1900.

*CV* Benedittu XVI, Ittra Enċiklika *Caritas in veritate*, dwar l-iżvilupp uman sħiħ fl-imħabba u fil-verità, 29 ta' Ġunju 2009: EV 26/680-703.

*EG* Franġisku, Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii gaudium*, dwar it-tħabbira tal-Vanġelu fid-dinja tal-lum, 24 ta' Novembru 2013: EV 29/2014-2396.

*EN* Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii nuntiandi,* dwar l-evanġelizzazzjoni fid-dinja tal-lum, 8 ta' Diċembru 1975: EV 5/1588-1716.

*ET* Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika *Evangelica testificatio*, dwar it-tiġdid tal-ħajja reliġjuża skont it-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II, 29 ta' Ġunju 1971: EV 4/996-1058.

*LE* Ġwanni Pawlu II, Ittra enċiklika *Laborem exercens*, dwar ix-xogħol tal-bniedem, f'għeluq id-disgħin sena mill-ħruġ tal-enċiklika "Rerum Novarum", 14 ta' Settembru 1981: EV 7/1388-1517.

*LS* Franġisku, Ittra Enċiklika *Laudato sì*, dwar il-kura tad-dar komuni, 24 ta' Mejju 2015: EV 31/581-827.

*MC* Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika *Marialis cultus*, dwar il-qima Marjana, 2 ta' Frar 1974: EV 5/13-97.

*PDV* Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Pastores dabo vobis*, dwar il-formazzjoni tas-Saċerdoti, 25 ta' Marzu 1992: EV 13/1154-1553.

*PP* Pawlu VI, Ittra Enċiklika *Populorum progressio*, dwar l-iżvilupp tal-popli, 26 ta' Marzu 1967: EV 2/1046-1132.

*RD* Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika *Redemptionis donum*, dwar il-konsagrazzjoni reliġjuża, 25 ta' Marzu 1984: EV 9/721-758.

*RM* Ġwanni Pawlu II, Ittra Enċiklika *Redemptoris missio,* dwar il-qawwa dejjiema tal-mandat missjunarju tal-Knisja, 7 ta' Diċembru 1990: EV 12/547¬-732.

*RMa* Ġwanni Pawlu II, Ittra Enċiklika *Redemptoris Mater*, dwar l-Imqaddsa Verġni Marija fil-ħajja tal-Knisja miexja fid-dinja, 25 ta' Marzu 1987: EV 10/1272-1421.

*SRS* Ġwanni Pawlu II, Ittra Enċiklika *Sollicitudo rei socialis*, f'għeluq l-għoxrin sena tal-Enċiklika "Populorum progressio", 30 ta' Diċembru 1987: EV 10/2503-2713.

*VC* Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika Post-Sinodali *Vita Consecrata*, 25 ta' Marzu 1996: EV 15/434-775.

## Dokumenti oħra tas-Santa Sede

*CIC* Kodiċi tad-Dritt Kanoniku, 1983.

*DCVR* Dokument *Id-Dimensjoni Kontemplattiva tal-Ħajja Reliġjuża* tal-Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja Konsagrata u l-Għaqdiet ta' Ħajja Appostolika, 12 ta' Awwissu 1980: EV 7/505-537.

*EE* Dokument *Elementi neċessarji fit-tagħlim tal-Knisja kif applikat lill-istituti ddedikati għall-ħidma t'appostolat* tal-Kongregazzjoni għar-Reliġjużi u għall-Istituti Sekulari, 31 ta' Mejju 1983: EV 9/193-296.

*LH* Istruzzjoni ġenerali *De Liturgia Horarum*, tal-Kongregazzjoni għall-Kult Divin, 11 ta' April 1971: EV 4/132-424.

*MR* Dokument *Mutuae Relationes*, tal-Kongregazzjoni għall-Isqfijiet u tal-Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja Konsagrata u l-Għaqdiet ta' Ħajja Appostolika, 14 ta' Mejju 1978: EV 6/586-717.

*PI* Istruzzjoni *Potissimum Institutioni*, dwar il-Formazzjoni fl-Istituti Reliġjużi, tal-Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja Konsagrata u l-Għaqdiet ta' Ħajja Appostolika, 2 ta' Frar 1990: EV 12/1-139.

*RdU* Direttorju *La recherche de l'unité* għat-tħaddim tal-prinċipji u tan-normi dwar l-ekumeniżmu, tal-Kunsill Pontifiċju għall-Għaqda tal-Insara, 25 ta' Marzu 1993: EV 13/2169-1507.

*RPU* Dokument *Religiosi e promozione umana*, tal-Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja Konsagrata u l-Għaqdiet ta' Ħajja Appostolika, 12

ta' Awwissu 1980: EV 7/436-504.

*SanP* Ittra ċirkolari *Il Santo Padre* u d-dokument li hemm miegħu *Orientamenti e proposte*, tal-Kongregazzjoni għall-Kult Divin, 3 ta' April 1987: EV 10/1441-1552.

*VFC* CIVCSVA, *Congregavit nos in unum Christi amor. Il-ħajja fraterna fil-komunità*, 2 ta' Frar 1994: EV 14/345-537.

## Dokumenti tal-Ordni Karmelitan

*AOC* *Analecta Ordinis Carmelitarum*, Romae, mill-1910.

Bull. Carm. *Bullarium Carmelitanum*, ed. E. Monsignani e J. A.Ximénez, 4 voll. Roma, 1715-1768.

*CCO* R.L. Tinambunan ed E. Boaga (edd.), *Corpus Constitutionum Ordinis Fratrum Beatissimae Virginis Mariae de Monte Carmelo* (*CCO*), 4 vol., Roma 2011-

*Fraternità li Titlob* Ittra *Fraternità li Titlob għall-Qadi tal-Poplu*, tas-Superjuri Ġenerali O.Carm – OCD fl-okkażjoni tal-Ħames Ċentinarju mill-Evanġelizzazzjoni tal-Amerika Latina, 16 ta' Lulju 1992: *AOC* 43/2 (1992), 150-156.

*Regola* Regola tal-Ordni tal-Aħwa tal-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu: *Analecta Ordinis Carmelitarum*, 50 (1999), pp. 151-155.

## Abbrevjazzjonijiet oħra

| | |
|---|---|
| AAS | *Acta Apostolicae Sedis* |
| art. | artiklu / artikli |
| k. | kapitlu / kapitli |
| kan. | kanone / kanoni tal-*Kodiċi tad-Dritt Kanoniku* 1983 |
| CCEO | *Codex Canonum Ecclesiarum Orientalium* |
| CELAM | *Consejo Episcopal Latinoamericano* |
| CIVCSVA | Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja Konsagrata u l-Għaqdiet ta' Ħajja Appostolika |

| | |
|---|---|
| Kongr. Ġen. | Kongregazzjoni Ġenerali |
| Kuns. Prov. | Kunsill tal-Provinċji |
| EV | *Enchiridion Vaticanum*, Edizioni Dehoniane Bologna |
| n. / nri. | numru / numri |
| p. / pp. | paġna / paġni |
| par. | paragrafu |
| O.Carm. | Ordo Fratrum Beatissimae Virginis Mariae de Monte Carmelo |
| OCD | Ordo Fratrum Discalceatorum Beatissimae Virginis Mariae de Monte Carmelo |
| RIVC | *Ratio Institutionis Vitae Carmelitanae* |

# IR-REGOLA KARMELITANA

## 1.

Albertu, imsejjaħ mill-grazzja ta' Alla, Patrijarka tal-Knisja ta' Ġerusalemm, lill-ulied maħbuba fi Kristu, B. u l-eremiti l-oħra li jgħixu taħt l-ubbidjenza tiegħu, ħdejn il-għajn fil-Għolja tal-Karmelu, is-sliem fil-Mulej u l-barka tal-Ispirtu s-Santu.

## 2.

Ħafna drabi u b'ħafna manjieri,[1] is-Santi Padri ddeċidew b'liema mod kull wieħed – ikun f'liema Ordni jkun, jew tkun liema tkun il-għamla ta' ħajja reliġjuża li jkun għażel – għandu jgħix f'ubbidjenza lejn Ġesù Kristu[2] u jaqdih fedelment b'qalb safja u b'kuxjenza tajba.[3]

## 3.

B'danakollu, ladarba qegħdin titolbuna, nagħtukom għamla ta' ħajja li taqbel mal-ideal tagħkom; lilha għandkom tħarsu minn issa 'l quddiem.

## 4.

Nordnaw l-ewwel nett li jkollkom wieħed minnkom bħala Pirjol li jintgħażel għal dan l-uffiċċju bil-kunsens ta' kulħadd jew tal-parti l-kbira u l-aktar għaqlija; lilu, kull wieħed mill-oħrajn iwiegħed ubbidjenza u jfittex iħares il-wegħda bis-sewwa tal-għemil[4] flimkien mas-safa u ċ-ċaħda ta' kulma għandu.

## 5.

Tistgħu toqogħdu f'postijiet imwarrba jew fejn jagħtukom, basta jkun xieraq u jgħodd għall-ħarsien tal-ħajja reliġjuża tagħkom, skont kif il-Pirjol u l-aħwa jidhrilhom li jkun jaqbel.

---

1 Lhud 1,1

2 2 Kor 10,5

3 1 Tim 1,5

4 1 Ġw 3,18

**6.**

Barra minn hekk, skont il-qagħda tal-post fejn għażiltu li toqogħdu, kull wieħed minnkom ikollu kamra waħda maqtugħa mill-oħrajn li tingħata lil kull wieħed skont kif jidhirlu l-Pirjol innifsu bi ftehim mal-aħwa l-oħra jew mal-parti l-aktar għaqlija.

**7.**

B'danakollu,daklitaqilgħugħall-ikelgħandkomtiħduhflimkien,f'refettorju wieħed, waqt li jekk jista' jkun, tisimgħu xi qari mill-Kotba Mqaddsa.

**8.**

L-ebda reliġjuż ma jista', mingħajr il-permess tal-Pirjol li jkun fil-kariga, ibiddel il-kamra mogħtija lilu jew jibdilha ma' ta' ħaddieħor.

**9.**

Il-kamra tal-Pirjol tkun ħdejn id-daħla tal-post fejn toqogħdu, sabiex huwa jkun l-ewwel li jilqa' lil min jiġi f'dan il-post u mbagħad dak kollu li għandu jsir, isir skont il-fehma u r-rieda tiegħu.

**10.**

Kull wieħed għandu joqgħod f'kamartu, jew ħdejha, lejl u nhar jaħseb fuq il-Liġi tal-Mulej[5] u jishar fit-talb,[6] sakemm ma jkunx medhi fi ħwejjeġ oħra ta' siwi.

**11.**

Dawk li jafu jgħidu t-Talb tas-Sigħat mal-kjerċi, għandhom jgħiduh skont id-dispożizzjonijiet tas-Santi Padri u d-drawwa mwettqa mill-Knisja. Dawk li ma jafuhx, fis-sahra ta' billejl, jgħidu ħamsa u għoxrin Missierna, barra l-Ħdud u l-festi solenni li fl-uffiċċju tagħhom ta' billejl l-għadd imsemmi rridu li jkun daqshekk darb'oħra, hekk illi l-Missierna tingħad għal ħamsin darba. Din it-talba tingħad għal seba' darbiet fit-talb ta' filgħodu. Fis-sigħat l-oħra tingħad ukoll l-istess talba għal seba' darbiet

5 S 1,2

6 1 Pt 4,7

f'kull siegħa, barra mill-uffiċċju ta' filgħaxija li fih għandkom tgħiduha għal ħmistax-il darba.

**12.**

Ħadd mill-aħwa ma jgħid li għandu xi ħaġa tiegħu, imma kollox ikun komuni fostkom u jitqassam minn idejn il-pirjol jew minn xi reliġjuż maħtur minnu għal dan l-uffiċċju, waqt li jagħti kas tal-età u l-ħtiġijiet ta' kull wieħed.

**13.**

Tistgħu wkoll iżżommu xi ħmir jew bgħula, skont kif il-ħtieġa tagħkom titlob, u trabbu xi annimali jew tjur.

**14.**

Sabiex ikun aktar adattat, l-oratorju għandu jinbena f'nofs iċ-ċelel; fih, mas-sebħ, għandkom tinġabru kuljum, meta jkun possibbli, ħalli tisimgħu l-quddiesa.

**15.**

Fil-Ħdud jew fi ġranet oħra, meta jkun meħtieġ, iddiskutu fuq l-osservanza tal-ordinament tal-ħajja u s-salvazzjoni ta' ruħkom, u fl-istess ħin in-nuqqasijiet u l-ħtijiet tal-aħwa, jekk jinstabu f'xi ħadd, jiġu kkoreġuti bl-imħabba.

**16.**

Għandkom issumu kuljum, minbarra l-Ħdud, mill-festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib sa Ħadd il-Għid, sakemm il-mard jew id-dgħufija tal-ġisem, jew xi raġuni oħra ġusta, ma jitolbux li s-sawma tinkiser; għax il-bżonn m'għandux liġi.

**17.**

Laħam la tiklux, jekk mhux bħala kura għall-mard u għan-nuqqas ta' saħħa. U billi ta' sikwit jeħtiġilkom tittallbu meta tkunu qegħdin tivvjaġġaw, barra mill-kunvent tagħkom, tistgħu tieħdu ikel imsajjar bil-

laħam biex ma tkunux ta' piż għal min jilqagħkom; fuq il-baħar tistgħu tieklu l-laħam ukoll.

## 18.

Ladarba l-ħajja tal-bniedem fuq l-art hija ħajja ta' tiġrib[7] u dawk kollha li jridu jgħixu tajjeb fi Kristu jsofru t-tbatija,[8] u billi l-għadu tagħkom, ix-xitan, idur madwarkom bħal iljun jgħajjat, ifittex lil min jibla',[9] għandkom tħabirku bl-akbar ħeġġa li tilbsu l-armi ta' Alla sabiex tistgħu żżommu sħaħ quddiem it-tnassis tal-għadu.[10]

## 19.

Ħażżmu ġenbejkom[11] bil-ħżiem tas-safa; saħħu qlubkom bi ħsibijiet qaddisa għax hemm miktub: *"Il-ħsieb qaddis iħarsek."*[12] Ilbsu l-kurazza tal-ġustizzja[13] sabiex tħobbu lill-Mulej Alla tagħkom b'qalbkom kollha, b'ruħkom kollha u bil-ħila kollha u 'l-proxxmu tagħkom bħalkom infuskom.[14] Żommu f'kollox it-tarka tal-fidi ħalli biha tkunu tistgħu titfu l-vleġeġ tan-nar kollha tax-xitan:[15] għaliex mingħajr il-fidi ma jistax ikun li togħġbu 'l Alla.[16] Xiddu f'raskom l-elmu tas-saħħa[17] sabiex tistennew il-ħelsien mingħand il-Feddej waħdieni li jifdi l-poplu tiegħu minn dnubietu.[18] Is-sejf tar-ruħ hu l-Kelma t'Alla;[19] ħa tgħammar bil-kotra fil-

---

7 Ġob 7,1

8 2 Tim 3,12

9 1 Pt 5,8

10 Ef 6,11

11 Ef 6,14

12 Prov 2,11

13 Ef 6,14

14 Mk 12,30-31

15 Ef 6,16

16 Lhud 11,6

17 Ef 6,17

18 Mt 1,21

19 Ef 6,17

fomm u fil-qalb tagħkom[20] u kulma tagħmlu, agħmluh skont il-Kelma tal-Mulej.[21]

## 20.

Għandkom tagħmlu xi biċċa xogħol ħalli x-xitan isibkom dejjem medhija, li ma jirnexxilux isib fil-għażż tagħkom xi daħla minn fejn jidħol f'ruħkom. Għandkom hawnhekk it-tagħlim kif ukoll l-eżempju ta' San Pawl Appostlu, li b'fommu kien jitkellem Kristu,[22] u li nħatar u ngħata minn Alla bħala xandar u għalliem tal-fidi u tas-sewwa lill-ġnus[23] u jekk timxu warajh ma jistax ikun li titqarrqu: *"Meta konna fostkom,"* jgħid huwa, *"lejl u nhar ħdimna u tħabatna u batejna biex ma nkunu ta' piż għal ħadd minnkom. Imxejna hekk mhux għaliex ma għandniex dritt li żżommuna intom, imma ridna nagħtukom eżempju biex timxu fuqu. Meta konna fostkom aħna ordnajnielkom li jekk xi ħadd ma jridx jaħdem, dan anqas ma għandu jiekol. Issa aħna smajna li hemm xi wħud fostkom li qed jitgħażżnu; mhumiex jaħdmu, imma qed jinħlew fix-xejn. Lil dawn in-nies nordnawlhom u nwissuhom, f'isem Sidna Ġesù Kristu, biex jaħdmu bil-kwiet u għejxienhom jaqilgħuh."*[24] Din it-triq hija qaddisa u tajba: imxu fiha.[25]

## 21.

L-Appostlu mbagħad jirrakkomanda s-skiet xħin amar li x-xogħol isir bil-kwiet;[26] u kif il-Profeta jixhed: il-ħarsien tal-ġustizzja huwa s-skiet;[27] u wkoll: fis-skiet u fit-tama tkun il-qawwa tagħkom.[28] Għalhekk nistabbilixxu li minn xħin tingħad il-kompieta, iżżommu s-skiet sakemm tgħidu l-Prima

---

20 Rum 10,8

21 Kol 3,17

22 2 Kor 13,3

23 1 Tim 2,7

24 2 Tes 3,7-12

25 Iż 30,21

26 2 Tes 3,12

27 Iż 32,17

28 Iż 30,15

tal-għada. Fil-ħinijiet l-oħra, għalkemm huwa permess li ma jkunx hemm ħarsien kbir tas-skiet, b'danakollu ta' min joqgħod attent mill-ħafna kliem żejjed għax kif hemm miktub u kif tgħallem l-esperjenza: *"fil-kliem żejjed id-dnub ma jonqosx"*[29] u *"min ipaċpaċ kif ġie ġie, iġarrab id-deni"*;[30] ukoll: *"min jgħid wisq, jagħmel ħsara lil ruħu."*[31] U l-Mulej fl-Evanġelju jgħid: *"Ta' kull kelma żejda li jgħidu l-bnedmin, iridu jagħtu kont tagħha f'jum il-ħaqq."*[32] Għalhekk, kull wieħed jagħmel miżien għal kliemu u jrażżan sewwa fommu li ma jmurx jiżloq minħabba fi lsienu, u l-waqgħa ma jqumx minnha sal-mewt.[33] Kull wieħed iħares mal-Profeta l-imġiba tiegħu ħalli ma jonqosx bi lsienu[34] u jfittex li, bir-reqqa u bl-attenzjoni josserva s-skiet li fih hemm il-ħarsien tal-ġustizzja.

## 22.

U inti, ħija B, u kull min warajk jinħatar pirjol, żommu dejjem f'moħħkom u wettqu bl-għemil dak li l-Mulej jgħid fil-Vanġelu: *"Kull min irid ikun il-kbir fostkom għandu jkun il-qaddej tagħkom u kull min irid ikun l-ewwel fostkom, ikun l-ilsir ta' kulħadd."*[35]

## 23.

Intom ukoll, l-aħwa l-oħra, weġġgħu bl-umiltà lill-pirjol tagħkom waqt li ġġibu quddiemkom aktar milli lilu, lil Kristu li qiegħdu fuqkom u li jgħid lill-kapijiet tal-Knisja: *"Min jisma' minnkom, jisma' minni; min imaqdar lilkom, imaqdar lili,"*[36] sabiex ma jsirx ħaqq minnkom għax inqastu imma talli obdejtu jkun jistħoqqilkom il-ħlas tal-ħajja ta' dejjem.

---

29 Prov 10,19

30 Prov 13,3

31 Sir 20,8

32 Mt 12,36

33 Sir 28,29-30

34 S 39,2

35 Mt 20,26-27

36 Lq 10,16

**24.**

Ktibnielkom dan fil-qosor billi tajniekom għamla ta' ħajja ħa timxu fuqha. Jekk xi ħadd jagħmel iktar minn dan, il-Mulej innifsu, meta jiġi għall-ħaqq, iħallsu; b'danakollu ta' min juża l-prudenza għax hi tmexxi kull virtù.

# IL-KOSTITUZZJONIJIET
# 2019

# L-EWWEL TAQSIMA

## IL-KARIŻMA U L-MISSJONI TAL-KARMELU U L-KARATTERISTIĊI FUNDAMENTALI TIEGĦU

# Kapitlu I

# Id-Don u l-Missjoni tal-Ordni

## 1.

F'Ġesù Kristu, Bin il-Missier u "l-kbir fost il-ħlejjaq kollha",[1] aħna ngħixu għamla ġdida ta' għaqda ma' Alla u mal-proxxmu u hekk nieħdu sehem mill-missjoni tal-Verb li sar bniedem u niffurmaw il-Knisja, li hija fi Kristu "bħal sagrament jew sinjal u strument tal-għaqda intima ma' Alla u tal-unità tal-ġens kollu tal-bniedem".[2]

## 2.

Filwaqt li ngħixu f'ubbidjenza lejn Ġesù Kristu[3] u nħaddnu l-Evanġelju tiegħu bħala l-aqwa regola ta' ħajjitna,[4] bis-saħħa tal-Ispirtu tiegħu, li jqassam lil kull wieħed id-doni tiegħu skont ir-rieda divina,[5] infittxu li ngħixu fil-qadi ta' xulxin kemm bejnietna, kif ukoll lejn il-bnedmin l-oħra. L-għan ta' ħajjitna huwa li ninbidlu fi Kristu. Hekk naħdmu flimkien sabiex iseħħ f'din id-dinja l-pjan ta' Alla, li jrid jiġbor lil kulħadd f'poplu qaddis.[6]

## 3.

Fost id-doni tal-Ispirtu hemm ukoll il-ħajja evanġelika li aħna nipprofessaw bħala reliġjużi: imsejħin minn Kristu sabiex ngħixu u nxerrdu l-qawwa tiegħu li tibdel u teħles, u l-ħajja evanġelika b'mod proprju, effikaċi u attwali. Din il-ħajja hija kkaratterizzata minn tfittxija bir-reqqa ta' Alla f'għaqda sħiħa ma' Kristu, li turi ruħha fil-ħajja fraterna u fil-ħeġġa appostolika.

---

1 Kol 1,15.

2 *LG* 1.

3 Ara *Regola*, n. 2.

4 Ara *PC* 2.

5 Ara 1 Kor 12,11.

6 Ara *LG* 9; *GS* 32.

## 4.

Is-sejħa għall-ħajja Karmelitana hija inizjattiva ħielsa u gratwita ta' Alla[7] li titlob tweġiba personali: l-għażla fundamentali ta' ħajja ddedikata b'mod konkret u radikali biex timxi wara Kristu. Din il-vokazzjoni ġġib magħha l-aċċettazzjoni sħiħa tal-kundizzjonijiet li Kristu, kast, fqir u ubbidjenti,[8] jitlob minn dawk li jridu jimxu warajh f'din l-għamla ta' ħajja: jiġifieri l-aċċettazzjoni tar-rieda ta' Alla, bħala sehem fl-ubbidjenza ta' Kristu; il-ħajja fqira u li kollox ikun ta' kulħadd, bħala wirja tal-għaqda tagħna fi Kristu u tal-għaqda evanġelika tagħna mal-aħwa; u fl-aħħar il-kastità kkonsagrata, bħala wirja tal-imħabba lejn Alla u lejn l-aħwa. Meta ngħixu b'dan il-mod insiru "memorjal ħaj tal-mod ta' kif jgħix u jaġixxi Ġesù"[9] u hekk nagħtu xhieda tal-"meravilji li Alla jagħmel fl-umanità fraġli tal-persuni msejħa".[10]

## 5.

Aħna nħarsu lejn il-ħajja kkonsagrata tagħna l-ewwel nett bħala stedina u rigal kbir ta' Alla, li bih aħna kkonsagrati lil Alla biex naqdu lil ħutna fuq l-eżempju ta' Kristu. "Bla dubju ta' xejn," il-Knisja tagħraf il-ħajja ta' konsagrazzjoni speċjali permezz tal-kunsilli evanġeliċi, "bħala sehem mill-ħajja u l-qdusija tagħha".[11] Din il-vokazzjoni tipperfezzjona fina l-qawwa kariżmatika li rċevejna fil-magħmudija u fil-griżma biex ngħixu l-fraternità komuni tagħna, għall-fatt li tgħaqqadna mal-Knisja u tħejjina għall-qadi ta' Alla u tal-bnedmin, "biex innisslu u nsaħħu fl-erwieħ is-Saltna ta' Kristu u nwassluha f'kull naħa tad-dinja."[12]

## 6.

Aħna nagħrfu li l-Missier isejħilna b'mod partikolari biex ngħixu s-sejħa għall-qdusija u għad-dixxipulat permezz tal-Knisja li hija l-Poplu ta' Alla,

---

7 *VC* 17.

8 *VC* 1,17-19.

9 *VC* 22.

10 *VC* 20.

11 *LG* 44; ara *VC* 29.

12 *LG* 44.

l-għarusa u l-ġisem ta' Kristu. Tabilħaqq, "il-fidili kollha, bis-saħħa tat-twelid mill-ġdid tagħhom fi Kristu, għandhom sehem mill-istess dinjità; kollha huma msejħin għall-qdusija; kollha jikkoperaw fil-bini tal-Ġisem wieħed ta' Kristu, kulħadd skont il-vokazzjoni tiegħu u d-don li rċieva mill-Ispirtu (ara Rum 12,3-8)".[13] Għal din ir-raġuni, aħna – Aħwa tal-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu – nistaqsu lilna nfusna x'inhuma, fost tant varjetajiet ta' karizmi u vokazzjonijiet, il-karatteristiċi li jagħtu lill-familja reliġjuża tagħna l-fiżjonomija proprja tagħha fil-Knisja.

## 7.

Fi żmien il-Kruċjati tal-Art Imqaddsa, xi eremiti bdew jgħixu f'diversi nħawi fil-Palestina. Xi wħud minnhom "fuq l-eżempju tal-profeta Elija, bniedem qaddis li kellu għal qalbu l-ħajja ta' waħdu, kienu jgħixu ħajja solitarja fuq l-Għolja tal-Karmelu, ħdejn għajn, imsejħa l-għajn ta' Elija. Fil-kmamar żgħar tagħhom, qishom xehda, bħal naħal tal-Mulej, kienu jiġbru l-għasel divin tal-ħlewwa spiritwali."[14]

## 8.

Aktar tard, fuq talba tal-eremiti nfushom, S. Albert, patrijarka ta' Ġerusalemm, ġabarhom f'*collegium* wieħed u tahom għamla ta' ħajja skont l-ideal (*propositum*)[15] eremitiku tagħhom u li kien jaqbel mal-ispirtu tal-hekk imsejjaħ pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa u tal-ewwel komunità ta' Ġerusalemm.[16] Għax dawn l-eremiti, imqanqlin "mill-imħabba lejn l-Art Imqaddsa, ikkonsagraw ruħhom lil Dak li kien rebaħha bit-tixrid ta' demmu, biex jaqduh b'ħajja reliġjuża u fqira,"[17] filwaqt li jibqgħu jgħixu "f'penitenza qaddisa"[18] u jiffurmaw komunità fraterna.

13 *VC* 31; LG 32.

14 Jacques de Vitry, *Historia Orientalis*, kk. 51 u 52, in J. Bongars, ed., *Gesta Dei per Francos*, Hanover, 1611, I, pp. 1074s.

15 *Regola* n. 3.

16 Ara *Regola*, nri. 10,14,18,19. Ġw 15,4; 14,23; Lhud 13,14; Apk 21; u *Regola*, nri. 10-15. Atti 2,42-47; 4,32-36.

17 Bolla *Ex vestrae religionis* ta' Urbanu IV tal-5 ta' Awwissu 1262, *Bull.carm.*, I, p. 523.

18 *Constitutiones capituli Londinensis anni 1281*, Rubrica I, in CCO, vol. I, 1281-1456, Roma 2011, p. 57.

## 9.

Aktar 'il quddiem din l-għamla ta' ħajja ġiet approvata minn Onorju III fl-1226, minn Girgor IX fl-1229 u minn Innoċenz IV fl-1245.[19] Dan l-aħħar papa mbagħad approvaha definittivament bħala Regola vera u proprja fl-1247, filwaqt li adattaha għall-kundizzjonijiet tal-ħajja tal-Punent.[20] Il-ħtieġa ta' dan l-adattament inħasset meta l-Karmelitani bdew jemigraw lejn il-Punent biex jaħarbu mill-persekuzzjonijiet u meta l-istess Karmelitani wrew ix-xewqa tagħhom li jkollhom xi għamla ta' ħajja "li fiha, bl-għajnuna ta' Alla, setgħu jaħdmu bil-ferħ għas-salvazzjoni tagħhom u tal-proxxmu."[21]

## 10.

L-approvazzjoni tar-Regola minn Innoċenz IV tat lill-Karmelitani l-fakultà li jingħataw għall-qadi tal-Knisja fuq l-ideal komuni tal-Mendikanti, jew aħjar tal-ordnijiet tal-fraternità appostolika. B'danakollu huma żammew il-kwalitajiet speċifiċi tal-kariżma tagħhom li rċevew fil-bidu,[22] u li matul iż-żminijiet iddew bħala karatteristika partikolari tal-Karmelu, kemm fost il-membri tiegħu u wkoll fil-Knisja, l-aktar minħabba l-għalliema tal-ħajja spiritwali li Alla qajjem fi ħdan l-Ordni.

## 11.

Ir-Regola tfassal il-linji fundamentali tal-ħajja Karmelitana f'ubbidjenza lejn Kristu, skont l-ispirtu tal-Ordni: il-Karmelitan lejl u nhar jaħseb fuq il-Liġi tal-Mulej,[23] fis-skiet u fis-solitudni, sabiex il-Kelma ta' Alla tgħammar bil-kotra fil-fomm u fil-qalb ta' min jistqarrha;[24] jitlob bla

---

19 Ara l-Bolli *Ut vivendi normam* ta' Onorju III tat-30 ta' Jannar 1226, *Ex officii nostri* ta' Girgor IX tas-6 ta' April 1229, *Ex officii nostri* ta' Innoċenz IV tat-8 ta' Ġunju 1245; Bull. Carm., I, pp. 1, 4-5,5.

20 Ara l-*Bolla Quae honorem Conditoris* ta' Innoċenz IV tal-1 ta' Ottubru 1247; *Bull. Carm.*, I, p. 8.

21 *Bolla Paganorum incursus* ta' Innoċenz IV tas-27 ta' Lulju 1246; ed. A. Staring, *Carmelus*, 27 (1980) 281-282.

22 Ara *Regola*, nri. 10, 18-19; *Costitutiones Capitoli Londineusis anno 1281*, Rubrica III-V, CCO, vol I, pp. 58-59.

23 *Regola*, n. 10.

24 *Regola*, nri. 10,19,21.

waqfien l-aktar b'sahriet u salmi;[25] jilbes l-armi spiritwali;[26] jgħix f'għaqda fraterna murija fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija ta' kuljum,[27] fil-laqgħa kapitulari tal-aħwa,[28] u fil-qsim tal-ġid;[29] fil-korrezzjoni bl-imħabba u fraterna tal-ħtijiet,[30] b'ħajja ta' xogħol u ta' caħda,[31] mibnija fuq il-fidi, it-tama u l-imħabba; f'għaqda sħiħa tar-rieda tiegħu mar-rieda ta' Alla, mistħarrġa bil-fidi, bid-djalogu u bil-qadi tal-pirjol lill-aħwa.[32]

## 12.

Karatteristiċi oħra tal-ispiritwalità tal-Karmelu huma l-aspett Eljana, li l-Karmelitani żviluppaw huma u jgħixu fuq il-Karmelu, il-post fejn il-profeta għamel ħwejjeġ kbar, u l-familjarità ta' ħajja spiritwali ma' Marija, li l-istess isem ta' Aħwa tagħha u l-ewwel oratorju fuq l-Għolja tal-Karmelu dedikat lilha, huma xhieda l-aktar ħajja.

## 13.

Filwaqt li l-bniedem qiegħed jagħti bidu għal żminijiet ġodda fl-istorja, aħna l-Karmelitani, imsaħħin mill-Ispirtu li qed jaħdem fil-Knisja, infittxu li nadattaw il-programm ta' ħajjitna għall-kundizzjonijiet il-ġodda.[33] Id-dinja tagħna, għanja fil-possibilitajiet u fl-opportunitajiet, tinsab fi stat kontinwu li tikber u tiżviluppa, imma hija wkoll mimlija b'kontradizzjonijiet, u b'danakollu nifirħu bil-kisbiet li seħħew.[34] Aħna nfittxu li nifhmu s-sinjali taż-żminijiet, biex neżaminawhom fid-dawl

25 *Regola*, nri. 10,11.

26 *Regola*, nri. 18,19.

27 *Regola*, n. 14.

28 *Regola*, n. 15.

29 *Regola*, nri. 7,12,13.

30 *Regola*, n. 15.

31 *Regola*, nri. 16,17,20.

32 *Regola*, nri. 22-24.

33 Ara Kongr. Ġen. 1992, *AOC*, 43/1 (1992), 35-36.

34 *VFC* 4; *EG* 52-75.

tal-Evanġelju, tal-kariżma u tal-wirt spiritwali tagħna,[35] ħalli b'hekk ninkarnawh fid-diversi kulturi.[36]

35 Ara *PC* 2.

36 Ara Kongr. Ġen. 2005, *AOC*, 56/1 (2005), 89.

# Kapitlu II

# Il-Kariżma tal-Ordni

## 14.

"Ngħixu f'ubbidjenza lejn Ġesù Kristu u naqduh fedelment b'qalb safja u b'kuxjenza tajba":[37] din is-sentenza ispirata minn San Pawl hija l-għajn ta' kull element tal-kariżma tagħna u l-pedament li fuqu Albertu bena l-proġett tal-ħajja tagħna. Il-kuntest partikolari tal-oriġini fil-Palestina u l-approvazzjoni tal-Ordni kif seħħet storikament min-naħa tas-Sede Appostolika, għanew b'riflessjonijiet ispirati ġodda l-għamla tal-ħajja tar-Regola. Il-Karmelitani jgħixu f'ubbidjenza lejn Ġesù Kristu b'mod kontemplattiv imħarreġ minn ħajja ta' talb, ta' fraternità u ta' qadi f'nofs il-poplu. Id-direzzjoni lejn il-kontemplazzjoni mhix biss waħda mill-elementi tal-kariżma tagħna, iżda hi l-element dinamiku li jorbothom flimkien. Hemm rabta intima bejn l-unità tal-kariżma u l-pluralità tal-espressjoni tal-Ordni, lil hinn minn kull diversità kulturali.

## 1. Il-kontemplazzjoni, id-dimensjoni li tgħaqqad il-ħajja Karmelitana

## 15.

Sa mill-bidu, it-tfittxija ta' wiċċ Alla l-ħaj b'atteġġjament kontemplattiv kien dak li fforma l-ħajja Karmelitana. Dan jidher b'mod ċar fir-Regola li tippreżentalna komunità ta' aħwa ddedikata kollha kemm hi għall-Kelma[38] b'attenzjoni u attitudni ta' talb, li tiċċelebra u tfaħħar lill-Mulej bil-qima.[39] Ir-Regola titkellem dwar komunità li l-membri tagħha huma miftuħin għall-azzjoni tal-Ispirtu u ffurmati mill-valuri tal-Ispirtu: is-safa, il-ħsibijiet qaddisa, il-ġustizzja, l-imħabba, il-fidi, l-istennija

37 *Regola*, n. 2; 2 Kor 10,5; 1 Tim 1,5.

38 *Regola*, n. 10.

39 *Regola*, n. 11.

tas-salvazzjoni,[40] il-ħidma mwettqa fil-kwiet,[41] is-skiet, li kif jgħidilna l-Profeta, huwa l-ħarsien tal-ġustizzja u jagħti għerf lill-kliem u lill-ġesti,[42] u d-dixxerniment "li jmexxi kull virtù".[43]

## 16.

Il-kontemplazzjoni tibda meta aħna nintelqu f'idejn Alla, b'kull mod li Alla jagħżel li jersaq lejna; dan huwa atteġġjament ta' ftuħ lejn Alla, li f'kollox insibu l-preżenza tiegħu. Għalhekk, il-kontemplazzjoni hija l-vjaġġ interjuri tal-Karmelitani, li tibda mill-inizjattiva ħielsa ta' Alla, li tmissna u tibdilna, u tmexxina lejn l-għaqda ma' Alla fl-imħabba, u terfagħna b'tali mod li nkunu nistgħu ngawdu minn din l-imħabba gratwita u ngħixu f'dik il-preżenza ta' mħabba mimlija għożża. Din l-imħabba, li tgelgel minn Alla, ittina l-esperjenza li tibdilna: tbattalna mill-atteġġjamenti umani, limitati u imperfetti, ta' kif naħsbu, inħobbu u nġibu ruħna, u ttihom il-laqta divina. Il-Karmelitani jimpenjaw ruħhom, bil-fraġilità umana kollha tagħhom, biex ftit ftit iqiegħdu lil Ġesù msallab, imneżża' u mċaħħad minn kollox, bħala l-veru ċentru ta' ħajjithom; huma jindirizzaw l-enerġiji kollha tagħhom lejh fil-fidi, filwaqt li jegħlbu kull tfixkil milli jtellifhom id-dipendenza sħiħa fuqu, jew li ma jħallihomx jindirizzaw l-imħabba perfetta lejn Alla u lejn l-oħrajn. Dan il-proċess ta' distakk, li jwassal għall-għaqda ma' Alla – l-għan aħħari ta' kull żvilupp uman – insibuh fl-ispiritwalità tagħna, fl-espressjonijiet "safa tal-qalb" (*puritas cordis*), "ftuħ totali għal Alla" (*vacare Deo*), u l-esperjenza tad-deżert. Meta jgħixu bħal Kristu, solidali mad-drammi u t-tamiet tal-umanità,[44] il-Karmelitani jagħrfu jieħdu deċiżjonijiet xierqa sabiex ikunu miftuħin għall-bidla tal-ħajja, u hekk jagħmluha aktar taqbel mar-rieda tal-Missier.

---

40 *Regola*, n. 19.

41 *Regola*, n. 20.

42 *Regola*, n. 21.

43 *Regola*, n. 24.

44 *GS* 1.

## 2. It-Talb

### 17.

It-tradizzjoni tal-Ordni minn dejjem fissret ir-Regola u l-kariżma tat-twaqqif tiegħu bħala espressjoni tal-għamla kontemplattiva tal-ħajja, vokazzjoni kontemplattiva li fuqha sikwit jitkellmu l-għalliema spiritwali l-kbar tal-Familja Karmelitana. Il-kontemplazzjoni għandha wkoll valur evanġeliku u ekkleżjali.[45]

### 18.

It-talb huwa l-mod kif aħna nġibu ruħna ma' Alla kemm bħala individwi u wkoll bħala komunità. Fit-talb ninfetħu għal Alla li bil-mod il-mod jibdilna permezz tal-ġrajjiet kollha, żgħar u kbar, ta' ħajjitna. Dan il-proċess ta' bidla jippermettilna nżommu relazzjonijiet awtentiċi; jagħmilna disponibbli u għatxana li naqdu, minbarra li jseddaqna fil-ħniena u fis-solidarjetà. Ikollna l-ħila nippreżentaw lill-Missier it-tamiet tagħna, l-inkwiet, ix-xewqat u l-għajta tan-nies. It-taħriġ fit-talb mhuwiex biss l-għajn tal-ħajja spiritwali tagħna, imma jiddetermina wkoll il-kwalità tal-ħajja fraterna tagħna u tal-qadi tagħna f'nofs il-poplu ta' Alla. Il-fiduċja tagħna fit-talb, jekk ngħixuha b'fedeltà mal-ġrajjiet kumplessi tal-ħajja ta' kuljum, jagħmel mill-fraternità Karmelitana xhud tal-preżenza ħajja u misterjuża ta' Alla fost il-poplu tiegħu. It-tfittxija għal wiċċ Alla u l-aċċettazzjoni tad-doni tal-Ispirtu jagħmlu lill-Karmelitani aktar attenti għas-sinjali taż-żminijiet, sensibbli għaż-żerriegħa tal-preżenza tal-Verb fl-istorja, ukoll permezz tal-viżjoni u l-valutazzjoni tal-fatti u tal-ġrajjiet fil-Knisja u fis-soċjetà.[46] Ispirati mill-Kelma u f'għaqda mal-Knisja kollha, l-aħwa jinġabru flimkien biex ifaħħru lill-Mulej[47] u jistiednu lill-oħrajn biex jaqsmu magħhom l-esperjenza tat-talb.

---

45 Ara *PC* 7.

46 Ara *GS* 41; Il Kuns. Prov. 1973, *AOC*, 31/2 (1973), 72.

47 *Regola*, n. 11.

## 3. Il-Fraternità

### 19.

Il-mod kontemplattiv ta' kif inħarsu lejn id-dinja ta' madwarna, li jgħinna nsibu 'l Alla preżenti fl-esperjenzi tagħna ta' kuljum, jgħinna nsibuh b'mod speċjali f'ħutna. Hekk naslu biex naraw il-kobor tal-persuni li jinsabu magħna u li magħhom naqsmu ħajjitna. Il-fraternità hija l-ambjent li fih tidher il-bidla ġewwa fina. Aħna niskopru l-fraternità komuni tagħna aħna u mixjin flimkien lejn Alla, filwaqt li ngħinu lil xulxin fid-diffikultajiet tal-vjaġġ.[48] Ir-Regola tagħna titlob li aħna nkunu verament aħwa[49] u tfakkarna li l-kwalità tar-relazzjonijiet interpersonali li jikkaratterizzaw il-ħajja komunitarja tal-Karmelu għandhom ikunu żviluppati fuq l-eżempju ispirattiv tal-ewwel komunità ta' Ġerusalemm.[50] Għalina, li nkunu *fratres* ifisser li nikbru fl-għaqda u fl-unità,[51] 'il fuq minn privileġġi u distinzjonijiet,[52] fil-parteċipazzjoni u fir-responsabbiltà,[53] fil-qsim tal-ġid,[54] tal-proġett ta' ħajja komuni u tal-kariżmi personali;[55] ifisser ukoll li nkunu attenti għall-ġid spiritwali u psikoloġiku tal-persuni, billi wieħed jgħaddi mit-triq tad-djalogu u tar-rikonċiljazzjoni.[56]

### 20.

Il-ħajja reliġjuża mgħejxa fil-komunità hija "sinjal elokwenti"[57] tal-Knisja, li hija "essenzjalment misteru ta' komunjoni"[58] u "ikona tat-Trinità".[59]

48 *Regola*, n. 11.

49 Ara *Regola*, nri. 5,6,8,12,15,22,23; Kongr. Ġen. 1974, *AOC,* 31/4 (1974), 174.

50 Ara *Regola*, nn. 10-15, Atti 2,42-46; 4,32-36.

51 Ara *Regola*, nn. 14-15.

52 Ara *Regola*, nn. 4-6, 8, 22, 23.

53 Ara *Regola*, nn. 4-6.

54 Ara *Regola*, nn. 6, 7, 12, 13.

55 Ara *Regola*, n. 15.

56 Ara *Regola*, nn. 15, 16, 17.

57 *VC* 42.

58 *VC* 41.

59 *VFC* 9; Papa Franġisku, *Lettera ai consacrati*, 21 ta' Novembru 2014.

Il-valuri tagħna tal-fraternità jintwerew u jsibu l-qawwa tagħhom fil-Kelma, fl-Ewkaristija u fit-talb. Fis-smigħ tal-Kelma, mitluba u mgħejxa fis-skiet, weħidna u fil-komunità,[60] b'mod speċjali fil-*lectio divina*, il-Karmelitani huma mmexxijin ta' kuljum biex jagħrfu u jġarrbu l-misteru ta' Kristu Ġesù.[61] Imsaħħin mill-Ispirtu u bl-għeruq tagħhom imniżżlin fi Kristu Ġesù, filwaqt li jgħammru fih lejl u nhar,[62] huma jfittxu li l-għażliet u l-imġiba kollha tagħhom ikunu mmexxijin mill-Kelma tiegħu.[63] L-Ewkaristija, l-għajn u l-qofol ta' ħajjithom,[64] l-aħwa huma msejħin biex kuljum, meta hu possibbli, iħallu s-solitudni jew ix-xogħol pastorali tagħhom sabiex miġburin madwar il-mejda tal-Mulej,[65] ikunu "qalb waħda u ruħ waħda",[66] filwaqt li jgħixu tassew il-*koinonia* fraterna fl-għotja u fil-qadi ta' xulxin,[67] fil-fedeltà lejn il-proġett komuni u fir-rikonċiljazzjoni msaħħa mill-imħabba ta' Kristu.[68] Bħala komunità kontemplattiva, aħna nfittxu wiċċ Alla u naqdu l-Knisja fil-qalba tad-dinja jew ukoll fis-solitudni eremitika.

## 4. Il-qadi fost il-poplu

### 21.

Bħala fraternità kontemplattiva, aħna nfittxu wkoll il-wiċċ ta' Alla fil-qalba tad-dinja. Aħna nemmnu li Alla waqqaf l-għamara tiegħu f'nofs il-poplu tiegħu, u għaldaqstant il-fraternità tal-Karmelu tħossha parti ħajja mill-Knisja u mill-istorja: fraternità miftuħa, li kapaċi tisma' u tistħarreġ lilha nnifisha fl-ambjent li tinsab fih, lesta li tilqa' l-isfidi tal-ħajja, u biex tagħti tweġiba xierqa b'ħajja evanġelika skont il-kariżma tagħha,[69] ħaġa

60 *Regola*, n. 7 u 10.

61 Fil 3,8

62 *Regola*, n. 10.

63 *Regola*, n. 19.

64 *PC* 6,15; *LG* 11; *PO* 5.

65 *Regola*, n. 14.

66 Atti 4,32.

67 *Regola*, nri. 22, 23.

68 *Regola*, n. 15.

69 Ara *MR* 12.

waħda u lesta biex tagħti sehemha mal-bnedmin kollha li jbatu, jittamaw u jitħabtu fit-tfittix tas-Saltna ta' Alla.[70]

## 22.

L-itineranza, li dwarha titkellem ir-Regola,[71] espressjoni tal-għamla ta' ħajja evanġelika-appostolika tal-Ordnijiet Mendikanti, hija stedina għall-fraternità Karmelitana biex tistħarreġ u tgħaddi mill-mogħdijiet imfasslin mill-Ispirtu tal-Mulej għall-komunità u għall-individwu, u hija sinjal ta' solidarjetà u ta' qadi ġeneruż, kemm lill-Knisja universali u lokali, kif ukoll lid-dinja tal-lum.[72]

## 23.

Għall-Karmelu, il-kunvent, il-post fejn tinġabar u tgħix il-komunità, huwa wkoll il-post fejn nilqgħu n-nies[73] bil-għan li naqsmu magħhom l-għaqda tal-qlub, ir-rikonċiljazzjoni fraterna u l-esperjenza ta' Alla li ngħixu fil-komunità.

## 24.

Barra minn hekk, din l-għamla ta' ħajja, li nkunu "fost il-poplu", hija wkoll sinjal u xhieda profetika ta' ħbiberija fraterna ġdida fost il-bnedmin kollha u kullimkien. Hija tħabbira ta' ġustizzja u ta' paċi fis-soċjetà u fost il-popli, imwettqa bħala element fundamentali tal-Bxara t-Tajba fl-impenn għal kollaborazzjoni vera ma' oħrajn biex sistemi u strutturi tad-dnub jinbidlu f'sistemi u strutturi ta' grazzja.[74] Hija wkoll "għażla biex minn qalbna, aktar b'ħajjitna milli b'fommna, naqsmu mal-*minores* tal-istorja, kelma ta' tama u ta' ħelsien".[75] Din l-għażla toħroġ mill-professjoni tagħna tal-faqar fil-fraternità mendikanti u taqbel mal-mixja tagħna wara Ġesù Kristu, li hija wkoll mgħejxa fl-imħabba tal-foqra u ta' dawk kollha li fihom

---

70 Ara Kongr. Ġen. 1986, *AOC*, 38/1 (1986), 92-93.

71 Ara *Regola*, n. 17.

72 Ara *MR* 11,18.

73 Ara *Regola*, n. 9.

74 Ara Kongr. Ġen. 1986, *AOC*, 38/1 (1986), 90; Kongr. Ġen. 1974, *AOC*, 31/4 (1974), 175-176; Kongr. Ġen. 1980, *AOC*, 35/1-2 (1980), 24.

75 Kongr. Ġen. 1980, *AOC*, 35/1-2 (1980), 23.

jidher b'mod speċjali wiċċ il-Mulej.[76]

## 5. Elija u Marija, mudelli li jnebbħuna

### 25.

Dak kollu li nixtiequ u rridu nkunu fil-preżent narawh jieħu l-ħajja fil-persuni tal-Profeta Elija u tal-Imqaddsa Verġni Marija. Għax huma, kull wieħed bil-mod tiegħu, "kellhom l-istess spirtu, [...] l-istess formazzjoni, l-istess għalliem: l-Ispirtu s-Santu".[77] Filwaqt li nitfgħu ħarsitna lejn Marija u lejn Elija, inkunu nistgħu nifhmu, ninterjorizzaw, ngħixu u nħabbru aħjar il-verità li teħlisna.[78]

### 26.

Elija huwa l-profeta solitarju, dejjem għatxan għal Alla u jgħix fil-preżenza tiegħu.[79] Huwa l-bniedem kontemplattiv imsaħħar minn ġibda taħraq għal Alla fuq kull ħaġa oħra,[80] li "l-kelma tiegħu kienet taqbad bħal torċa".[81] Huwa l-mistiku, li wara vjaġġ twil u ta' tbatija, jitgħallem jaqra s-sinjali ġodda tal-preżenza t'Alla.[82] Huwa l-profeta li jieħu sehem fil-ħajja tal-poplu u, filwaqt li jiġġieled kontra l-allat foloz, iwasslu mill-ġdid għall-fedeltà tal-Patt m'Alla wieħed.[83] Huwa l-profeta li juri solidarjetà mal-foqra u l-eżiljati u jaqbeż għal dawk li jbatu l-vjolenza u l-inġustizzja.[84] Minn Elija, il-Karmelitan jitgħallem ikun bniedem tad-deżert, ta' qalb sħiħa, wieqaf quddiem Alla, mogħti kollu kemm hu għall-qadi tiegħu, il-bniedem li għażel li jaqdi l-kawża ta' Alla mingħajr kompromessi u

76 Ara I Kuns. Prov. 1972, *AOC,* 30/1 (1972), 56-58; Kongr. Ġen. 1980, *AOC*, 35/1-2 (1980), 23-24.

77 A. Bostius, *De patronatu et patrocinio B.mae Virginis Mariae in dictum sibi Ordinem, Daniel a V. M., Speculum Carmelitanum*, I, Anversa, 1680, n. 1654.

78 Ara V Kuns. Prov. 1979, *AOC*, 34/4 (1979), 219.

79 Ara 1 Slat 17,1; 19,10.

80 Ara 2 Slat 2,1-13.

81 Sir 48,1.

82 Ara 1 Slat 19,1-18.

83 Ara 1 Slat 18,20-46.

84 Ara 1 Slat 17,7-24; 21,17-29.

jaqbad b'ħeġġa kbira għal Alla. Bħal Elija, il-Karmelitan jemmen f'Alla, iħalli lilu nnifsu jitmexxa mill-Ispirtu u mill-Kelma li saret ħaġa waħda miegħu, biex jagħti xhieda tal-preżenza divina fid-dinja, filwaqt li jħalli lil Alla jkun tassew Alla ta' ħajtu.[85] U fl-aħħar, il-Karmelitan jara f'Elija u fl-għaqda tiegħu mal-grupp profetiku, il-fraternità mgħejxa fil-komunità,[86] u miegħu jitgħallem ikun mezz tal-ħlewwa ta' Alla lejn il-foqra u l-umli.[87]

## 27.

Marija, imdella mill-Ispirtu ta' Alla,[88] hija l-Verġni ta' qalb ġdida,[89] li tagħti wiċċ uman lill-Kelma magħmula bniedem.[90] Hija l-Verġni li tisma' bil-għaqal u tikkontempla, li tgħożż u taħseb f'qalbha fuq il-ġrajjiet u l-kliem tal-Mulej.[91] Marija hija d-dixxiplu fidil tal-Għerf, li tfittex lil Ġesù – l-Għerf ta' Alla – u tħallih jgħallimha u jiffurmaha bl-Ispirtu tiegħu sabiex bil-fidi tagħmel tagħha t-triqat u l-għażliet tiegħu.[92] Iffurmata b'dan il-mod, Marija taqra "il-ħwejjeġ kbar" li Alla għamel magħha għas-salvazzjoni tal-umli u l-foqra.[93] Għalkemm hija Omm il-Mulej, Marija ssir id-dixxiplu perfett tiegħu, il-mara tal-fidi.[94] Timxi wara Ġesù, flimkien mad-dixxipli tiegħu, u magħhom taqsam it-toqol u d-dedikazzjoni ta' din il-mixja li fuq kollox titlob l-imħabba fraterna u l-qadi ta' xulxin.[95] Fit-tieġ ta' Kana tgħallimna nemmnu f'Binha,[96] f'riġlejn is-Salib issir Omm dawk kollha

---

85 Ara V Kuns. Prov. 1979, *AOC*, 34/4 (1979), 222-223; Kongr. Ġen. 1974, *AOC,* 31/4 (1974), 175-176; Kongr. Ġen. 1980, *AOC*, 35/1-2 (1980), 24; IX Kuns. Prov. 1985, *AOC*, 37/3-4 (1985), 172; X Kuns. Prov. 1987, *AOC*, 38 (1987), 207.

86 Ara *De Institutione primorum monachorum*, lib. 4, kk. 2-3,7; lib. 7, k. 1.

87 Ara *Komunità li titlob*, 154.

88 Ara Lq 1,35.

89 Ara Eżek 36,26.

90 Ara Lq 1,28-37.

91 Ara Lq 2,19.51.

92 Ara Lq 2,44-50.

93 Ara Lq 1,46-55.

94 Ara *MC* 17,35; *RMa* 12,19.

95 Ara Ġw 13,13-17; 15,12-17.

96 Ara Ġw 2,5.

li jemmnu[97] u magħhom iġġarrab il-ferħ tal-qawmien. Hija tingħaqad mad-dixxipli l-oħra fit-talb[98] u magħhom tirċievi l-frott tal-Ispirtu li jimla l-ewwel komunità Nisranija b'ħeġġa appostolika. Marija hija dik li ġġorr l-aħbar it-tajba tas-salvazzjoni lill-bnedmin kollha.[99] Hija l-mara li ġġib l-għaqda, mhux biss fost id-dixxipli l-aktar qrib ta' Ġesù, imma wkoll fost il-bnedmin l-oħra: ma' Eliżabetta, mal-għarajjes ta' Kana, man-nisa l-oħra u ma "l-aħwa" ta' Ġesù.[100] Fil-Verġni Marija, Omm Alla u xbieha tal-Knisja,[101] il-Karmelitani jsibu x-xbieha perfetta ta' dak kollu li jixtiequ u jittamaw li jkunu.[102] Minħabba f'hekk, Marija dejjem kienet meqjusa bħala l-Patruna tal-Ordni, li tiegħu hija msejħa wkoll Omm u Ġmiel, u li l-Karmelitani dejjem żammew quddiem għajnejhom u f'qalbhom bħala "l-Verġni l-aktar Safja". Filwaqt li nħarsu lejha u ngħixu f'familjarità spiritwali magħha, aħna nitgħallmu ngħixu fil-preżenza ta' Alla u flimkien bħala aħwa tal-Mulej. Għax Marija tgħix f'nofsna bħala ommna u oħtna, attenta għall-bżonnijiet tagħna, u flimkien magħna tistenna u tittama, tbati u tifraħ.[103] Il-Labtu huwa sinjal tal-imħabba materna, dejjiema u stabbli, ta' Marija lejn l-aħwa Karmelitani. Biex ikompli t-tradizzjoni, li b'mod speċjali żviluppat mis-seklu XVI 'il quddiem, il-Karmelu juri l-fatt li Marija hi qrib tal-poplu ta' Alla bid-devozzjoni tal-Labtu: sinjal ta' konsagrazzjoni lejha, mezz li bih il-fidili jieħdu sehem mill-Ordni, u simbolu popolari u effettiv ta' evanġelizzazzjoni.[104]

---

97 Ara Ġw 19,26.

98 Atti 1,14.

99 Ara Lq 1,39.

100 Ara Atti 1,14.

101 Ara *LG* 53; *SC* 103.

102 Ara l-ewwel prefazju tal-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu; *LG* 53; *SC* 103.

103 Ara V Kuns. Prov. 1979, *AOC*, 34/3 (1979), 220-221; Kongr. Ġen. 1980, *AOC*, 35/1-2 (1980), 24; IX Kuns. Prov. 1985, *AOC*, 37/3-4 (1985), 172, 176; XI Kuns. Prov. 1988, *AOC*, 39 (1988), 37; Fraternità li titlob, 154, 156.

104 Ara l-Ittra appostolika *Neminem profecto latet* ta' Piju XII tal-11 ta' Frar 1950, *AOC,* 16 (1951), 96-97; u l-ittra ta' Pawlu VI lill-Kungress Marjoloġiku Internazzjonali tal-11 ta' Frar 1965, *AOC*, 24 (1964-1965), 187.

## 6) Il-Familja tal-Karmelu

### 28.

Il-persuni kollha u l-gruppi istituzzjonali jew mhumiex, li jiksbu l-ispirazzjoni tagħhom mir-Regola ta' San Albert, mit-tradizzjoni tiegħu u mill-valuri li nsibu fl-ispiritwalità Karmelitana, illum jiffurmaw fil-Knisja l-Familja Karmelitana.[105] L-inkarnazzjoni tal-kariżma Karmelitana fid-diversi forom tagħha, kif ukoll l-espressjoni ekumenika tagħha, huma għalina raġuni ta' ferħ u konferma tal-fertilità kreattiva,[106] mgħejxa bil-qawwa tal-Ispirtu, u tirrappreżenta l-bosta forom tal-espressjonijiet tal-Karmelu li jeżistu llum. Is-smigħ tal-kelma ta' Alla jmexxina dejjem aktar lejn esperjenza ġdida u sabiex nifhmu aħjar il-kariżma kontemplattiva tagħna u n-natura tal-missjoni tagħna, ħalli nkunu nistgħu naqsmu ma' ħaddieħor l-opra tal-evanġelizzazzjoni, billi nwieżnu lil xulxin bil-qadi profetiku u kontemplattiv tagħna fost il-poplu. Il-fatt li aħna membri ta' familja spiritwali jfisser li mmantnu l-ħbiberija, l-ospitalità, il-koperazzjoni u d-djalogu bħala stqarrija tal-ugwaljanza fundamentali bejn il-membri.[107] Sabiex l-Ordni jkun profetiku f'dinja li tinbidel, għandna bżonn id-doni kollha, it-talenti u l-esperjenzi tal-Familja Karmelitana kollha kemm hi. Quddiem l-isfidi jeħtieġ inħaddmu d-dixxerniment.[108]

---

105 Ara XIII Kuns. Prov. 1994, *AOC*, 45 (1994), 58.

106 Ara IX Kuns. Prov. 1985, *AOC*, 37/3-4 (1985), 171-172.

107 Ara XIII Kuns. Prov. 1994, *AOC*, 45/1 (1994), 59.

108 Ara Kapitlu Ġenerali 2007, *Messaġġ lill-Familja Karmelitana fid-dinja, AOC*, 58/2 (2007), 654.

# IT-TIENI TAQSIMA

## IL-ĦAJJA TAGĦNA
## TA’ AĦWA

# Kapitlu III

# Il-Ħajja Komunitarja

## 29.

It-Trinità Qaddisa, għajn u mudell tal-Knisja,[109] hija wkoll l-għajn u l-mudell tal-fraternità tagħna. Il-komunjoni Trinitarja ta' għarfien u mħabba li għandna sehem fiha, mogħtija lilna bħala don, timbuttana biex ninfetħu għall-għarfien u l-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu. Għaldaqstant l-iżvilupp tal-għarfien u tal-imħabba f'kull komunità lokali, miftuħa għall-Ordni kollu, għall-Knisja u għall-bnedmin kollha, juri dejjem aħjar dan l-element fundamentali tal-identità tagħna bħala Aħwa tal-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu.

## 30.

Il-fraternità, skont l-eżempju tal-komunità ta' Ġerusalemm,[110] hija inkarnazzjoni tal-imħabba diżinteressata ta' Alla li titwaħħad magħna permezz ta' proċess kontinwu li bih ninżgħu għalkollox mill-egoiżmu tagħna, anki dak komuni, sabiex Alla jsir iċ-ċentru tagħna.[111] Il-ħajja reliġjuża hija evanġelizzazzjoni minnha nnifisha: "hija sinjal tal-qawwa trasformatriċi tal-Vanġelu u tal-miġja tas-Saltna ta' Alla".[112] B'hekk, aħna nistgħu nuru n-natura kariżmatika u profetika tal-ħajja konsagrata tal-Karmelu, u magħha nkunu nistgħu nwaħħdu l-użu tal-kariżmi personali ta' kull wieħed għall-qadi tal-Knisja u tad-dinja.[113] Għaldaqstant, aħna msejħin niġġeddu bħala aħwa bid-djalogu ta' bejnietna, inkunu miftuħin għas-sinjali taż-żminijiet, biex hekk inkunu miftuħin għan-nies, u nilqgħu

---

109 Ara *LG* 1-4; *AG* 2-4; *VC*. I "Confessio Trinitatis"; *EG* 111; Ara wkoll S.M. Maddalena de' Pazzi, Colloqui I, 114; *Revelatione e Inteligentie*, 76-78 u 84-85.

110 Ara Atti 2,42-47; 4,32-35; u wkoll 5,12-14.

111 Dan il-proċess, fiż-żminijiet tan-nofs kien jintwera bl-espressjoni "vacare Deo", li tfisser, "tagħmel spazju għal Alla", "tiżvojta lilek innifsek" biex tħalli lilek innifsek timtela bih; illum nistgħu ngħidu wkoll "tiċċentra fuq Alla".

112 *VFC* 42; ara *EN* 69; Papa Franġisku, *Lettera ai consacrati*, 21 ta' Novembru 2014.

113 Ara 1 Kor 12,7; *LG* 12; *AA* 3; *PO* 9; *RPU* 27.

lil kull min għandu sehem mill-ministeru tagħna, speċjalment iż-żgħażagħ u l-foqra, u miftuħin biex niżviluppaw forom ġodda ta' komunitajiet u ministeri ġodda li jkunu inċiżivi għall-Knisja u għas-soċjetà, billi nħeġġu lil kulħadd għall-konverżjoni.[114]
Il-manifestazzjoni u l-prova tal-fraternità tagħna hija għalhekk il-ħajja komunitarja li għandha tingħax fl-ispirtu ta' Elija[115] u li timxi taħt il-ħarsien tal-Verġni Marija, Omm Alla u Oħtna.[116]

## 31.

L-Ordni tagħna huwa internazzjonali; dan jippermettilna nuru lid-dinja s-sbuħija tal-fraternità universali, li fiha kull karatteristika kulturali u tradizzjonali ssir element għall-binja ta' komunitajiet awtentiċi. Li nkunu nafu lil xulxin, l-għotja ġeneruża tagħna nfusna, bil-patrimonju kollu li kull wieħed minna jġorr miegħu, jagħmluha possibbli li d-diversitajiet naturali u kulturali jinkorporaw ruħhom f'għaqda waħda.[117]

## 32.

Il-ħajja komunitarja għandha twassal għal għaqda aktar sħiħa fl-għarfien u fl-imħabba ta' xulxin. Għaldaqstant il-ħajja tagħna ta' flimkien għandha l-waqtiet l-aktar qawwija u importanti:[118]

a) fit-tisħib flimkien fl-Ewkaristija, l-għajn u l-qofol ta' ħajjitna, li biha nsiru ġisem wieħed, u li għalhekk hija s-sagrament tal-fraternità;

b) fit-tisħib flimkien fil-Liturġija tas-Sigħat;

ċ) fis-smigħ tal-Kelma magħmul fi spirtu ta' talb, kemm personali kif ukoll komunitarju;

114 Ara *Cfl* 23; Kongr. Ġen. 1980, *AOC,* 35/1-2 (1980), 26-27; Kongr. Ġen. 1986, *AOC* 38 (1986), 91. Ara Papa Franġisku, *Lettera ai consacrati*, 21 ta' Novembru 2014.

115 Ara 2 Slat 2,1-18; Ph. Ribot, *Libri decem de institutione et processu ordinis prophetici eliani, Beatis simme Virginis Mariae de Monte Carmelo et de pecularibus gestisreligiosorum carmelitanrum*, Daniel a Virgine Maria, ed., *Speculum Carmelitanum*, I,1, Antverpiae 1680, 1-71; tra. Italiana par ziale: F. RIBOT, *Intituzione e gesta dei primi monaci*, E. Coccia, Città del Vaticano 2002.

116 Ara A. Bostius, *De Patronatu et patrocinio B.mae Virginis Mariae in dicatum sibi Ordinem, Daniel a Virgine Maria ed., Speculum Carmelitanum*, I,2, Antverpiae 1680, 375-431.

117 CIVCSVA, *Orientamenti: Per un nuovo otri nuovi*, 3 gennaio 2017, n. 40.

118 Ara *Regola*, nri. 14, 12-13, 10, 18-19, 15, 7, 21 u 17.

d) fil-laqgħat li għandhom isiru minn żmien għall-ieħor skont ma jitolbu l-Istatuti tal-Provinċja biex ikunu diskussi ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-komunità;
e) fil-korrezzjoni fraterna komunitarja u personali;
f) f'laqgħat oħra tal-komunità, li għandhom isiru minn żmien għall-ieħor skont ma jitolbu l-Istatuti tal-Provinċja, fejn permezz tad-djalogu u d-dixxerniment:

- jiġu studjati r-Regola, il-kitbiet tal-mistiċi tagħna u d-dokumenti uffiċjali tal-Knisja u tal-Ordni,
- isir eżami tal-fedeltà lejn il-kariżma u l-missjoni tal-Ordni,
- isir qsim ta' esperjenzi,
- jinħadem il-proġett komunitarju,
- ikun hemm tagħlim li jgħin fil-qari tas-sinjali taż-żminijiet,
- isiru l-għażliet pastorali fi ħdan il-Knisja lokali;

ġ) fl-ikel u fir-rikreazzjoni flimkien;
g) fix-xogħol flimkien, ukoll dak tal-id, jew f'ħidma li ssir kemm fil-kunvent jew barra minnu f'isem il-komunità;
għ) fil-qsim tal-ferħ, tal-inkwiet u tal-ħbiberija.

## 33.

Il-ħidma kollha tagħna li ssir barra mill-kunvent għandha tkun marbuta mal-ħajja tagħna fil-kunvent u tifforma ħaġa waħda magħha.[119] Għax dan huwa l-għan tassew tal-kunventi tal-Fraternità Appostolika: filwaqt li jkunu f'nofs il-poplu, magħqudin ħaġa waħda miegħu u miftuħa għalih, ikunu għalih preżenza kritika f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ħtiġijiet umani tiegħu.[120] Hekk, jasal il-waqt li l-komunitajiet tagħna jkunu wirja awtentika ta' fidi, ta' tama u ta' mħabba, u jsiru postijiet adattati fejn il-persuna ssib l-iżvilupp kollu tagħha.

## 34.

Il-ħajja komunitarja, min-natura tagħha, għandha tkabbar l-iżvilupp uman u intellettwali, spiritwali u pastorali tar-reliġjuż, bl-għan li ddaħħlu

119 Ara VII Kuns. Prov. 1981, *AOC*, 35/4 (1981), 168-169.

120 Ara Kongr. Ġen. 1974, *AOC*, 31/4 (1974), 175.

fil-komunità u fil-missjoni tagħha, filwaqt li tqis il-kwalitajiet u l-ħiliet tal-persuna. Għaldaqstant, m'għandniex infittxu l-għaqda f'uniformità fejn kulħadd ikun l-istess, imma f'diversità ħajja.[121] Qabel ma jitqassam ix-xogħol u qabel ma l-komunità taċċetta xi ħidma, għandu jsir dixxerniment fuq diversi livelli. F'xi okkażjonijiet, faċilitaturi u esperti jistgħu jgħinuna fid-djalogu komunitarju. Barra minn hekk il-komunità trid taħseb li l-ebda reliġjuż ma jkun mgħobbi żżejjed bix-xogħol, ukoll dak pastorali, hekk li l-ħajja ta' flimkien u l-għemejjel ta' tjieba jsiru għalih ħaġa impossibbli jew diffiċli żżejjed li jagħmilhom.[122] Barra minn hekk, l-Istatuti tal-Provinċja għandhom jistabbilixxu wkoll it-tul tal-vaganzi annwali għal kull reliġjuż.

## 35.

**§1.** Biex nikbru fil-ħajja kontemplattiva u fraterna tagħna għandha titwarrab ħidma esaġerata, ħajja mxerrda u adattament għal stil ta' ħajja li jmur kontra l-għanijiet l-aktar profondi tal-ħajja konsagrata.[123]

**§2.** Aħna l-Karmelitani nagħrfu l-importanza kbira li għandha fi żminijietna l-komunikazzjoni fuq livell dinji u wkoll l-iżvilupp kbir li sar fil-qasam tat-teknoloġija.[124] Minn naħa, il-mezzi ta' komunikazzjoni tal-massa jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira għall-evanġelizzazzjoni.[125] Min-naħa l-oħra, l-użu ħażin ta' dawn il-mezzi jista' jwassal biex tixxekkel id-dinjità u l-libertà tal-bniedem. Għaldaqstant, il-komunitajiet tagħna għandhom ifittxu l-aħjar mod kif jużaw il-mezzi ta' komunikazzjoni tal-massa, bil-ħsieb ukoll li jħarsu x-xejra kontemplattiva u fraterna ta' ħajjitna u biex l-appostolat tagħna jħalli aktar frott.[126]

121 Ara I Kuns Prov. 1972, *AOC*, 30/1 (1972), 59-60, 61.

122 Ara Kongr. Ġen. 1974, *AOC*, 31/4 (1974), 175; VI Kuns. Prov. 1981, *AOC*, 35/4 (1981), 169.

123 Ara II Kuns. Prov. 1973, *AOC*, 31/2 (1973), 71-72; ara wkoll Papa Franġisku, Lettera al Priore Generale Fernando Millán Romeral, in occasione del Capitolo Generale, 23 agosto 2013; *Un carmelitano senza questa vita contemplativa è un corpo morto!*, *AOC*, 64/2 (2013), 213.

124 Ara IX Kuns. Prov. 1985, *AOC*, 37/3-4 (1985), 176.

125 Ara *EN* 45.

126 Ara Kan. 666.

## 36.

Il-komunitajiet tagħna huma komunitajiet ta' fidi, u għalhekk, fil-formazzjoni tagħhom, wieħed jagħti kas il-personalità u l-karizmi personali ta' kull wieħed. Il-komunitajiet għandhom ikollhom numru biżżejjed ta' reliġjużi biex ikollhom il-kundizzjonijiet meħtieġa ħalli jgħixu l-ħajja tassew fraterna. Għalhekk, ma jistgħux ikun fihom inqas minn tliet reliġjużi professi solenni.[127] Ir-reliġjużi li minħabba raġunijiet ta' saħħa, ta' studju, t'appostolat jew ta' xi raġuni ġusta oħra, ikollhom jgħixu barra mill-kunvent, [128] għandhom ikunu aggregati ma' xi komunità stabbilita, li ssaħħaħ rabtiet fraterni magħhom u tgħinhom fil-ħajja tagħhom. Dawn ir-reliġjużi, min-naħa tagħhom, filwaqt li kull tant żmien iżuru l-komunità, għandhom jieħdu sehem f'xi laqgħa tal-komunità biex hekk igawdu aħjar mill-ġid tal-fraternità.

## 37.

L-ospitalità, karatteristika tal-ħajja fraterna, għandha tkun miftuħa mhux biss għall-membri tal-Ordni u l-qraba tagħhom, imma, fejn hu possibbli, għall-oħrajn ukoll. Fejn hu possibbli, il-mistednin jieħdu sehem fil-ħajja tal-komunità.

## 38.

Sabiex l-istruttura ekonomika tal-ħajja reliġjuża tagħna ma tkunx taqbel mal-għamliet inġusti tad-dinja, tkun ħaġa tajba li l-fraternità tal-Familja Karmelitana tintwera fl-attenzjoni u fil-qsim tal-ġid mal-komunitajiet kollha tal-Ordni, l-aktar ma' dawk li huma fqar.[129] Il-Kunsill Ġenerali jieħu ħsieb il-kordinament ta' din il-koperazzjoni.

## 39.

Barra minn hekk, jeħtieġ inrawmu sentimenti ta' qima u ta' gratitudni lejn il-persuni anzjani, li taw saħħithom għall-ġid tal-Ordni u tal-Knisja. Il-komunità għandha tilqa' l-għajnuna tagħhom skont kemm jifilħu, filwaqt

127 Ara Kan. 115.

128 Ara Kan. 665.

129 Ara I Kuns. Prov. 1972, *AOC*, 30/1 (1972), 59.

li twarrab kull għamla ta' valutazzjoni tal-persuni mibnija fuq l-effiċjenza u s-siwi tagħhom, għax dawn huma kriterji li jmorru kontra l-Evanġelju.
Il-komunità għandha tilqa' bħala don il-preżenza tal-aħwa morda, filwaqt li tara fihom lil Kristu batut. Il-fraternità tagħna għandha tintwera b'mod speċjali fl-attenzjoni u l-għajnuna li tingħata lil dawn ħutna morda jew dgħajfa f'saħħithom.
Il-komunità tagħmel ħilitha kollha sabiex ma jkun jonqoshom xejn milli jista' jgħinhom jieħdu saħħithom mill-ġdid, ukoll fi djar tal-kura u/jew ta' assistenza jekk ikun meħtieġ, u li jkollhom il-konfort tal-għajnuniet spiritwali kollha. Fejn huwa possibbli, jitwaqqaf xi kunvent li fih l-anzjani jkollhom il-kura meħtieġa, imma fl-istess ħin ikomplu jgħixu l-ħajja reliġjuża u l-appostolat tagħhom skont kif jistgħu.

## 40.

Billi "hija ħaġa qaddisa u tajba li wieħed jitlob għall-mejtin",[130] għandna nidħlu għal ħutna l-mejtin quddiem il-Mulej kemm biċ-ċelebrazzjoni tal-quddies bħala suffraġju, u kemm billi nitolbu għalihom, hekk li nibqgħu magħqudin magħhom spiritwalment. L-Istatuti tal-Provinċja jiddeterminaw eżatt is-suffraġji li għandhom isiru għall-Papa, għal reliġjużi mejjet tal-istess Provinċja jew kunvent, għall-membri tal-Kurja Ġenerali, għall-Eks Pirjoli Ġenerali u għas-sorijiet tal-klawsura tal-Ordni. Għar-reliġjużi li mhuma affiljati mal-ebda Provinċja jsiru s-suffraġji skont ma jitlob il-Pirjol Ġenerali.
Mal-mewt ta' xi reliġjuż, il-Pirjol lokali għandu jgħarraf lill-Pirjol Provinċjali, li mbagħad, min-naħa tiegħu javża lill-kunventi l-oħra kollha tal-Provinċja u lill-Pirjol Ġenerali, filwaqt li jibgħat xi tagħrif dwar il-ħajja tar-reliġjuż li miet. Malli jkun possibbli, in-nekroloġju għandu jkun ippubblikat fil-perjodiku uffiċjali tal-Ordni.

## 41.

Biex inkunu fidili għall-vokazzjoni tagħna ta' ħajja fraterna huwa meħtieġ li ta' kuljum "nindmu u nemmnu fil-Bxara t-Tajba".[131] Għalhekk

130 2 Mak 12,46.

131 Ara Mk 1,15

"il-komunitajiet reliġjużi jridu jkunu bid-deher komunitajiet ta' talb u ta' penitenza fil-Knisja".[132] L-għamliet konkreti tal-konverżjoni rridu qabelxejn infittxuhom fid-dixxerniment bla waqfien tal-ħajja fid-dawl tal-Evanġelju u tas-sinjali taż-żminijiet, fl-esperjenza tal-fqar, u fil-qadi fidil tal-ministeru tagħna, filwaqt li nżommu quddiem għajnejna ċ-ċirkostanzi u t-tradizzjonijiet tal-Knisja lokali. Imbagħad, kull komunità, skont l-istatuti tal-Provinċja, għandha tfittex kif l-aktar jaqbel li jkun imħaddem l-ispirtu tal-penitenza. Filwaqt li jitħares dak li jitlob id-dritt universali u l-Konferenza Episkopali ta' kull nazzjon, l-Istatuti tal-Provinċja għandhom jiddeterminaw l-obbligu tas-sawm u tal-astinenza li titlob ir-Regola, filwaqt li jqisu ċ-ċirkustanzi u l-użanzi tal-Knisja lokali.

## 42.

Il-libsa reliġjuża tagħna, li hija "sinjal tal-konsagrazzjoni",[133] tikkonsisti f'tonka ta' kulur kannella skur, labtu u kapoċċ tal-istess lewn; fuq it-tonka jintlibes ċinturin tal-ġild. L-Istatuti tal-Provinċja jistgħu jistabbilixxu kulur ieħor meta raġunijiet partikolari (bħal ngħidu aħna l-klima) jitolbu hekk. F'okkażjonijiet aktar solenni tintlibes ukoll il-kappa l-bajda, iqsar mit-tonka, li jkollha l-kapoċċ abjad bl-istess għamla ta' dak skur. L-użu tal-libsa reliġjuża, kemm fil-kunvent kif ukoll barra, għandu jkun stabbilit mill-Istatuti tal-Provinċja filwaqt li jitħarsu d-drittijiet tal-Ordinarju tal-post.[134]

## 43.

Kull kunvent ikollu parti minnu riżervata għar-reliġjużi[135] li l-limiti tagħha jkunu determinati mill-komunità. Ir-reliġjużi kollha għandhom iħarsu n-normi li jirregolaw l-użu tal-parti riżervata tal-kunvent. Meta jkun hemm raġunijiet ġusti, il-Pirjol jista' jagħti l-permess li jsiru eċċezzjonijiet għal dawn in-normi.

---

132 *DCVR* 14.

133 *PC* 17.

134 Ara Kan. 669 §1.

135 Ara Kan. 667 §1.

## 44.

Waqt li tinżamm it-tradizzjoni antika tal-Ordni, fi ħdan il-Provinċji jew il-Kummissarjati Ġenerali, jistgħu jitwaqqfu djar li jkollhom stil ta' ħajja eremitika. Dawn id-djar għandhom ikunu regolati minn statuti speċjali li jiddefinixxu s-sħubija fihom, u għandhom ikunu approvati mill-Kapitlu Provinċjali jew tal-Kummissarjat Ġenerali.

## 45.

Filwaqt li n-natura tal-ħajja tagħhom għandha tkun irrispettata, dawn id-djar huma ġuridikament inkorporati fl-Ordni permezz tal-Provinċja.

# Kapitlu IV

## Il-Kunsilli Evanġeliċi u l-Voti

### 46.

Is-sisien u l-essenza tal-ħajja konsagrata jinsabu fil-mixja radikali wara Ġesù Kristu. Il-kunsilli evanġeliċi tal-ubbidjenza, faqar u kastità, ipprofessati pubblikament fil-Knisja, huma xhieda radikali ta' mixja wara Kristu.[136] Għax meta aħna nimxu wara Kristu ubbidjenti, fqir u kast, inkunu ninqatgħu minna nfusna biex infittxu aktar is-Saltna ta' Alla.

### 47.

Il-ħajja kkonsagrata tagħna, imfassla fuq il-ħajja ta' Kristu bit-tliet kunsilli evanġeliċi mħaddnin bħala vot u b'valuri evanġeliċi oħra, hija don ta' Alla.[137] Huwa hu li jħobbna, li jsejħilna l-ewwel u li jdaħħalna f'sehem biex inkunu xhieda fid-dinja tal-valuri tal-ħniena u tal-għotja diżinteressata tagħna nfusna. Għalhekk, bħala persuni u komunità nqiegħdu lilna nfusna taħt il-ħarsien tal-imħabba trasformatriċi li tbegħedna "mix-xejra ta' din id-dinja",[138] imma li fl-istess ħin tqegħedna fid-dinja[139] bħala xhieda tal-valuri tal-ħajja u tal-għotja ħielsa. Dawn il-valuri, mgħejxa fl-ispirtu tal-beatitudnijiet, jibdlu d-dinja skont il-proġett tal-Missier.

## 1. L-ubbidjenza: smigħ u dixxerniment tal-pjan ta' Alla

### 48.

Ir-Regola qabelxejn titlob minna li nipprofessaw l-ubbidjenza reliġjuża. Meta ngħixu l-ubbidjenza reliġjuża tassew u bl-għemil,[140] noffru r-rieda

---

136 *EE* 10. Aħna nżommu l-ordni tal-kunsilli evanġeliċi kif inhuma indikati fir-Regola tagħna (ubbidjenza, faqar u kastità), filwaqt li nżommu f'moħħna t-teoloġija l-ġdida li tidher fil-Konċilju Vatikan II dwar il-kunsilli evanġeliċi u l-voti.

137 Ara *PC* 1.

138 Rum 12,2.

139 Ara Ġw 17,18.

140 Ara *Regola*, n. 4.

sħiħa tagħna lil Alla. L-għajn u r-raġuni tal-ubbidjenza tagħna huwa Kristu Ġesù. Huwa għex il-libertà tiegħu mhux fl-awtosuffiċjenza jew l-awtonomija personali, imma fl-ubbidjenza lejn il-Missier.[141] L-ubbidjenza ta' Ġesù, barra li qanqlitu biex jagħmel ir-rieda tal-Missier,[142] żammitu wkoll fidil lejn il-bniedem u s-salvazzjoni tiegħu.[143] Ġesù jobdi għax iħobb il-Missier[144] u għax iħobb lill-bniedem. Ġesù huwa kollu kemm hu ta' Alla u kollu kemm hu għall-bniedem. L-għan waħdieni tal-ħajja tiegħu kien li jwaqqaf is-Saltna ta' Alla. U għal dan il-għan huwa baqa' fidil sal-mewt.[145]

## 49.

Mimlijin bl-Ispirtu ta' Ġesù, aħna m'aħniex taħt il-liġi imma taħt il-grazzja.[146] Meta nħallu l-Ispirtu jmexxina[147] nitgħallmu nagħrfu x'inhi r-rieda ta' Alla[148] u naslu biex nifhmu l-verità kollha.[149]

Illum, li nimxu wara Kristu ubbidjenti[150] jfisser li nisimgħu flimkien il-Kelma ta' Alla,[151] mismugħa u mgħejxa fil-Knisja; li nkunu nafu naqraw "is-sinjali taż-żminijiet" bl-għan li nsibu r-rieda ta' Alla għal żminijietna[152] u li naqdu bil-fedeltà l-missjoni li jafdalna ta' kuljum.

Dan kollu jitlob minna bidla bla waqfien bl-għan li r-rieda ta' Alla, li hija kreattiva u ħajja, issir ħaġa waħda magħna hekk li aħna mhux biss nagħżlu bil-libertà li ngħixu skont il-Kmandamenti ta' Alla, imma msoffija, ningħaqdu dejjem aktar ma' Alla li jħobbna.

---

141 Ara Lhud 10,5-10.

142 Ara Ġw 6,38; 17,4.

143 Ara Ġw 13,1.

144 Ġw 14,31.

145 Ara Fil 2,8; Lhud 5,7-8; Lq 22,42.

146 Ara Rum 6,14; 8,9.

147 Ara *ET* 10.

148 Ara Rum 12,2.

149 Ara Ġw 16,13.

150 Ara *Regola,* nri. 2-3.

151 Ara *Regola,* nri. 10, 11,18-19, 23.

152 Ara *Regola*, n. 5.

## 50.

L-ubbidjenza lejn Alla ngħixuha mhux biss bħala individwi imma wkoll bħala komunità. Għax il-komunità hija l-post fejn ilkoll flimkien infittxu r-rieda ta' Alla. F'din it-tfittxija aħna dixxipli ta' xulxin u lkoll responsabbli biex nisimgħu u nagħmlu dak li trid il-Kelma, moqrija fid-dawl tas-sinjali taż-żminijiet u mfissra skont il-kariżma tal-Ordni.[153] Għaldaqstant, l-ubbidjenza tagħmilna aħwa ta' xulxin u tqegħedna lkoll quddiem dak li jitolbu minna l-Evanġelju u s-Saltna ta' Alla.

## 51.

Il-Pirjol, waqt li jiftakar li fiċ-ċentru tal-komunità hemm Kristu u l-Evanġelju tiegħu, iqiegħed lilu nnifsu għall-qadi tar-rieda ta' Alla u tal-aħwa. Filwaqt li tibqa' sħiħa l-awtorità tiegħu li jiddeċiedi u li jikkmanda dak li għandu jsir, il-Pirjol għandu jfittex li jmexxi lill-aħwa f'ubbidjenza matura u responsabbli lejn Kristu permezz tad-djalogu u tad-dixxerniment[154] f'dak li għandhom jagħmlu.[155] Fil-komunità, il-Pirjol huwa sinjal u mezz ta' għaqda u dak li jħeġġeġ lill-aħwa biex jgħixu l-kariżma tal-Ordni. L-aħwa, min-naħa l-oħra, għandhom iweġġgħu bl-umiltà lill-Pirjol tagħhom "waqt li jġibu quddiem għajnejhom aktar milli lilu, lil Kristu"[156] li qiegħdu fuqhom biex imexxihom.

## 52.

F'każ gravi s-Superjur Maġġuri jista' jagħti preċett (*praeceptum*) lil xi reliġjuż bis-saħħa tal-vot tal-ubbidjenza. Dan il-preċett għandu jingħata bil-kitba jew fil-preżenza ta' żewġ xhieda.[157]

---

153 Ara VI Kuns. Prov. 1981, *AOC*, 35/3 (1981), 169.

154 Ara *Regola*, nri. 5, 6, 15; *ET* 25; RD 13.

155 Ara *Regola*, n. 4; *PC* 14; *ET* 25; *RD* 13; Kan. 618.

156 *Regola*, n. 23.

157 Ara Kan. 49, 601.

## 2. Il-faqar: ċaħda tal-pussess tal-ġid biex ikun hemm il-qsim u s-solidarjetà

### 53.

Ġesù Kristu, il-bniedem fqir, twieled u għex fl-umiltà. Fil-ħajja tiegħu fuq din l-art ried ikun imneżża' minn kull għana,[158] setgħa u glorja tad-dinja.[159] Huwa ħa n-natura ta' lsir, sar jixbah lill-bniedem[160] u qies lilu nnifsu maż-żgħar u l-fqar.[161] Huwa għadda ħajtu mad-dixxipli tiegħu,[162] u magħhom qasam il-proġetti tal-Missier,[163] il-missjoni,[164] u t-talb.[165] Minħabba f'hekk kien għalihom mhux biss l-Imgħallem imma wkoll il-Ħabib u Ħuhom.[166] Fuq is-salib, Ġesù ġarrab il-faqar l-aktar kbir u l-għera assoluta skont il-pjan tal-Missier. Għax mis-salib huwa ta lilu nnifsu għall-umanità. Hu li kien għani ftaqar għalina, sabiex aħna nistagħnew permezz tal-faqar tiegħu.[167]

### 54.

Fil-mixja tagħhom wara Ġesù, il-bniedem fqir, l-ewwel komunitajiet Insara, imħeġġin mill-għaqda (*koinonia*) fraterna għexu u tħarrġu fil-qsim tal-ġid materjali[168] u spiritwali.[169]

---

158 Ara Lq 9,58.

159 Ara Ġw 6,15; 5,41.

160 Ara Fil 2,7.

161 Ara Mt 25,40.

162 Ara Ġw 1,39.

163 Ara Ġw 15,15.

164 Ara Mt 10.

165 Ara Lq 11,1-4.

166 Ara Lhud 2,11; Rum 8,29.

167 Ara 2 Kor 8,9; u wkoll RD 12.

168 Ara Atti 2,42-47; 4,32; 2 Kor 8,1-15.

169 Ara 1 Pt 4,10-11.

## 55.

Aħna wkoll, fil-mixja tagħna wara Ġesù u fuq l-eżempju tal-Knisja tal-bidu, irridu nħaddnu bil-libertà d-don tal-kunsill evanġeliku tal-faqar, filwaqt li nwiegħdu li jkollna kollox flimkien u ħadd mill-aħwa ma jgħid li għandu xi ħaġa tiegħu.[170] Aħna nemmnu li kollox ingħatalna bħala rigal u li kull ġid spiritwali, materjali u kulturali li ġibnieh bil-ħidma tagħna, għandu "jintradd" bl-aħjar mod possibbli għall-ħtiġijiet tal-Knisja u tal-Ordni tagħna, u biex inġibu 'l quddiem il-ħajja umana u soċjali tal-bnedmin.[171]

## 56.

Il-faqar huwa realtà diffiċli ħafna biex wieħed jifhmu. Għax jista' jkun ħaġa ħażina jekk dan ikun ifisser in-nuqqas tal-ħwejjeġ meħtieġa għall-ħajja, ikkawżat mill-inġustizzja, mid-dnub personali u soċjali;[172] imma jista' jkun ukoll għamla ta' ħajja evanġelika mħaddna minn dawk li filwaqt li jafdaw f'Alla biss, jaqsmu ġidhom mal-fqar u jiċħdu kull xewqa ta' setgħa u indipendenza mill-bnedmin l-oħra. Fil-kontemplazzjoni nitħarrġu f'dik l-imġiba vera ta' faqar fejn nitbattlu minna nfusna, u hekk insiru dejjem anqas sidien tal-ħidma u l-ħsibijiet, tal-virtujiet u tax-xewqat tagħna, u ninfetħu għar-rieda ta' Alla. Hekk insiru tassew fqar bħal Kristu, u lanqas l-istess faqar tagħna, imħaddan f'dan il-proċess li fih l-imħabba ta' Alla tbattalna minn kollox, ma nqisuh bħala xi ħaġa tagħna.

## 57.

Għaldaqstant, aħna, li ħaddanna bil-libertà l-faqar bħala għamla ta' ħajja evanġelika, inħossuna msejħin, mill-Evanġelju u mill-Knisja, biex inqanqlu l-kuxjenza tal-bnedmin dwar il-problemi kbar tal-miżerja, tal-ġuħ u tal-ġustizzja soċjali.[173] Dan l-għan nilħquh jekk fuq kollox il-faqar tagħna jkun xhieda tas-sens uman li għandu x-xogħol: bħala mezz ta' għejxien

170 Ara *Regola*, nri. 12-13.

171 Ara I Kuns. Prov. 1972, *AOC*, 30/1 (1972), 58

172 Ara *SRS* 16.

173 Ara *ET* 18.

u bħala qadi lill-oħrajn;[174] jekk, barra minn hekk, ninteressaw ruħna fl-istudju u fl-għarfien tal-kawżi ekonomiċi, soċjali u morali tal-faqar li hu frott l-inġustizzja;[175] jekk nużaw bil-qies u bil-prudenza l-ġid tagħna, filwaqt li npoġġuh, bla nistennew ebda qligħ, għall-ħtiġijiet umani u spiritwali tal-bnedmin ta' żminijietna;[176] u fl-aħħar, jekk nistħarrġu bir-reqqa d-diversi għamliet tal-preżenza tagħna f'nofs il-poplu b'mod li jkunu jservu għall-ħelsien u l-ġid tal-bniedem kollu kemm hu.[177]

## 58.

Għaldaqstant ir-reliġjużi professi solenni ma jistax ikollhom bħala tagħhom ġid materjali. Kull ħaġa li jaqilgħu hija tal-kunvent, tal-Provinċja jew tal-Ordni, skont in-normi ta' dawn il-Kostituzzjonijiet u tal-Istatuti tal-Provinċja.[178]

## 59.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-liġi tal-Knisja jibqa' jżomm il-valur tiegħu dak li jitlob in-numru 55, imma fil-postijiet fejn il-liġi ċivili ma tagħrafx l-effetti tal-professjoni solenni, ir-reliġjużi jistgħu jagħmlu atti ġuridiċi (donazzjonijiet, testmenti, eċċ.) fil-qasam ċivili, b'effetti ċivili, favur il-kunvent, il-Provinċja jew l-Ordni.
Fil-każ, imbagħad, li l-liġi ċivili ma tagħrafx lanqas il-personalità ġuridika tal-kunvent, tal-Provinċja jew tal-Ordni, huwa permess li fil-qasam ċivili r-reliġjużi jidhru bħallikieku proprjetarji, filwaqt li jibqgħu fis-seħħ il-liġijiet tal-Knisja msemmija aktar 'il fuq.

## 60.

Fl-użu tal-ġid materjali għandna nħossuna responsabbli quddiem Alla għall-ħarsien tal-faqar li pprofessajna liberament, filwaqt li nżommu

---

174 Ara *Regola*, n. 20; *ET* 20.

175 Ara Kongr. Ġen. 1980, *AOC*, 35/1-2 (1980) 26; X Kuns. Prov. 1987, *AOC*, 38 (1987), 207.

176 Ara I Kuns. Prov. 1972, *AOC*, 30/1 (1972), 58.

177 Ara I Kuns. Prov. 1972, *AOC*, 30/1 (1972), 59; III Kuns. Prov. 1975, *AOC*, 32/2 (1975), 67-68; Kongr. Ġen. 1980, *AOC*, 35/1-2 (1980), 26; VI Kuns. Prov. 1981, *AOC*, 35/4 (1981), 168.

178 Ara Kan. 668.

quddiem għajnejna li aħna nagħmlu l-vot tal-faqar bl-għan li ngħixu, individwalment u fil-komunità, ħajja sempliċi, 'il bogħod minn dak kollu li jista' jweġġa' lil dawk li huma fqar. L-Istatuti tal-Provinċja għandhom jistabbilixxu, kemm għandu jingħata kull reliġjuż għall-ħtiġijiet personali, skont ma jitolbu ċ-ċirkustanzi u li jistgħu jinbidlu minn pajjiż għall-ieħor. Ukoll, in-normi dwar is-sawm u l-astinenza (ara n-numru 41), jistgħu jqanqluna biex ngħixu ħajja bla ħela, bla ma nagħtu widen għal kull pubbliċità, u bla ma ninsew ngħinu lill-fqar.[179]

## 61.

Ma rridux ninsew li fi żminijietna l-aħjar mod biex nuru l-vot tal-faqar huwa li nħarsu bil-fedeltà l-liġi komuni tax-xogħol. Għaldaqstant, inħaddnu bil-ħeġġa l-preċett tar-Regola, li jħeġġiġna biex naħdmu bla heda,[180] konxji li bit-taħbit tagħna nsiru ħaddiema ma' Alla fl-opra tal-ħolqien.[181] Ix-xogħol jgħinna wkoll biex niżviluppaw il-personalità tagħna, u biex ngħinu lill-aħwa, anzi lill-bnedmin kollha bi mħabba li tidher fl-għemil. Bih inwasslu lill-Ordni li jkun f'qagħda dejjem aħjar. Barra minn hekk, inkomplu nuru fiż-żmien il-karattru nobbli mogħti lix-xogħol minn Ġesù Kristu, li ma stmerrx ix-xogħol tal-id, u nimxu fuq l-eżempju tal-Imqaddsa Verġni Marija, li matul ħajjitha fuq din l-art għexet ħajja kollha taħbit u xogħol għall-ħtiġijiet tal-familja.

## 3. Il-kastità: ċelibi għas-Saltna

## 62.

Iċ-ċelibat tagħna u l-ħajja Nisranija kollha kemm hi rridu narawhom fid-dawl ta' Alla tas-Saltna u s-Saltna ta' Alla. "L-imħabba ta' Alla biss twassal lill-bnedmin biex bil-qawwa kollha jħaddnu l-kastità. Din l-imħabba ta' Alla titlob tant bis-sħiħ l-imħabba ta' bejn l-aħwa li r-reliġjuż, imqanqal minn motivazzjoni ogħla, jgħix man-nies ta' żmienu fil-qalb ta' Kristu.

179 Ara CIVCSVA, *Linee orientative per la gestione dei beni negli Istituti di vita consacrata e Società di vita apostolica*, Citta del Vaticano 2014, introduzione.

180 *Regola,* n. 20; ara LE 27.

181 Ara *GS* 34.

Jekk isseħħ din il-kundizzjoni, l-għotja tar-reliġjuż innifsu lil Alla u lill-oħrajn, tkun għajn ta' paċi profonda". [182]

## 63.

Kristu Ġesù, il-bniedem kast, ta lilu nnifsu kollu kemm hu għas-Saltna. Huwa ħabb lil kulħadd, l-aktar iż-żgħar u l-fqar. L-imħabba tiegħu ma kinitx ixxekkel,[183] imma kienet tagħti l-ħelsien,[184] u kienet kollha kemm hi mogħtija għall-qadi tal-aħwa. Il-ħajja tiegħu kienet xhieda u wirja ta' wiċċ il-Missier.[185]

## 64.

Fil-mixja tagħna wara Ġesù, il-bniedem kast, iċ-ċelibat tagħna wkoll jitqies bħala mħabba sħiħa għal Alla u għal kull bniedem.[186] Filwaqt li jagħraf, li l-imħabba ta' Alla tiġi qabel l-imħabba ta' kull bniedem, il-Karmelitan jinbidel bla waqfien f'din l-imħabba divina mogħtija bħala rigal u bla ebda rbit. Dan iseħħ permezz ta' bidla ma taqta' qatt tal-kapaċitajiet affettivi tiegħu, li jagħmluh tassew kast permezz tal-iżvilupp tal-persuna kollha. Bis-saħħa ta' din l-imħabba kasta u sħiħa,[187] l-imġiba tagħna ma' xulxin tikber fis-sewwa u fis-sempliċità, u jitqawwa fina l-bniedem il-ġdid u kast skont l-Ispirtu, wirja u sinjal tal-preżenza tal-Mulej li ġġib il-ħelsien, f'dinja li ħafna drabi hi mxekkla mill-ġlied u l-firda.

## 65.

L-imħabba tagħna, li aħna ngħixuha fl-għamla ta' ħajja ċelibi, għandha, bħal dik ta' Ġesù, valur spiritwali u soċjali jew politiku fl-istess ħin. Jiġifieri hija mħabba sħiħa lejn Alla, l-Assolut waħdieni li jagħti sens lill-ħajja tagħna, u mħabba speċjali, mogħtija b'xejn u li ġġib ħelsien

---

182 *ET* 13; ara *PdV* 50; *RD* 11, *VC* 30.

183 Ara Ġw 20,17.

184 Ara Lq 4,16-30.

185 Ara Ġw 5,36-37; 8,29.

186 Ara Mk 12,29-31.

187 Ara 1 Kor 7,24.

lill-umli u lill-fqar, sabiex jitwaqqfu u jinfirxu fost il-bnedmin il-valuri tas-Saltna ta' Alla: id-dinjità tal-persuna umana, l-ugwaljanza u s-solidarjetà.

## 66.

Il-karizma tal-kastità kkonsagrata hija don ta' Alla.[188] Imma aħna nafu li qed inġorru dan id-don f'ġarar tal-fuħħar,[189] jiġifieri fl-umanità dgħajfa tagħna. Għaldaqstant, inħossu l-ħtieġa li "nħażżmu ġenbejna bil-ħżiem tas-safa"[190] billi ngħixu dawk il-valuri li jġibu 'l quddiem l-integrazzjoni ekwilibrata u matura tal-affettività u l-kapaċità ta' ħlewwa bi mġiba evanġelika li taqbel mal-għamla ta' ħajjitna. Il-maturità affettiva u sesswali ma hi qatt realtà ċerta. Hemm bżonn li wieħed jiddixxerni bl-attenzjoni, l-aktar fil-formazzjoni inizjali, il-limiti li jista' jkun hemm fil-persuna u jintervjeni skont kif jaqbel.
Sabiex iċ-ċelibat tagħna, magħżul għas-Saltna, ikun triq tajba għall-maturità umana u reliġjuża tagħna, jinħtieġ li qabelxejn nedukaw lilna nfusna għall-imħabba vera fost l-aħwa;[191] għall-komunikazzjoni u għad-djalogu komunitarju, għall-kapaċità li nħobbu persuna oħra mingħajr ma nagħmluha tagħna, imma minflok napprezzawha bħala persuna; għas-sens ta' għotja u ta' qadi mill-qalb; għas-sempliċità tal-ħbiberija tagħna; u fl-aħħar nett għas-skiet, biex nisimgħu l-Kelma, u għall-axxeżi Nisranija li jsaffu s-sentimenti tagħna u jgħinuna nibnu relazzjonijiet veri mal-oħrajn, filwaqt li nieħdu sehem fis-Salib ta' Kristu li jwassal sal-quċċata l-għotja ta' mħabba tiegħu lill-Missier u lill-aħwa.

---

188 Ara 1 Kor. 7,7; *PC* 12; *ET* 15.

189 Ara 2 Kor 4,7.

190 *Regola* n. 19.

191 Ara *PC* 12; II Kuns. Prov. 1973, *AOC*, 31/2 (1973), 71.

# Kapitlu V

# It-Talb

## 1. It-talb b'mod ġenerali

**67.**
It-Trinità Qaddisa sejħitilna għall-għaqda magħha u bejnietna permezz tal-fidi, tat-tama u tal-imħabba. Dawn il-virtujiet jitħaddmu, jitqawwew u jintwerew fit-talb, meta ndawru l-attenzjoni tagħna lejn Alla f'att ta' qima u mħabba, fis-smigħ ubbidjenti, fl-indiema sinċiera, fit-talb kollu tama.[192]
It-talb huwa frott il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fina u l-ħajja tagħna. Huwa jgħidilna x'għanda nitolbu meta aħna ma nafux x'naqbdu ngħidu, imexxina lejn l-għaqda mal-Knisja kollha u jgħinna nikbru fl-esperjenza tagħna ta' għaqda ma' Alla.
It-tradizzjoni Karmelitana dwar it-talb hija mibnija fuq l-esperjenza konkreta tal-membri tagħha tul mijiet ta' snin. Din l-esperjenza titkellem dwar il-preżenza kollha mħabba ta' Alla fil-ħajja tal-Karmelitani, hekk li mas-Salmista l-Karmelitan jista' jgħid: "Xandru l-kobor tal-Mulej miegħi, ħa ngħollu ismu flimkien", u wkoll: "Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej; hieni l-bniedem li jistkenn fih".[193]
Sa mill-bidu tiegħu l-Ordni Karmelitan ħaddan kemm il-ħajja tat-talb u kemm l-appostolat tat-talb. It-talb huwa ċ-ċentru indispensabbli tal-ħajja tagħna li minnu joħorġu komunità u ħidma appostolika vera.[194] It-talb tal-komunità Karmelitana huwa sinjal għad-dinja tal-Knisja li titlob, u jfakkarha fl-eżempju ta' Marija, Omm Ġesù, li kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u tfaħħar il-kobor tal-Mulej għal kulma għamel magħha.[195]
Filwaqt li nimmeditaw u ninżlu dejjem aktar fil-fond fil-misteru ta' Kristu,

192 Ara *ET* 43.

193 S 33,4.9.

194 Ara II Kuns. Prov. 1973, *AOC*, 31/2 (1973), 64.

195 Ara Lq 2,19.51; 1,46-55.

aħna nsiru aktar ubbidjenti fil-mixja tagħna warajh u nitħeġġu biex naħdmu bħala dixxipli tiegħu għall-fidwa tal-umanità.[196]
Ġesù Kristu, mgħallem u mudell tat-talb, jgħaqqadna miegħu fit-tifħir lill-Missier. Fit-talba tal-*Missierna,* Ġesù għallimna nitolbu b'mod li jorbot flimkien is-sema u l-art. Hekk ukoll, fl-ispiritwalità tagħna, ngħaqqdu flimkien l-imħabba tagħna lejn id-dinja u s-sens tagħna tat-traxxendenza.[197]

## 68.

Ispirati mill-għejun bnin tal-ispiritwalità Nisranija, aħna ngħaqqdu l-esperjenza ta' Alla mal-esperjenza umana tagħna. Għax meta nitolbu aħna nsibu ruħna quddiem il-ħtiġijiet u dak kollu li għandu x'jaqsam mad-dinja u fl-istess ħin nagħrfu s-sejħa tagħna li naqdu lill-membri kollha tal-Knisja[198]. Dan jista' jwassal lill-komunità biex tfittex metodi ġodda ta' talb, bħalma huma l-meditazzjoni djalogata, it-talb bibliku fil-komunità u għamliet oħra ġodda.[199]

## 69.

It-talb jista' jieħu bosta għamliet, skont il-ħtiġijiet tal-komunità u tal-individwi. It-talb jissaħħaħ bi tfittxija bla waqfien ta' Alla, megħjuna bil-lectio divina, bl-istudju, bil-meditazzjoni u bis-sagramenti. Din it-tfittxija ma taqta' xejn ta' Alla għandha tkun is-sisien u l-ogħla espressjoni tal-ħajja komunitarja.

## 70.

Is-solitudni u s-skiet, li kemm l-individwi u kemm il-komunità jippruvaw joħolqu, jgħinuna nisimgħu aħjar leħen l-Ispirtu s-Santu.[200] Għaldaqstant, fid-djar kollha tal-Ordni għandna noħolqu u nfittxu li nħarsu ambjent ta' skiet, ġabra u solitudni. Hekk inkunu nistgħu ninġabru b'aktar ħeffa għat-

196 Ara *PO* 14. 18; *EE* 29.

197 Ara F. Thuis, *Milqutin mill-misteru li hu Alla*, Ruma 1983, (Malta 1984), 43-45.

198 II Kuns. Prov. 1973, *AOC*, 31/2 (1973), 71.

199 Ara II Kuns. Prov. 1973, *AOC*, 31/2 (1973), 70; XII Kuns. Prov. 1991, *AOC,* 42/2 (1991), 139.

200 Ara *ET* 46.

talb individwali, u wkoll l-istudju u x-xogħol tagħna jħalli aktar frott.[201] Madankollu huwa fir-responsabbiltà tal-kapitlu lokali, skont l-Istatuti tal-Provinċja, li jistabbilixxi normi dwar dan.

## 71.

Ikun daqstant ieħor ta' ġid, fil-Provinċji u fir-Reġjuni li jistgħu, it-twaqqif u l-iżvilupp ta' ċentri ta' spiritwalità, djar ta' rtiri u studju, li jkunu miftuħin għar-reliġjużi u għal dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-ispiritwalità tal-Ordni biex jagħmlu rtiri u eżerċizzi spiritwali.
Barra minn hekk, fi ħdan l-Ordni, fuq livell reġjonali u internazzjonali, għandha tikber il-koperazzjoni bejn iċ-ċentri ta' spiritwalità u ta' studju li diġà għandna.

# 2. It-talb liturġiku

## 72.

Bħala reliġjużi aħna msejħin biex, fuq l-eżempju tal-Knisja tal-bidu, nieħdu sehem flimkien fit-talb liturġiku, jiġifieri fl-Ewkaristija u fil-Liturġija tas-Sigħat.[202] It-talb liturġiku huwa l-aqwa mod biex niltaqgħu ma' Alla: il-komunità tgħix u tiċċelebra l-misteru fl-għaqda u fil-prattika.[203] It-talb personali[204] u t-talb liturġiku huma marbutin sewwa flimkien u jidħlu f'xulxin.[205]

## 73.

Iċ-ċelebrazzjoni komunitarja tas-Sagrifiċċju Ewkaristiku ta' kuljum "għandha tkun iċ-ċentru u l-quċċata tal-ħajja kollha tal-komunità".[206] Hekk nuru r-rieda tagħna li rridu naslu għand il-Missier flimkien ma' Kristu. Fiha, aħna noffrulu b'sagrifiċċju, il-ħajja tagħna ta' kuljum magħquda

201 Ara *OT* 11.

202 Ara *Regola*, nri. 11, 14.

203 Ara Papa Franġisku, Ittra enċiklika *Laudato si,* 24 ta' Mejju 2015; Ara *LS* 48-52.

204 Ara Mt 6,6.

205 Ara *SC* 9-10, 12.

206 *CD* 30/2; ara *LG* 11; *Regola*, n. 14.

ħaġa waħda mal-misteru tal-Għid ta' Kristu, biex minn jum għall-ieħor nimxu 'l quddiem fl-għaqda sħiħa ma' Alla u bejnietna, permezz ta' Kristu Medjatur, hekk li fl-aħħar Alla jsir kollox f'kollox.[207] Fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, li fiha naqsmu bejnietna l-ikla tal-Mulej u nieħdu sehem mill-frott tas-sagrifiċċju ta' Kristu, tinbena l-komunità tagħna u titwaqqaf u turi ruħha l-għaqda tagħna mal-familja kollha tal-fidili.

## 74.

Il-Liturġija mqaddsa tgħaqqadna max-xhieda appostolika u mal-fidi tal-Knisja kollha. Il-Liturġija ta' flimkien hija mbagħad karatteristika ċentrali tar-Regola tagħna.[208] Barra t-tħejjija xierqa taċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tagħna, jeħtieġ ukoll nikbru fl-imħabba tagħna lejn il-Liturġija nfisha u t-tiġdid tagħha. Hekk nittamaw li naslu biex nifhmu aħjar kif għandna nieħdu sehem b'mod kontemplattiv fil-misteru li niċċelebraw.

## 75.

Meta nitolbu t-talba pubblika tal-Knisja nuru li aħna nagħmlu parti mill-Knisja li titlob, li flimkien ma' Kristu "tfaħħar bla waqfien lill-Mulej u tħabrek għas-salvazzjoni tad-dinja".[209] Dan it-talb, minħabba l-kobor partikolari tiegħu bħala t-talba pubblika u uffiċjali tal-Knisja, huwa għajn ta' ħtieġa kbira għall-ħajja spiritwali ta' dawk li jitolbu.[210]
"Il-Liturġija tas-Sigħat tifrex fuq kull ħin tal-jum dak kollu li jsir waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteru Ewkaristiku ..., jiġifieri, it-tifħir u r-radd ta' ħajr lil Alla, it-tifkira tal-misteri tas-salvazzjoni, it-talb, u dak il-ferħ tas-sema li l-fidili jġarrbu sa minn issa".[211] Permezz tal-Liturġija tas-Sigħat u taċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, il-misteri tal-Fidwa li ġabilna Sidna Ġesù Kristu, jiġu ċċelebrati matul is-sena liturġika biex aħna nkunu nistgħu nieħdu sehem fihom u nimtlew bil-grazzja tas-salvazzjoni.[212]

---

207 Ara *SC* 48.

208 Ara *Regola*, nri. 11, 14.

209 *SC* 83.

210 Ara *SC* 90; u wkoll II Kuns. Prov. 1973, *AOC*, 31/2 (1973), 70.

211 *LH* 12.

212 Ara *SC* 102.

## 76.

Il-Liturġija tas-Sigħat għandha tiġi ċċelebrata flimkien. Għaldaqstant għandu jsir minn kollox biex kulħadd ikun jista' jieħu sehem fiha. Jekk f'xi komunità jkun hemm xi diffikultajiet partikolari, tal-anqas għandhom jiġu ċċelebrati flimkien it-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u l-Għasar.
Is-sigħat li minħabba xi raġuni ma jsirux flimkien, għandhom jingħadu fil-privat.[213]

## 77.

F'dawk il-postijiet fejn għandna xi ħidma pastorali, tkun ħaġa tajba li niċċelebraw xi parti mil-Liturġija tas-Sigħat flimkien mal-fidili.[214]

## 78.

Għandna ta' spiss nistqarru dnubietna lill-Knisja fis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni u wkoll fiċ-ċelebrazzjoni komunitarja tal-istess sagrament skont l-użanzi tal-Knisja lokali. Hekk naqalgħu mingħandu l-ħniena ta' Alla, il-maħfra ta' ħtijietna, u fl-istess ħin nerġgħu nitħabbu mal-Knisja.[215]

## 79.

Kull reliġjuż tal-Ordni jista' jqerr għand liema saċerdot irid sakemm dan jinsab f'għaqda sħiħa mal-Knisja. Jekk ikun meħtieġ, is-saċerdot konċernat jikseb immedjatament il-ġurisdizzjoni meħtieġa bis-saħħa ta' dawn il-Kostituzzjonijiet.

## 3. It-talb personali

## 80.

In-Nisrani huwa bla dubju ta' xejn imsejjaħ biex jitlob flimkien mal-oħrajn, imma għandu wkoll jinqata' għalih waħdu biex jitlob lill-Missier

---

213 Ara l-ittra *Haec Sacra Congregatione* tal-Kongregazzjoni għar-Reliġjużi u l-Istituti Sekulari tal-20 ta' Diċembru 1969, mibgħuta lill-Pirjol Ġenerali tal-Karmelitani, *AOC*, 28 (1969-70), 49-50.

214 Ara *SC* 100; *LH* 21.

215 Ara *LG* 11.

fil-moħbi.[216] It-tradizzjoni Karmelitana, li wieħed jgħix fil-preżenza ta' Alla, aktarx tidher diffiċli f'dawn iż-żminijiet moderni. Għaldaqstant irridu nagħmlu ħilitna biex ngħinu lil xulxin ħalli nfittxu 'l Alla permezz ta' talb li jkun marbut sewwa mal-ħajja ta' kuljum.
Bl-istess mod, il-Karmelitani huma mistiedna jkollhom esperjenza aktar profonda ta' dawk il-forom ta' talb li jaqblu ħafna mal-ispiritwalità tagħna. Barra minn hekk, ta' min iħeġġeġ fostna t-tfittix ta' għamliet ġodda ta' talb li jaqblu mal-kariżma tagħna.

## 81.

Il-formazzjoni spiritwali għandha tkun marbuta ma' dik dottrinali u pastorali u għandha tingħata b'tali mod li biha nitgħallmu ngħixu f'għaqda intima u f'familjarità mal-Missier, b'Ibnu Ġesù Kristu, u fl-Ispirtu s-Santu. Aħna ngħixu l-misteru tal-Għid u nfittxu lil Kristu fil-ħajja tagħna ta' kuljum, bis-sehem ħaj fl-Ewkaristija u fil-Liturġija tas-Sigħat, u wkoll fil-bnedmin l-oħra, l-aktar fil-fqar, fil-morda, fit-tfal u f'dawk li ma jemmnux. Il-ħajja kollha tagħna għandu jkollha sens evanġeliku profond li bih naraw il-ġrajjiet tagħna u tal-ambjent fejn ngħixu fid-dawl ta' Alla.[217] Il-ħajja kollha tagħna trid tkun tassew kontemplattiva, sabiex f'dak kollu li jiġri madwarna naraw kollox bl-istess għajnejn ta' Alla.

## 82.

Fit-tradizzjoni Karmelitana, il-kontemplazzjoni hija tassew rigal mogħti b'xejn minn Alla li jieħu l-inizjattiva biex jiġi jiltaqa' magħna u jimliena dejjem aktar bil-ħajja u bl-imħabba tiegħu. Aħna nwieġbu għal dan ir-rigal billi nħalluh ikun is-Sid ta' ħajjitna. Il-kontemplazzjoni titlob li nkunu miftuħa għal Alla, li l-preżenza tiegħu nsibuha kullimkien. Hekk nimxu fuq l-eżempju tal-profeta Elija li dejjem fittex lil Alla, u ta' Marija li kienet tgħożż kollox f'qalbha.[218]

---

216 Ara Mt 6,6; *SC* 12.

217 Ara *DKHR* 1; EE 2.

218 Ara 1 Slat 17,1-15,18,19-21; 2 Slat 1,2; Lq 2,19.51.

## 83.
Biex jikber fina l-ispirtu ta' kontemplazzjoni huwa ta' għajnuna kbira t-talb fis-skiet. Għaldaqstant, għandu jkollna ta' kuljum ħin adattat għalih.

## 84.
Barra minn hekk, il-ħajja ta' talb iġġib magħha d-dmir li nistħarrġu kif qed inġibu ruħna fid-dawl tal-Evanġelju. Dan l-eżerċizzju jgħin biex it-talb tagħna jħalli l-frott tiegħu, kemm fil-ħajja personali u wkoll f'dik tal-komunità tagħna.[219]

## 85.
Ir-Regola tistedinna nagħmlu l-*lectio divina*,[220] li hija għajn bnina tal-ispiritwalità Nisranija. Għaldaqstant, għandna nagħmluha kuljum biex nitgħallmu nagħrfu dejjem aħjar lil Ġesù Kristu u nħobbuh bi mħabba ħelwa u ħajja.[221] B'hekk inkunu qegħdin nagħmlu dak li jikkmandana l-appostlu Pawlu fir-Regola: "Is-sejf tar-ruħ hu l-Kelma ta' Alla, ħa tgħammar bil-kotra fil-fomm u fil-qalb tagħkom u kulma tagħmlu, agħmluh skont il-Kelma tal-Mulej." [222]
Tkun ħaġa tajba li l-lectio divina komunitarja ssir b'mod regolari biex l-aħwa jkunu jistgħu jaqsmu bejniethom l-esperjenza tagħhom ta' Alla u biex jagħtu tweġiba komunitarja għall-Kelma ħajja tiegħu.

## 86.
Ta' min iħeġġeġ ħafna l-qari tal-kotba spiritwali, l-aktar l-opri ta' kittieba tal-Ordni tagħna.

---

219 Ara II Kuns. Prov. 1973, *AOC*, 31/2 (1973), 74.

220 *Regola*, nri. 10, 18-19.

221 Ara *PC* 6; *SC* 24; *DV* 25.

222 *Regola*, n. 19.

## 87.

Il-komunitajiet jieħdu ħsieb jagħmlu l-eżerċizzi u l-irtiri spiritwali skont ma jitolbu l-Istatuti tal-Provinċja.
L-aktar ħaġa importanti hija li t-talb ikun ir-ruħ tal-ħajja kollha tagħna, sabiex bil-fidi, bit-tama u bl-imħabba nkunu nistgħu nagħtu glorja lill-Missier f'għaqda ma' Kristu. "Għandna dejjem nitolbu bla ma naqtgħu."[223]

# 4. Il-qima lejn l-Imqaddsa Verġni Marija u l-qaddisin

## 88.

Matul il-ħajja tagħha fuq l-art, l-Imqaddsa Verġni Marija wriet ruħha bħala d-dixxiplu perfett ta' Kristu. Minħabba f'hekk, fil-ħidma appostolika tagħha, il-Knisja timxi fuq l-eżempju tal-Verġni Omm Alla, mudell perfett fil-mixja wara Kristu,[224] l-aktar fil-ħidma tagħha għall-fidwa tagħna. F'din il-ħidma, il-Verġni Marija ħadet sehem sħiħ mill-waqt tal-*Fiat* tagħha sa taħt is-Salib u bis-solidarjetà tagħha mal-ewwel komunità Nisranija miġbura fit-talb.[225]

## 89.

Il-qima lejn l-Imqaddsa Verġni Marija u d-dmir li nxerrduha ġej mill-istess natura tal-missjoni li l-Ordni għandu fil-Knisja. Għaldaqstant, filwaqt li nimxu fuq il-ħsieb tal-istess Knisja,[226] għandna nxerrdu bil-ħeġġa l-qima, l-aktar liturġika, lejn l-Imqaddsa Verġni Marija. L-Imqaddsa Verġni Marija tidher fl-istess ċelebrazzjoni liturġika bħala mudell[227] li jqanqal lill-fidili biex isiru jixbhu lil Ommhom u permezz tagħha lil Binha. Hija tħeġġiġhom biex jiċċelebraw il-misteri ta' Kristu bl-istess sentimenti u ħsibijiet li bihom hija kkontemplat lil Binha f'Betlem u f'Nazaret – meta xejjen lilu nnifsu – u li bihom ferħet fil-Qawmien tiegħu flimkien mal-

---

223 Lq 18,1.

224 Ara *SC* 103.

225 Ara *RMa* 42-46.

226 Ara *MC* 56.

227 Ara *MC* 2-14.

ulied ġodda tagħha.[228]
Għandu jkollna mħabba kbira lejn id-devozzjonijiet u l-għemejjel ta' qima lejn l-Omm Verġni li l-maġisteru tal-Knisja rrakkomanda matul is-sekli.[229] Filwaqt li nżommu l-għamliet tradizzjonali tad-devozzjoni marjana (bħalma huma l-Labtu u r-Rużarju), m'hemm xejn xi jżomm milli ndaħħlu għamliet ġodda ta' devozzjoni.[230]

## 90.

Bħala Karmelitani għandna nuru d-devozzjoni tagħna lejn l-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu billi ta' kull sena niċċelebraw b'solennità speċjali l-festa tal-Karmnu. Il-festi marjani l-oħra tal-kalendarju liturġiku għandhom ukoll ikunu ċelebrati b'solennità, u meta l-liturġija tippermetti, ta' min iqaddes il-quddiesa votiva tal-Imqaddsa Verġni Marija tal-Karmnu u jgħid l-uffiċċju tal-Verġni Marija f'jum is-Sibt. Ta' min iħeġġeġ ukoll li ta' kuljum aħna l-Karmelitani, fil-kunventi kollha tagħna, waqt li l-komunità tkun miġbura, inkantaw il-*Flos Carmeli*, is-*Salve Regina* jew xi antifona marjana oħra skont iż-żmien liturġiku.

## 91.

Matul is-sena liturġika, il-Knisja tiċċelebra l-misteru tal-Għid ta' Kristu li seħħ fil-Qaddisin.[231]
Il-Karmelu jiċċelebra b'devozzjoni speċjali l-qaddisin tiegħu filwaqt li jilmaħ fihom ix-xbieha l-aktar ħajja u vera tal-kariżma u tal-ispiritwalità tal-Ordni tul is-sekli. Għandhom jiġu ċċelebrati b'solennità speċjali l-festa tal-profeta San Elija, it-tifkira tal-profeta San Eliżew u l-festi tal-protetturi tal-Ordni, jiġifieri ta' San Ġużepp, San Ġwakkin u Sant'Anna.

---

228 Ara *MC* 16-23.

229 Ara *LG* 67.

230 Ara *MC* 29, l-istess: orientamenti: 30-38.

231 Ara *SC* 104.

## 92.

Il-Labtu tal-Karmnu, bħala wieħed mis-sagramentali tal-Knisja, huwa simbolu tad-devozzjoni tagħna lejn l-Imqaddsa Verġni Marija u wkoll mezz li jdaħħal lill-fidili fil-Familja Karmelitana. Huwa jfakkarna fil-virtujiet tal-Imqaddsa Verġni Marija li jinħtieġ nilbsu, l-aktar l-għaqda sħiħa ma' Alla u l-qadi umli tal-proxxmu fil-Knisja ta' Alla, bit-tama li niksbu s-salvazzjoni ta' dejjem.[232]

## 93.

Is-santwarji marjani, li fihom naqdu l-appostolat tagħna u fejn tradizzjonalment il-fidili jinġabru bi ħġarhom, ta' min jieħu ħsiebhom bil-għaqal sabiex isiru dejjem aktar ċentri tas-smigħ tal-Kelma ta' Alla u tal-ħajja liturġika, b'ċelebrazzjonijiet ta' qima adatti (Ewkaristija u Rikonċiljazzjoni). Is-santwarji tagħna għandhom isiru dejjem aktar ċentri ta' riflessjoni fuq il-mixja spiritwali ta' Marija u ta' evanġelizzazzjoni b'attenzjoni għad-devozzjoni popolari lejn Omm Alla, Omm il-Knisja u Omm il-bnedmin. Barra minn hekk, billi għandhom ikunu xhieda ċara ta' dak li aħna, is-santwarji huma wkoll postijiet li jilqgħu lil dak li jkun, ukoll bi ħsieb ta' vokazzjoni għall-ħajja reliġjuża, postijiet ta' solidarjetà b'ħidma lejn l-aħwa fil-bżonn; postijiet ta' ħidma ekumenika b'laqgħat u talb.[233]

---

232 Ara Kunsill Ġenerali O.Carm. – Definitorju Ġenerali OCD, *La natura e il valore spirituale della devozione allo scapolare del Carmelo, AOC*, 48 (1997), 165-191; Sacra Congregazzione del culto divino e la disci plina dei sacramenti, *Rito per la benedizione e l'imposizione della scapolare della beata Maria Vergine del Monte Carmelo, AOC,* 48 (1997), 26-59. Cilia Anthony – Borg Martin, *Il-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu*, Malta 1996, pp 1-15.

233 Ara *SanP* 73-92.

# Kapitlu VI

## Ħsibijiet Ġenerali Dwar il-Missjoni Appostolika

**94.**

Il-missjoni tal-Karmelu għandha sehem mill-missjoni ta' Ġesù, mibgħut biex iħabbar il-Bxara t-Tajba tas-Saltna ta' Alla u l-ħelsien sħiħ minn kull dnub u jasar.[234] Għaldaqstant, bħala Karmelitani, is-sehem tagħna fl-appostolat jagħmel parti mill-kariżma tagħna.[235] Aħna mmexxijin mit-tagħlim tar-ragħajja tal-Knisja, mit-tradizzjoni tagħna u l-valuri tagħha, mis-sinjali taż-żminijiet, u fuq kollox mis-smigħ tal-Kelma ta' Alla mfissra fid-dawl ta' dawk li huma fqar. Il-qadi (djakonija) tagħna fil-Knisja għandu jkun mistħarreġ u mġedded sabiex inkunu nistgħu nwieġbu għall-isfidi li jsirulna mill-qagħda kulturali, soċjali u reliġjuża tal-poplu.[236] Fil-missjoni tagħna rridu nżommu quddiem għajnejna l-kariżmi u t-talenti tal-aħwa, u fl-istess ħin il-limiti naturali tas-sehem tagħna.

**95.**

Aħna l-Karmelitani jeħtieġ inħaddmu l-missjoni tagħna fost il-poplu l-ewwel u qabel kollox bil-għana tal-ħajja kontemplattiva li ngħixu.[237] Il-ħidma profetika tagħna tista' tieħu ħafna għamliet ta' djakonija appostolika. U billi mhux kull għamla ta' ħidma appostolika taqbel faċilment mal-kariżma tagħna jew mal-kapaċità ta' xi komunità partikolari, irridu nistħarrġu bla waqfien il-possibbiltajiet diversi li toffri l-qagħda li ninsabu fiha.

**96.**

Imdawlin mill-kontenut fundamentali tal-kariżma tagħna u mill-kuntest ekkleżjali u soċjali tal-lum, se nagħtu xi kriterji li jistgħu jgħinuna fid-

234 Ara *EN* 9, 13, 69.

235 *Regola*, nri. 5, 10, 17.

236 Ara *EN* 39; *RPU* 4 ittri d) u e); *EE* 23, 25-26, 35-37.

237 III Konferenza Ġenerali taċ-CELAM, Documento de Puebla, 265.

direzzjoni u fl-għażla tal-missjoni appostolika tagħna:[238]

- ħajja ta’ fraternità u ta’ talb f’nofs il-poplu;
- tweġiba għall-ħtiġijiet tal-Knisja universali u lokali;
- qadi tal-fqar u tal-imwarrbin;
- attenzjoni speċjali għall-kwistjoni dwar il-qagħda tal-mara;
- ħidma għall-paċi u l-ġustizzja;
- għajnuna lil dawk li juru interess fl-ispirtu, fil-wirt spiritwali u fil-ħajja tal-Karmelu.

Hekk ningħataw biex nisimgħu ’l Alla li jkellimna fil-Kotba Mqaddsa u fil-ġrajjiet ta’ ġensna.

## 97.

Bħala Ordni ta’ fraternità appostolika, aħna nħeġġu għall-predikazzjoni tal-Kelma ta’ Alla mhux biss fil-knejjes tagħna, imma f’postijiet oħra wkoll. Infittxu li nxerrdu l-Kelma ppritkata bil-kitbiet u bil-mezzi ta’ komunikazzjoni tal-lum. Fil-predikazzjoni naqsmu l-frott tas-smigħ assidwu tagħna tal-Kelma ta’ Alla u tal-ħajja kontemplattiva tagħna u nfittxu li nibdew u nakkumpanjaw lil dawk li jisimgħuna fit-tfittxija tagħhom għal Alla u fil-mixja kontemplattiva. Infittxu li nġeddu l-predikazzjoni marjana b’mod ġdid. Nieħdu ħsieb it-tħejjija tal-predikazzjoni tagħna bit-talb, bl-istudju u bl-attenzjoni għas-sinjali taż-żminijiet u tal-postijiet, filwaqt li nimpenjaw ruħna biex inkunu xhieda li titwemmen tal-Evanġelju li nippritkaw.

## 98.

Għaldaqstant, jeħtieġ nistħarrġu, skont iċ-ċirkustanzi tal-post u ż-żmien, x’inhuma l-ħtiġijiet reliġjużi u soċjali, bl-għan li nsaħħu u nagħtu xhieda tal-ispirtu komunitarju fil-Poplu ta’ Alla kollu. Dan naslu għalih b’ħidma appostolika adatta f’kull qasam u mwassla sat-tmiem f’kollaborazzjoni fraterna.

---

238 Ara *MR* 15; I Kuns. Prov. 1972, *AOC,* 30/2 (1972), 57; Kongr. Ġen. 1974, *AOC*, 31/4 (1974), 175; Kongr. Ġen. 1980, *AOC*, 35/1-2 (1980), 23-24; Kongr. Ġen. 1986, *AOC*, 38 (1986) 92-93; X Kuns. Prov. 1987, *AOC,* 38 (1987), 207-208; Kongr. Ġen. 1992, *AOC*, 43/1 (1992), 35-36.

## 99.

Għalhekk, fidili għall-wirt spiritwali tal-Ordni, infittxu li mmexxu x-xogħol kollu tagħna biex inkabbru dejjem iżjed it-tfittxija t'Alla, is-smigħ tal-Kelma, u l-ħajja ta' talb. Fl-appostolat tagħna aħna nieħdu eżempju mill-preżenza ta' Marija fost l-Appostli,[239] mill-maternità tagħha ta' omm il-Knisja li rċeviet taħt is-Salib, mis-smigħ tagħha tal-Kelma ta' Alla u mill-ubbidjenza sħiħa tagħha għar-rieda ta' Alla. Biex nagħmlu u ngħidu dan aħna nfittxu li nżommu ħajjin u mmantnu lill-poplu bit-tifkira ta' Marija u bid-devozzjoni lejha.

## 100.

Fil-Kotba Mqaddsa u fit-tradizzjoni Karmelitana, il-profeta Elija hu meqjum bħala dak li, b'diversi modi, għaraf jaqra s-sinjali ġodda tal-preżenza t'Alla, u rnexxielu, l-aħħar imma mhux l-anqas, li jħabbeb lil dawk li saru barranin jew għedewwa ta' xulxin.
Aħna l-Karmelitani, b'qalbna mħeġġa mill-eżempju tiegħu u mix-xewqa qawwija li nitħarrġu fit-tagħlim tal-imħabba u tar-rikonċiljazzjoni mogħtijin lilna mill-Mulej, għandna nfittxu li nieħdu sehem fil-moviment ekumeniku u fid-djalogu bejn ir-reliġjonijiet mibdi mill-Konċilju Vatikan II.[240] Bis-saħħa tal-ewwel wieħed, aħna mmexxu 'l quddiem relazzjonijiet mal-Ortodossi u mar-reliġjonijiet Insara l-oħra; bis-saħħa tat-tieni, aħna nibnu djalogu fuq diversi livelli mal-Lhud u mal-Musulmani li magħhom naqsmu l-qima lejn il-profeta Elija. Dil-ħaġa tista' tgħin fid-djalogu fuq temi li għandhom x'jaqsmu mal-ħajja spiritwali, mat-talb, u mal-imħabba kollha ħniena. It-tkabbir tal-Ordni fid-dinja ma jistax iħallina indifferenti u aljenati quddiem il-ħtieġa tal-evanġelizzazzjoni fir-rispett lejn id-diversi tradizzjonijiet u li nkunu ħmira ta' mħabba fost dawk kollha li jemmnu. Għalhekk għandna nfittxu kull djalogu possibbli mal-Induwisti u mal-Buddisti u ma' min hu ta' xi reliġjon oħra.[241]

---

239 Ara Atti 1,14-15; *LG* 68.

240 Ara *UR* 5; *VC* 100-101; *EG* 244-246.

241 Ara *UR* 7-12; *Rdu* 50; *VC* 102; *EG* 250-254.

Bl-istess mod, il-Karmelitani huma disposti li jakkumpanjaw lil kull persuna li ġenwinament tixtieq iġġarrab dak li hu traxxendenti f'ħajjitha jew li tixtieq taqsam ma' ħaddieħor l-esperjenza personali ta' Alla.

# Kapitlu VII

## Il-Missjoni Appostolika fi Ħdan il-Knisja Lokali

**101.**
Filwaqt li jżomm il-karattru universali tiegħu, l-Ordni jfittex li jieħu sehem sħiħ fil-ħajja tal-Knisja lokali. Dan jitlob kollaborazzjoni mill-qrib mad-diversi membri ta' dawn il-Knejjes.[242] Fil-Knisja lokali nfittxu li nagħtu s-sehem tal-kariżma tagħna fix-xogħol tal-evanġelizzazzjoni filwaqt li nuru u nħeġġu x-xejra kontemplattiva tal-ħajja, għall-fraternità u għall-ħidma konkreta b'risq il-ġustizzja. Nilqgħu bil-ferħ l-istedina biex noħorġu u niltaqgħu ma' persuni li qegħdin fil-"periferija" u niskopru magħhom il-ferħ tal-Vanġelu.[243]

**102.**
Kemm jista' jkun għandna nfittxu li, f'armonija ma' dak li jitolbu n-normi u l-pastorali tal-Knisja u tal-Ordni, inkunu lesti li nagħmlu kull ħidma ta' appostolat li tkun tixtieqna nagħmlu l-Knisja skont il-ħtiġijiet tal-post u taż-żmien.[244] Dan l-għan nilħquh permezz tal-appostolat parrokkjali, bil-qadi tal-fidili fil-knejjes, bil-formazzjoni taż-żgħażagħ fl-iskejjel u f'għaqdiet oħra, bil-predikazzjoni tal-eżerċizzi spiritwali, bl-istudju, bid-direzzjoni spiritwali, bit-tagħlim dwar problemi spiritwali u b'ħidmiet oħra.

**103.**
Immexxijin mill-maġisteru, mid-dokumenti uffiċjali tal-Ordni, u mis-sinjali taż-żminijiet, b'qalbna kollha nistiednu l-fidili biex nuruhom l-għana tat-tradizzjoni tagħna u ndewquhom l-esperjenza tal-kontemplazzjoni. Infittxu li nkabbru fil-lajċi d-doni u l-kariżmi tagħhom,[245] sabiex ikunu jistgħu jieħdu sehem fil-missjoni tal-Knisja. Il-missjoni tagħna fil-Knisja,

---

242 Ara *EN* 60, 69; *EE* 38-43; *MR* 18.

243 Ara *EG* 20-24.

244 Ara *EE* 27.

245 Ara *AA* 3, *PO* 9.

immexxija fuq il-kriterji li jinsabu fin-numri 96 u 101, għandha tkun evanġelizzatriċi u evanġelizzanti b'attenzjoni speċjali għal dawk ukoll li tilfu t-triq.

## 104.

Aħna u nwiegħbu għall-ħtiġijiet pastorali tal-Knisja lokali fejn naħdmu, inwettqu l-missjoni tagħna wkoll fil-parroċċi. L-aċċettazzjoni ta' parroċċa ġdida ssir permezz ta' ftehim bil-miktub, imfassal skont id-Dritt, bejn il-Pirjol Provinċjali, li għal dan jeħtieġ il-kunsens tal-Kunsill tiegħu, u l-Ordinarju tal-post.[246]

L-Istatuti tal-Provinċja jiddeterminaw il-kriterji li għandna nsegwu fl-aċċettazzjoni tal-parroċċi.

## 105.

Jekk il-parroċċa titwaqqaf fi knisja tal-Ordni, fil-ftehim għandha tidher ċara r-rabta li tgħaddi bejn il-parroċċa u l-komunità reliġjuża, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-knisja u l-ħwejjeġ ekonomiċi.

## 106.

**§1.** Imiss lill-Pirjol Provinċjali, wara li jkun ħa l-parir tal-Kunsill tiegħu, li jaċċetta jew li jippreżenta lill-Isqof dawk ir-reliġjużi adattati biex jingħataw xi uffiċċju fid-djoċesi.

**§2.** Ir-reliġjużi, li bi ftehim jinsabu jaħdmu f'xi xogħol tad-djoċesi, jibqgħu taħt l-awtorità tas-superjuri tagħhom. F'dawk il-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu max-xogħol tagħhom jaqgħu taħt l-awtorità ta' dawk li għalihom qed jaħdmu.[247]

## 107.

Dawk kollha li għandhom xi ministeru fid-djoċesi, skont id-Dritt, jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Isqof f'dak kollu li għandu x'jaqsam mat-twettiq fidil tal-ħidma pastorali.[248]

246 Ara Kan. 520.

247 Ara Kan. 681 §1.

248 Ara Kan. 681 §1.

## 108.

L-Istatuti tal-Provinċja jistgħu jiddeterminaw jekk l-uffiċċju ta' kappillan u ta' pirjol lokali jistgħux jingħataw lill-istess persuna u kemm reliġjuż jista' jdum fl-uffiċċju ta' kappillan fl-istess parroċċa, u wkoll ir-relazzjonijiet ta' bejn il-kappillan u l-komunità tar-reliġjużi għall-kollaborazzjoni fil-ħidma appostolika tal-parroċċa. F'kull każ, il-komunità reliġjuża għandha tieħu sehem fl-animazzjoni u fil-qadi pastorali.

## 109.

Il-missjoni *ad gentes*, jiġifieri x-xandir tal-Evanġelju fejn għadu mhux magħruf, hija waħda mill-ħidmiet fundamentali tal-Knisja,[249] għax il-Knisja hija missjunarja min-natura tagħha.[250] L-aġent prinċipali tal-missjoni *ad gentes* huwa l-Ispirtu s-Santu,[251] li jnebbaħ Provinċji u Kummissarjati biex jagħtu lill-membri tagħhom għal dan ix-xogħol, u li jagħti l-kariżma missjunarja lil dawk li huma mibgħutin. F'din il-ħidma l-Ordni jara "il-kobor tal-imħabba, tax-xandir evanġeliku, tal-edukazzjoni Nisranija, tal-kultura u tas-solidarjetà mal-fqar, l-imwarrbin u l-maħqurin."[252]
Il-komunitajiet kollha tagħna għandhom isaħħu din il-ħidma essenzjali bit-talb u billi jħajru lill-fidili biex, kull wieħed skont kemm jista', jagħtu sehemhom direttament u b'għajnuna materjali. Billi l-ħidma missjunarja titlob spiritwalità speċifika[253] u proċess ta' inkulturazzjoni, nittamaw li l-missjoni *ad gentes* turi b'mod ġdid il-qalba tal-kariżma Karmelitana bi qligħ għall-Knisja u għall-Ordni.

249 Ara *RM* 31-33; *EG* 15.

250 Ara *RM* 5.

251 Ara *RM* 21.

252 *RM* 69.

253 Ara *RM* 87.

# Kapitlu VIII

## Rabtiet Fraterni mal-Familja Karmelitana

### 110.

**§1.** L-Ordni huwa l-qalb tal-Familja Karmelitana, iffurmat mir-reliġjużi rġiel, mis-sorijiet tal-klawsura, mill-aħwa nisa u rġiel tal-istituti aggregati, mill-membri tat-Terz'Ordni Karmelitan (Ordni Sekulari).
Mal-aħwa rġiel u nisa tal-Karmelu Tereżjan għandna rabta partikolari x'nikkultivaw u nseddqu.
L-istituti sekulari, il-konfraternitajiet, l-assoċjazzjonijiet pubbliċi u privati l-oħra, il-movimenti ekkleżjali li għandhom l-għarfien, b'dixxerniment xieraq tas-superjuri maġġuri, kif ukoll il-persuni msieħba, huma marbutin mal-Ordni b'rabta spiritwali. Fit-tradizzjoni, ir-rabta mal-Ordni tkun mistqarra preferibbilment permezz tal-Labtu, imma jistgħu jintużaw ukoll simboli oħra li jkunu ta' fejda biex jesprimu din is-sħubija. Hu x'inhu, ir-rabta mal-Ordni u mal-Familja Karmelitana dejjem għandha tkun mantnuta fi spirtu ta' komunjoni vera permezz ta' laqgħat regolari li fihom il-membri jaqsmu ma' xulxin l-esperjenzi tal-ħajja, b'kollaborazzjoni koresponsabbli fl-evanġelizzazzjoni u bi programmi u mixjiet formattivi li bihom, flimkien, japprofondixxu t-tradizzjoni spiritwali tagħna.
**§2.** Il-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-lajkat se jkunu żviluppati f'direttorju apposta.

### 111.

L-Appostlu jwissina biex nagħmlu l-ġid lil kulħadd, l-aktar lill-aħwa fil-fidi.[254] Għaldaqstant, ir-reliġjużi tagħna għandhom irawmu fihom imħabba u interess lejn dawk kollha li jħaddnu l-ideal Karmelitan. Billi l-kariżma Karmelitana hija mogħtija lill-Familja Karmelitana kollha, kull membru għandu biċċa xogħol importanti fil-formazzjoni tal-aħwa l-oħra li jagħmlu parti mill-Familja. Din il-kollaborazzjoni twassal sabiex l-għamliet differenti ta' kif tingħax il-kariżma Karmelitana jissaħħu bl-għajnuna ta' xulxin.

254 Ara Gal 6,10.

## 112.

Kemm jista' jkun għandna ngħinu lis-sorijiet Karmelitani tal-klawsura u huma, min-naħa tagħhom, iqawwu lilna fil-mixja tagħna. Kull Provinċja li għandha xi monasteru tas-sorijiet Karmelitani, għandha tieħu ħsieb, skont ma jitolbu l-Istatuti tal-Provinċja, il-ħatra ta' Delegat Provinċjali għall-istess sorijiet.
Għandu wkoll jinħatar Delegat Ġenerali full-time, li jirrappreżenta lill-Pirjol Ġenerali u lill-Kunsill tiegħu mas-sorijiet tal-klawsura, jgħin lir-reliġjużi jifhmu aħjar il-ħajja klawstrali u jaħdem flimkien mas-sorijiet tal-klawsura fit-tisħiħ tal-komunikazzjoni magħhom u fl-iżvilupp tagħhom.[255] Id-Delegat ma jkunx membru tal-Kunsill Ġenerali.
Fejn diġà jeżisti, id-Delegat Ġenerali għandu jaħdem id f'id mal-Assistent Reliġjuż tal-Federazzjoni.

## 113.

Ta' min iħeġġeġ kollaborazzjoni reċiproka mal-istituti affiljati mal-Ordni, fil-qasam tal-pastorali vokazzjonali, fl-ispiritwalità u fl-evanġelizzazzjoni.

## 114.

L-Ordni Karmelitan jistagħna b'dawk il-fidili li mdawlin mill-Ispirtu s-Santu għażlu li jfasslu ħajjithom fuq l-Evanġelju fl-ispirtu tal-Karmelu. It-Terz'Ordni u l-forom l-oħra tal-Lajkat Karmelitan għandhom l-influss tagħhom fl-istruttura u fl-ispirtu tal-Familja Karmelitana kollha. Għandna ngħinuhom sabiex jilħqu l-għan li jixtiequ fit-tisħiħ u fl-iżvilupp tas-soċjetà umana bil-ħmira tal-Evanġelju. Għandu jkun hemm Delegat Ġenerali għal-Lajkat Karmelitan fid-diversi għamliet tiegħu. Dwar id-Delegati fuq livelli oħra għandhom jieħdu ħsieb l-Istatuti tal-Provinċja.

255 Ara Kapitlu Ġenerali 2013, *AOC*, 64/2 (2013), 196.

# Kapitlu IX

# Il-Missjoni Appostolika u t-Tħaddim tal-Ġustizzja u l-Paċi fid-Dinja

## 115.

Kristu ma wassalx sat-tmiem il-fidwa tal-bnedmin bħala barrani għall-ġrajjiet tad-dinja, iżda ried isir ħaġa waħda kemm mal-poplu tiegħu u kemm mal-ġeneru uman kollu. U dawk kollha "li jimxu wara Kristu, jisimgħu l-istedina tiegħu, meta jgħid: 'Kont bil-ġuħ u tmajtuni; kont bil-għatx u sqejtuni; kont barrani u lqajtuni; kont għeri u libbistuni; kont marid u ġejtu tarawni; kont il-ħabs u ġejtu żżuruni.'"[256]

## 116.

Qed ngħixu f'dinja mimlija inġustizzji u tħassib.[257] Hu dmir tagħna li ngħinu biex jinstabu l-kawżi ta' dan, li nieqfu mal-imwarrbin fit-tbatija tagħhom, li magħhom nagħtu sehemna fil-ġlieda għall-ġustizzja u għall-paċi, li nitħabtu għall-ħelsien sħiħ tagħhom billi ngħinuhom jilħqu x-xewqa tagħhom għal ħajja dinjituża.[258]

## 117.

Il-fqar, il-*minores*, jiffurmaw il-parti l-kbira tal-popolazzjoni dinjija. Il-problemi diffiċli tagħhom jiddependu u ġejjin mir-relazzjonijiet internazzjonali ta' żminijietna, u b'mod aktar dirett, mis-sistemi ekonomiċi u politiċi li qed imexxu l-umanità. Għaldaqstant ma nistgħux nibqgħu indifferenti quddiem l-għajta tal-maħqurin li jitolbu ġustizzja.[259]

## 118.

Jeħtieġ nisimgħu u naqraw il-qagħda ta' żminijietna bl-istess għajnejn

256 *PP* 79; ara Mt 25,35-36.

257 Ara Rum 6,13; 8,10.

258 *PP* 82, 86; *SRS* 35-40, 46.

259 Ara *ET* 17; X Kuns. *Prov.* 1987, *AOC*, 38 (1987), 208; Kongr. Ġen. 1992, *AOC*, 43/1 (1992) 36.

tal-fqar, maħqura minn sitwazzjonijiet ekonomiċi u politiċi li qed imexxu l-umanità tal-lum. Quddiem il-ħafna problemi li għandhom, il-ħajja tagħna ma tistax tibqa' indifferenti. Jeħtieġ nagħmlu għażla. B'hekk biss insibu mill-ġdid l-Evanġelju bħala l-Aħbar it-Tajba u lil Ġesù Kristu bħala l-ħellies minn kull għamla ta' jasar.

## 119.

Il-qagħda soċjali ta' żminijietna qed tistaqsina ma' liema naħa ninsabu, u aħna, attenti għall-għajta tal-fqar u fidili għall-Evanġelju, nissieħbu magħhom billi nagħżlu l-*minores*. Fl-Ordni qed dejjem tikber ix-xewqa li nissieħbu mal-*minores* tal-istorja, u biex b'ħajjitna iktar milli bi kliemna, inwasslu kelma ta' tama u ta' salvazzjoni lil dawn l-aħwa (...). Nirrakkomandawhom, għax din l-għażla taqbel mal-kariżma tal-Ordni, miġbura fil-kliem *vivere in obsequio Jesu Christi*: li ngħixu f'ubbidjenza lejn Ġesù Kristu tfisser ukoll li ngħixu f'ubbidjenza lejn il-fqar, u ta' dawk kollha li fihom jidher aktar il-wiċċ ta' Kristu.[260]

## 120.

L-ispirazzjoni li nieħdu mill-profeta Elija, li hija s-sisien tal-kariżma profetika tagħna, tistedinna biex illum ukoll nagħmlu mal-*minores*, il-mixja li terraq il-profeta fi żmienu; mixja ta' ġustizzja kontra l-ideoloġiji foloz u favur esperjenza ħajja ta' Alla l-veru; mixja ta' solidarjetà billi għażel li jaqbeż għal dawk li kienu qed ibatu minħabba l-inġustizzja; mixja mistika fil-ġlieda tiegħu biex jerġa' jagħti lill-fqar il-fiduċja li kienu tilfu fihom infushom billi jfakkarhom li Alla huwa magħhom.[261] Ma nistgħux ninsew li "t-tjieba u l-fedeltà jiltaqgħu, il-ġustizzja u s-sliem jitbewsu";[262] u għalhekk l-impenn tagħna għall-ġustizzja jġib 'il quddiem il-bini ta' dinja li fiha ssaltan il-paċi.[263]

---

260 Kongr. Ġen. 1980, *AOC,* 35/1-2, 23-24; X Kuns. Prov., 1987, *AOC*, 38 (1987), 207; *Komunità li titlob*, *AOC* 43/2 (1992), 152, 155.

261 Ara 1 Slat 21; X Kuns. Prov. 1987, *AOC*, 38 (1987), 207.

262 S 85,11; *CV* 1.

263 Ara Mt 5,9-10.

## 121.

Biex nedukaw ruħna ħalli nieħdu fuqna b'mod evanġeliku "s-sitwazzjoni tal-foqra" nissuġġerixxu li nerġgħu naqraw il-Bibbja mill-perspettiva tal-foqra, tal-maħqurin u tal-imwarrbin; li nqisu l-prinċipji Nsara tal-ġustizzja u tal-paċi bħala parti integranti tal-formazzjoni tagħna f'kull livell; li nitwaħħdu mas-sitwazzjoni tal-foqra; li nużaw l-analiżi soċjali fid-dawl tal-fidi, bħala mezz biex niskopru d-dnub li jinkarna f'ċerti strutturi politiċi, soċjoekonomiċi u kulturali;[264] li niddefendu u nġibu 'l quddiem kull sinjal żgħir tal-ħajja, filwaqt li nfaħħru lill-Mulej li jniżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom u jgħolli liċ-ċkejknin.[265] Minn Marija nitgħallmu nerġgħu naqraw il-ġrajjiet tal-istorja li jseħħu kuljum u fid-dinja kollha fid-dawl tal-Kelma t'Alla[266] u nħallu l-Ispirtu jmexxina biex inkunu ta' qadi lil dawk li huma fil-bżonn.[267]

## 122.

Ilkoll kemm aħna għandna r-responsabbiltà fil-konfront tal-oħrajn u tad-dinja.[268] Il-kwistjonijiet il-kbar tal-ħarsien u tal-integrità tal-ħolqien, id-diżastri ambjentali kkawżati minħabba t-traskuraġni u l-kilba bla rażan għall-qligħ, u wkoll it-traġedji li qed iseħħu bħalissa minħabba d-diżgrazzji naturali, qed jiġbdu l-attenzjoni tagħna u qed jisfidawna biex infittxu u nqiegħdu fis-seħħ tweġibiet xierqa.[269] Għandna bżonn inżidu l-għarfien tagħna dwar dil-problema li tippermettilna l-iżvilupp ta' konvinzjonijiet, ta' mġibiet u ta' stili ġodda ta' ħajja.[270] Barra minn hekk, għandna bżonn naqsmu dan l-għarfien tagħna mal-oħrajn b'tali mod illi huma wkoll ikunu jistgħu jieħdu sehem u jkollhom x'jaqsmu fil-

---

264 Ara X Kuns. Prov. 1987, *AOC*, 38 (1987), 207.

265 Ara Lq 1,52.

266 Ara Lq 2,19.51.

267 Ara Lq 1,39.56; Ġw 2,1-10.

268 Ara *LS* 229.

269 Ara *LS* 20-22; 43-47.

270 Ara *LS* 220.

bini ta' ekoloġija integrali.[271] Il-ħolqien kien imħolli f'idejna biex nieħdu ħsiebu bi mħabba.[272] Għalhekk aħna msejħin biex immexxu 'l quddiem is-saħħa "ta' ħutna konventwali",[273] jiġifieri tal-kreaturi u tal-ambjent li qed ngħixu fih.[274]

Dan l-impenn diġà jista' jseħħ kuljum bl-attenzjoni lejn il-konsum, meta nevitaw il-ħela u t-tixrid, billi neħilsu mill-iskart bl-użu ta' kull għamla possibbli ta' riċiklaġġ tal-materjal, bix-xiri ta' makkinarju u strumenti magħmulin b'rispett lejn l-ambjent.[275]

---

271 *LS* 230.

272 Ara Ġen 1,26; 2,15.

273 Nicolaus Gallus, *Ignea Sagitta*, c. XI, A. Staring, ed, *Carmelus* 9 (1962), 298-301.

274 Ara *LS* 147-155.

275 Ara *LS* 180.

# IT-TIELET TAQSIMA

## IL-FORMAZZJONI

# Kapitlu X

## Il-Proċess Formattiv tal-Karmelitan

### 123.

Il-formazzjoni Karmelitana hija proċess partikolari li bih wieħed jagħmel tiegħu l-proġett ta' ħajja Karmelitana, li jirrekjedi li nkunu fraternità kontemplattiva fost il-poplu.
Hekk, il-Karmelitan isir dejjem aktar dixxiplu veru ta' Ġesù Kristu, jissieħeb miegħu fl-offerta tiegħu nnifsu lill-Missier u jaqsam miegħu l-missjoni tiegħu għall-ġid tal-umanità, skont il-kariżma partikolari tal-Karmelu.

### 124.

Kull Karmelitan, bis-saħħa tal-vokazzjoni li rċieva fil-Magħmudija, fil-Griżma u fil-professjoni reliġjuża, huwa msejjaħ biex jilħaq il-milja tiegħu f'Ġesù Kristu u għaldaqstant irid jitħabat bla waqfien għall-konverżjoni tal-qalb u biex jinbidel spiritwalment, imqanqal mill-qawwa tal-imħabba. Din il-ħidma, li ttul ħajjitna kollha, tintwera fl-għaqda sħiħa tagħna ma' ħuna Ġesù Kristu, ma' dawk kollha li jeħtieġu l-ħelsien u mal-ħolqien kollu li qed jistenna l-fidwa.[276]
B'dan il-proċess ta' żvilupp, ir-reliġjuż ikollu l-ħila jifhem sewwa l-qagħda personali u komunitarja, jiżen bir-reqqa u juri d-differenza li tgħaddi bejn it-teorija u l-prattika, u jkompli jikber fir-relazzjonijiet interpersonali u komunitarji.

### 125.

Il-komunitajiet tagħna għandhom ifittxu li jgħixu għamla ta' ħajja li turi din il-konverżjoni u l-iżvilupp dejjiemi tal-ħajja fi Kristu, u hekk, filwaqt li jgħixu l-vokazzjoni tagħhom fi spirtu ta' radd il-ħajr u ferħ, huma jsiru evanġelizzaturi u stedina li tħajjar vokazzjonijiet ġodda.[277]

---

276 Rum 8,19-23.

277 Ara Kongr. Ġen. 1986, *AOC*, 38 (1986), 91.

## 126.

Lil dawk il-kandidati li se jibdew il-formazzjoni inizjali, aħna noffrulhom il-programm li huwa żviluppat l-aktar fir-*Ratio Institutionis Vitae Carmelitanae.* Dan juri l-formazzjoni li aħna impenjati nagħtu. Ir-reliġjużi professi u l-kandidati ġodda għandhom ikunu miftuħin għal xulxin u lesti li jaqsmu bejniethom il-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Ir-reliġjużi professi jgħaddu lill-kandidati dak li jitlob minnhom l-Ordni u l-kariżma ħajja tat-Tradizzjoni. Min-naħa tagħhom, il-kandidati l-ġodda, permezz tad-doni li rċevew mill-Ispirtu, iwasslu enerġija ġdida u sfidi li bihom jagħnu u jġeddu l-ħajja tal-Karmelu.[278]

278 Ara *MR* 12.

# Kapitlu XI

## Il-Ministeru tal-Formazzjoni

### 127.

Il-proċess ta' formazzjoni, fid-diversi fażijiet tiegħu, jitħalla f'idejn formaturi maturi fl-esperjenza umana u fil-ħajja konsagrata, li kapaċi jmexxu u jakkumpanjaw lill-kandidat fil-mixja tiegħu. Għaldaqstant, dawn għandu jkollhom tal-anqas ħames snin ta' professjoni solenni u xi ftit esperjenza u għarfien tal-ħajja u tal-ministeri tal-provinċja.

### 128.

Is-Superjuri Maġġuri jew il-kapitli jaħtru formaturi li jkunu tajbin u mħejjijin apposta għax-xogħol li jridu jagħmlu u ma għandhomx isibuha bi kbira jeħilsuhom minn uffiċċji oħra li jistgħu jidhru aktar importanti imma li ma jistgħu qatt jitqabblu mal-uffiċċju ta' edukatur.[279] Meta wieħed iqis l-importanza u l-kobor tar-responsabbiltà tal-formaturi, lil dawk li jaqdu dan l-uffiċċju għandha tingħatalhom kull għajnuna u attenzjoni, ukoll għal dak li għandu x'jaqsam ma' saħħithom f'sens sħiħ.

### 129.

Il-formazzjoni Karmelitana ssir fil-kuntest ta' ħajja komunitarja tajba fil-mument li fih il-kandidati jgħixu l-kariżma tal-Ordni permezz tal-komunitajiet li qegħdin fihom. Għalhekk, komunità li tifforma għandha tkun magħmula minn tal-anqas tliet reliġjużi professi solenni adattati, li jiffavorixxu l-proċess formattiv u li jkollhom ħila jevalwaw. Iridu jkunu konxji tar-responsabbiltà u tas-sejħa tagħhom li jkunu mudelli ta' ħajja Karmelitana.

Fejn l-għadd tal-kandidati fil-formazzjoni huwa numeruż, kemm hu possibbli, min hu responsabbli mill-formazzjoni għandu jkun megħjun minn grupp ta' formaturi.

279 Ara Kan. 651 §3.

## 130.

Il-Pirjol Provinċjali u l-kunsill tiegħu għandhom ikunu mdaħħla fil-formazzjoni direttament, bi żjajjar, laqgħat, tagħrif u, bis-sehem tal-*equipe,* fil-valutazzjoni u fid-deċiżjonijiet tal-aħħar.

## 131.

Id-direzzjoni u t-tmexxija ta' dak kollu li għandu x'jaqsam mal-formazzjoni jaqgħu taħt is-setgħa tal-Pirjol Ġenerali jew tad-delegat tiegħu għall-Ordni kollu; tal-Pirjol Provinċjali jew tad-delegat tiegħu fil-Provinċja tiegħu.

a) Kunsillier Ġenerali għandu jkun responsabbli biex jiffaċilita l-formazzjoni fl-Ordni kollu. Għandu jkun megħjun minn Kummissjoni Ġenerali għall-Formazzjoni fl-istadji kollha tal-proċess formattiv. Il-Kunsillier Ġenerali għall-Formazzjoni u l-Kummissjoni Ġenerali għall-Formazzjoni għandhom ikunu megħjunin minn Delegat nominat mill-Pirjol Ġenerali biex jippromovu u jsostnu l-programmi ta' formazzjoni inizjali u permanenti għall-Ordni kollu. Il-Kunsillier Ġenerali għall-Formazzjoni u d-Delegat għandhom l-istess dmirijiet u responsabbiltajiet kif indikat fir-RIVC n. 70.

b) Għandu jkun hemm Kummissjoni għall-Formazzjoni f'kull Provinċja li tkun magħmula mill-anqas mill-Pirjol Provinċjali jew minn Kunsillier delegat tiegħu, mill-formaturi u mill-promuturi vokazzjonali, bi qbil mal-prinċipji stabbiliti fir-R*atio Institutionis Vitae Carmelitanae*.

## 132.

L-ewwel wieħed li hu responsabbli mill-formazzjoni huwa l-kandidat innifsu[280] li jaqsam din ir-responsabbiltà mal-formatur,[281] mal-komunità li tifforma[282] u mas-Superjur Maġġuri u l-kunsill tiegħu.

280 Ara *PI* 29.

281 Ara *PI* 30, 32.

282 Ara *PI* 26-28.

L-għajnuna li jirċievi l-kandidat trid tgħinu jikber fid-doni personali tiegħu, sabiex bil-mod il-mod jidħol fil-ħajja Karmelitana u jibda jieħu sehem fl-Ordni.
Il-kandidat għandu jkun immexxi hekk li jkun jista' jaqsam mal-oħrajn esperjenzi, ħidmiet u dmirijiet.

## 133.

Il-liġijiet u l-proċeduri li għandhom x'jaqsmu mal-formazzjoni tal-kandidati ġodda għandu jkollhom dawn il-kriterji: l-iżvilupp uman u spiritwali, it-talenti u x-xewqat personali, dak li titlob il-ħajja komunitarja, it-talbiet konkreti tal-Knisja u tal-Ordni, waqt li jitqiesu dak li titlob ir-Regola, dawn il-Kostituzzjonijiet, ir-*Ratio Institutionis Vitae Carmelitanae* u d-dokumenti uffiċjali tal-Knisja u tal-Ordni.

## 134.

Il-formaturi għandhom id-dmir u r-responsabbiltà li jiddixxernu, jakkumpanjaw, jgħallmu u jevalwaw.

a) Jekk hu possibbli, l-inkarigat mill-formazzjoni għandu jkun differenti għal kull fażi tal-formazzjoni inizjali.

b) B'danakollu huwa essenzjali li jkun hemm kordinazzjoni u koperazzjoni bejn il-formaturi responsabbli minn kull fażi, bl-għan li jiżgura kontinwità tul il-proċess formattiv.

ċ) F'kull fażi tal-proċess formattiv, hu floku – u kultant neċessarju – li jkun nominat assistent jew tim ta' assistenti li jgħinu lill-formaturi fix-xogħol tagħhom ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-kandidati.[283]

d) Dan it-tim, li jista' jinkludi wkoll membri mhux Karmelitani, għandu jaħdem id f'id mal-formaturi u taħt il-gwida diretta tagħhom.

## 135.

Il-missjoni tal-edukaturi kollha titlob minnhom impenji kbar, li jistgħu jinġabru f'dawn in-normi:

283 Ara *PI* 32.

- li bil-prudenza jagħrfu jinfetħu għall-ideat ġodda u għall-metodi ġodda għall-formazzjoni tal-kandidati żgħażagħ;
- li jagħmilhom sensibbli għall-problemi u għall-aspirazzjonijiet ta' dawk li lilhom se joffrulhom is-servizz tagħhom;
- li jdarruhom idawlu l-ħajja umana u l-problemi li ġġib magħha bid-dawl tal-Kelma t'Alla;
- li joffru liż-żgħażagħ il-ħiliet biex lill-bnedmin jagħmluhom verament koperaturi fil-bini tal-fraternità umana u evanġelika u sabiex jiffurmaw kuxjenza retta, bl-għan li jikkollaboraw fil-ħidma ta' trasformazzjoni mibdija minn Alla.[284]

## 136.

Il-ministeru tal-formazzjoni u dak vokazzjonali għandhom isiru "f'ambjenti siguri", li ma jippermettux abbużi fiżiċi, emozzjonali u sesswali. Minbarra dan, il-programmi formattivi għandhom jipprovdu lill-aħwa li jkunu fil-formazzjoni, edukazzjoni xierqa dwar kif joħolqu u jiggarantixxu spazji siguri għat-tfal u l-adulti, b'konformità ma' dawn il-Kostituzzjonijiet, mar-*Ratio Institutionis Vitae Carmelitanae*, kif ukoll bi qbil man-normi u l-Istatuti tal-Provinċja, tal-Kummissarjat jew tad-Delegazzjoni.

## 137.

L-aspetti kollha tal-proċess formattiv huma stabbiliti mir-*Ratio Institutionis Vitae Carmelitanae*, approvata mill-Pirjol Ġenerali u l-Kunsill tiegħu. Hija responsabbiltà tad-delegat tal-Pirjol Ġenerali għall-Formazzjoni li jħeġġeġ it-tħaddim tagħha. Għat-tiġdid tal-*RIVC*, il-Pirjol Ġenerali, flimkien mal-Kunsill tiegħu, għandu jsejjaħ darba f'sitt snin, laqgħa tal-formaturi kollha tal-Ordni, imħejjija mill-Kummissjoni Ġenerali għall-Formazzjoni. Tal-anqas darba kull tnax-il sena, ir-*RIVC* għandha tkun aġġornata.[285]

284 Ara *PI* 30-31, 33-41.

285 Ara Kan. 650 §1, 659 §2

## 138.

Fl-aħħar nett ma ninsewx li l-problemi tal-formazzjoni li jinqalgħu minn żmien għal ieħor ma jistgħux jinħallu b'formoli diġà lesti. Ilkoll kemm aħna fid-dmir li nitħabtu bla waqfien fl-iżvilupp tal-formazzjoni tagħna, u hekk insibu toroq ġodda li l-Mulej irid jgħaddina minnhom. Biex nagħrfu

aħjar x'inhi r-rieda ta' Alla għalina, huwa meħtieġ li naqsmu bejnietna l-esperjenzi tagħna. U l-ħidma tagħna fil-formazzjoni għandha tkun dejjem imdawla mill-ispirtu ta' dak li jgħid l-Evanġelju: "Aħna qaddejja li ma niswew għal xejn; għamilna biss dak li kellna nagħmlu."[286]

286 Lq 17,10.

# Kapitlu XII

# Il-Ministeru Vokazzjonali

## 139.

Il-vokazzjoni hija dejjem inizjattiva ta' Alla.[287] Għalhekk, il-vokazzjoni għall-ħajja konsagrata fil-Karmelu hija don ta' Alla li tasal permezz tal-Karmelu. L-imġiba tal-individwi u tal-komunitajiet tal-Ordni jgħinu fid-dixxerniment ta' dil-vokazzjoni. L-għan prinċipali tal-ministeru vokazzjonali huwa li jgħin lill-kandidati jiddixxernu dan id-don li jġorru fihom, u jwieġbu għalih. Xejn ma jippromovi l-vokazzjonijiet b'mod aktar effettiv mix-xhieda tal-ħajja komunitarja, murija fl-imħabba tagħna għall-Kelma ta' Alla, fit-talb, fis-silenzju, fiċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija, fil-bini tal-komunità, fl-ispiritwalità Karmelitana, f'li nkunu f'nofs il-poplu, fil-qadi u fil-ministeru, bil-promozzjoni ta' attivitajiet Karmelitani, bil-pubblikazzjonijiet, bl-użu wkoll ta' siti web imfassla tajjeb, bil-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali u biċ-ċentri tal-ispiritwalità.
Jeħtieġ li kull Provinċja jkollha tal-anqas persuna responsabbli biex takkumpanja lill-kandidati fil-mixja tagħhom ta' żvilupp vokazzjonali.[288]

## 140.

Minkejja li l-komunitajiet kollha għandhom jaħdmu għall-vokazzjonijiet, huwa meħtieġ li jkun hemm strutturi tajbin fuq livell provinċjali u/jew interprovinċjali. Imiss lil dawn, flimkien mal-ħidma tal-komunitajiet l-oħra u tal-promuturi tal-vokazzjonijiet, li jorganizzaw esperjenzi ta' fraternità u ta' talb li jkunu adattati l-aktar biex jilqgħu u jgħinu lil dawk kollha li jinsabu fil-proċess ta' għażla tal-vokazzjoni tagħhom.

## 141.

Jeħtieġ li l-promuturi vokazzjonali jkollhom xi għamla ta' kuntatt mal-għaqdiet tal-ministeru vokazzjonali ta' pajjiżhom.

---

287 Ara Ġw 15,16; CIVCSVA, Lettera circolare ai consacrati e alle consacrate in preparazione all'anno dedicato alla vita consacrata, *Rallegratevi,* 2 febbraio 2014, n. 4.

288 Ara Kongr. Ġen. 1986, *AOC*, 38 (1986), 92.

# Kapitlu XIII

## Il-Fażijiet tal-Proċess Formattiv

**142.**
Il-formazzjoni tiġbor fiha l-ħajja kollha kemm hi, ukoll jekk għandha waqtiet speċjali u progressivi. Il-fażijiet tal-formazzjoni inizjali huma: il-prenovizzjat, in-novizzjat u ż-żmien tal-professjoni sempliċi. Il-formazzjoni għall-ministeri differenti tibda minn żmien il-formazzjoni inizjali u tissokta wara l-professjoni solenni, taħt id-direzzjoni tal-Pirjol Provinċjali, sakemm l-Istatuti tal-Provinċja ma jgħidux mod ieħor. Il-formazzjoni permanenti hija proċess li jibqa' sejjer tul il-ħajja kollha.
Il-formazzjoni inizjali u dik permanenti għandhom jitqiesu bħala fażijiet ta' proċess dejjem sejjer u li għandhom l-għanijiet u l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom.

### 1. Il-prenovizzjat

**143.**
Il-prenovizzjat huwa żmien ta' dixxerniment u għandu l-għan li jgħin lill-kandidat jagħraf aħjar lilu nnifsu u dak li qed iqanqlu fil-vokazzjoni tiegħu, iqis sewwa l-kapaċità tiegħu quddiem is-sejħa ta' Alla, u li jagħtih l-okkażjoni jgħix fil-komunità s-sejħa tiegħu b'mod ħieles u oġġettiv.

**144.**
Huwa mistenni li l-prenovizzjat ta' kull Provinċja, Kummissarjat Ġenerali jew Delegazzjoni Ġenerali, ikun żmien biżżejjed biex il-kandidat jgħix u jaħdem f'komunità u biex jiddixxerni u jiżen jekk huwiex lest biex jibda n-novizzjat.

**145.**
Is-Superjur Maġġuri huwa dak li għandu dritt jaċċetta kandidat għall-prenovizzjat wara li jkun sema' l-opinjonijiet ta' dawk responsabbli mill-

ministeru vokazzjonali. Il-prenovizzi huma ħielsa li jitilqu mill-prenovizzjat f'kull waqt, u bl-istess mod is-Superjur Maġġuri huwa ħieles, bi ftehim ma' min hu responsabbli mill-formazzjoni, li jibgħathom lura f'kull waqt.

## 146.

Imiss lill-Manwal tal-Provinċja għall-Formazzjoni, approvat mill-Kapitlu u mill-Kunsill Provinċjali, li jiddeċiedi t-tul u l-kontenut tal-prenovizzjat.

## 147.

Meta l-kandidat jagħraf li huwa msejjaħ minn Alla u meqjus matur biżżejjed, jista' jiġi milqugħ biex jibda n-novizzjat skont in-norma tad-dritt kanoniku u tar-*Ratio Institutionis Vitae Carmelitanae*. [289]

# 2. In-novizzjat

## 148.

In-novizzjat huwa ż-żmien li fih wieħed jibda dieħel fil-ħajja Karmelitana.[290] F'din il-fażi, il-kandidat għandu jibda jgħix il-proġett tal-ħajja tagħna, biex ikun jista' jagħraf jekk hux tassew adattat għalih. In-novizz irid ikollu l-ħila jagħraf u jgħix il-mixja tiegħu wara Kristu, li kien ubbidjenti, fqir u kast, fid-dawl tal-karizma tal-Ordni.[291]

## 149.

In-novizzjat għandu jsir f'kunvent determinat skont id-dritt kanoniku.[292] Imiss lill-Pirjol Ġenerali, bil-kunsens tal-kunsill tiegħu u wara li jkun sema' lill-Pirjol Provinċjali interessat, li jwaqqaf, jittrasferixxi jew ineħħi, b'digriet miktub, id-dar tan-novizzjat, u f'okkażjonijiet determinati jippermetti li fl-istess Provinċja jkun hemm aktar minn dar waħda bħala

289 Ara Kan. 641-645; *PI* 43, 49.

290 Ara Kan. 646.

291 Ara *PI* 46-48.

292 Ara Kan. 647 §2, 648 §1.

novizzjat.[293] Barra minn hekk, huwa jista' jwaqqaf novizzjat internazzjonali jew reġjonali wara li jkun sema' s-superjuri maġġuri rispettivi. Huwa rrakkomandat li jkun hemm koperazzjoni nazzjonali u internazzjonali għan-novizzjat u għall-formazzjoni inizjali.
F'każijiet partikolari, il-Pirjol Provinċjali jista' jagħti l-permess lin-novizzi li jiddependu minnu, li jgħixu għal xi żmien determinat f'dar oħra tal-Ordni.[294]
Barra minn hekk, Superjur Maġġuri jista' jiddeċiedi li jibgħat xi kandidat biex jagħmel in-novizzjat tiegħu f'dar tan-novizzjat imwaqqfa fi provinċja oħra.

## 150.
Qabel ma jibda n-novizzjat, il-kandidat għandu jagħmel irtir spiritwali ta' mhux inqas minn ħamest ijiem sħaħ.

## 151.
Jista' jibda n-novizzjat min ikun għalaq is-sbatax-il sena.[295] B'danakollu, ta' min iqis li l-kandidat, qabel ma jiġi aċċettat biex jibda n-novizzjat, għandu jkun matur biżżejjed biex jieħu deċiżjoni ħielsa meta jibda.

## 152.
In-novizzjat jibda bir-rit tad-dħul fin-novizzjat skont ir-ritwal tagħna.

## 153.
Għalkemm il-komunità kollha, fejn qed jgħix in-novizz, hija responsabbli tal-formazzjoni tiegħu, b'danakollu d-direzzjoni u t-tmexxija tal-formazzjoni tal-kandidat għandhom jitħallew f'idejn reliġjuż li għandu l-kwalitajiet meħtieġa u l-kapaċità li jiżen il-bosta għamliet kulturali ta' żminijietna, hekk li jkun jista' jħejji l-kandidat għall-ħajja tal-Ordni skont l-ispirtu tal-Evanġelju, tar-Regola u tal-Kostituzzjonijiet tal-Ordni tagħna. Dan ir-reliġjuż, u wkoll dawk kollha li

293 Ara Kan. 647 §1.

294 Ara Kan. 647 §3.

295 Ara Kan. 643 §1,1.

fin-novizzjat jaqa' fuqhom id-dmir li jikkollaboraw fil-formazzjoni tan-novizz, għandu jkollhom l-għajnuna tal-mezzi kollha li jeħtieġu.

## 154.

Il-programm tan-novizzjat għandu jsir skont ma titlob ir-*Ratio Institutionis Vitae Carmelitanae.*

## 155.

Matul in-novizzjat għandu jieqaf il-kors ordinarju tal-istudji. Madankollu, is-Superjur Maġġuri għandu l-fakultà li jippermetti jew ukoll jobbliga li jsir studju ta' dawk is-suġġetti li jistgħu jgħinu biex in-novizzi jkollhom formazzjoni aktar sħiħa.[296]

## 156.

Meta n-novizz jonqos mid-dar tan-novizzjat għal aktar minn tliet xhur, kemm jekk ikunu wara xulxin u kemm jekk biċċa biċċa, in-novizzjat ma jibqax jgħodd u jrid isir mill-ġdid. Meta wieħed jonqos mid-dar tan-novizzjat għal aktar minn ħmistax-il-jum, dawn jeħtieġ li jiżdiedu mas-sena. Meta mbagħad in-nuqqas min-novizzjat ikun ta' inqas minn ħmistax-il-jum, imiss lis-Superjur Maġġuri, wara li jkun sema' lis-surmast tan-novizzi u qies ir-raġuni tan-nuqqas, li jiddeċiedi skont il-każ.[297]

## 157.

**§1.** Jekk xi reliġjuż, li jkun ħalla l-Ordni, kemm fi tmiem in-novizzjat u wkoll wara l-professjoni, jitlob li jerġa' jidħol, il-Pirjol Ġenerali, bil-kunsens tal-kunsill tiegħu u wara li jkun sema' lill-Pirjol Provinċjali interessat, għandu l-fakultà li jilqgħu mill-ġdid, u mhux obbligat jgħidlu jerġa' jagħmel in-novizzjat mill-ġdid. B'danakollu, il-Pirjol Ġenerali, wara li jkun sema' lill-Pirjol Provinċjali interessat, għandu jitlob minnu żmien ta' prova, li meta jgħaddi, il-kandidat ikun jista' jiġi aċċettat biex jipprofessa; il-Pirjol Ġenerali, wara li jkun sema' lill-Pirjol Provinċjali interessat, jistabbilixxi

296 Ara Kan. 652 §5.

297 Ara Kan. 649 §1.

wkoll it-tul ta' żmien tal-voti temporanji qabel il-professjoni solenni, skont ma jitolbu l-kanoni 655 u 657.[298]

**§2.** F'każ li kandidat jitlob li jgħaddi fi provinċja oħra, irid jiġi mismugħ il-Pirjol Provinċjali tal-provinċja li kellu qabel. Imma f'każ li l-kandidat kien jagħmel parti minn istitut reliġjuż ieħor, iridu jkunu mismugħa s-superjuri li kellu qabel u jrid jerġa' jagħmel in-novizzjat.

## 158.

Reliġjuż bil-voti solenni li jkun ġej minn istitut reliġjuż ieħor u jixtieq iħaddan l-Ordni tagħna, irid jintalab il-permess tal-moderaturi supremi taż-żewġ istituti bil-kunsens tal-kunsilli rispettivi tagħhom.[299]

## 159.

In-novizzi jgawdu mill-grazzji spiritwali kollha mogħtija lill-Ordni. Dwar il-ġid materjali tan-novizzi, għandhom jitħarsu n-normi tad-dritt universali.[300]

# 3. Iż-żmien tal-professjoni sempliċi

## 160.

Fl-aħħar tan-novizzjat, il-kandidati li jkunu adattati u li jitolbu b'mod ħieles ikunu jistgħu jagħmlu l-professjoni. Kull novizz għandu jippreżenta talba bil-miktub lis-Superjur Maġġuri biex ikun jista' jagħmel il-professjoni sempliċi; il-programm formattiv jiddetermina kemm żmien qabel tmiem in-novizzjat għandha tkun miktuba din l-ittra. Is-Superjur Maġġuri, wara li jkun eżamina r-rapport tas-surmast tan-novizzi u wara li jkun sema' x'għandu xi jgħid il-kapitlu lokali, jiddeċiedi dwar it-talba b'vot deliberattiv tal-Kunsill tiegħu. Il-proċedura kollha u kulma hu meħtieġ biex kandidat jingħata l-professjoni sempliċi huma regolati mill-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku.[301]

298 Ara Kan. 690 §1.

299 Ara Kan. 684-685.

300 Ara Kan. 668 §1.

301 Ara Kan. 635-656.

Is-Superjur Maġġuri għandu d-dritt jirċievi l-ewwel professjoni u t-tiġdid tal-voti, inkella jista' jiddelega lil xi Karmelitan ieħor bil-voti solenni.

## 161.

Is-Superjur Maġġuri jista' jippermetti, għal xi raġuni ġusta, li l-ewwel professjoni ssir qabel iż-żmien, imma mhux b'aktar minn ħmistax-il jum;[302] hekk ukoll, għal raġuni ġusta, jista' jagħti l-permess li l-ewwel professjoni ssir barra mid-dar tan-novizzjat.

## 162.

In-novizzjat jintemm bir-rit tal-professjoni sempliċi, skont ir-ritwal tagħna. Jekk il-libsa reliġjuża ma tkunx għadha ngħatat kollha, din tista' tingħata waqt iċ-ċerimonja tal-professjoni.

## 163.

**§1.** Bil-professjoni reliġjuża tibda l-ħajja konsagrata.[303] Għaldaqstant, il-formazzjoni Karmelitana trid tkompli skont il-linji gwida tar-*Ratio Institutionis Vitae Carmelitanae*, b'mod sistematiku u bbilanċjat, u li jkompli mal-fażi ta' qabel.[304]

**§2.** Huwa importanti ħafna li f'dan iż-żmien il-kandidati jidħlu fil-fond u jsaħħu l-konsagrazzjoni Karmelitana tagħhom b'mod li fl-aħħar jaslu għal deċiżjoni matura. Dan huwa żmien li fih issir it-tħejjija xjentifika u teknika għad-diversi ministeri.[305]

Biex jgħix sewwa din il-fażi, il-profess irid ifittex li jgħaqqad l-istudji u l-attività appostolika mal-ħajja tat-talb u mal-ħajja komunitarja. Matul iż-żmien tal-formazzjoni tal-bidu, ir-reliġjużi żgħażagħ m'għandhomx jingħataw uffiċċji u ħidmiet li jfixkluhom fil-formazzjoni tagħhom.[306]

---

302 Ara Kan. 649 §2.

303 Ara Kan. 653 §2, 654.

304 Ara *PI* 58-59.

305 Ara Kan. 660 §1, *PI* 60-61.

306 Ara Kan. 660 §2; *PI* 62.

## 164.

**§1.** Il-professjoni sempliċi għandha ssir għal tliet snin. L-Istatuti tal-Provinċja jistgħu jagħtu ċ-ċans li ssir għal sena, b'mod li tiġi mġedda kull sena għal tliet snin.[307]

**§2.** Dan iż-żmien, meta jkun il-waqt, jista' jkun imtawwal sa sitt snin, billi l-kandidat iġedded il-voti temporanji tiegħu kull sena,[308] dejjem fuq talba tal-kandidat u l-aċċettazzjoni tal-Pirjol Provinċjali, b'vot deliberattiv tal-kunsill tiegħu u wara li jkun sema' s-surmast u l-kapitlu lokali. Madankollu, f'każijiet partikolari, iż-żmien tal-professjoni sempliċi jista' jiġi mtawwal mis-Superjur Maġġuri, imma mhux b'aktar minn tliet snin.[309]

**§3.** Is-Superjur Maġġuri, għal raġuni ġusta, jista' jikkonċedi li t-tiġdid tal-professjoni sempliċi jsir qabel iż-żmien, imma b'mhux aktar minn xahar, filwaqt li jibqa' fis-seħħ dak li jgħid il-kanone 657 §3.

## 4. Il-professjoni solenni

## 165.

Meta wieħed iqis li t-tħejjija għall-professjoni solenni tkun diġà bdiet fin-novizzjat, lejn tmiem iż-żmien tal-professjoni sempliċi, dit-tħejjija għandha tkun aktar qawwija. Il-kandidat għandu jkun konxju għalkollox mis-serjetà ta' dan l-att u dwar kemm il-konsagrazzjoni tiegħu lil Alla u l-inkorporazzjoni tiegħu mal-Ordni hija definittiva. Minn dan jidher kemm hija importanti l-ħtieġa ma taqta' xejn tal-formazzjoni permanenti.

Għal mill-anqas xahar qabel il-professjoni solenni, il-professi sempliċi jħejju ruħhom bit-talb u bir-riflessjoni dwar temi speċifiċi tal-ħajja reliġjuża Karmelitana.[310] Dan iż-żmien għandu jkun organizzat minn wieħed jew aktar persuni responsabbli li jsegwu lill-kandidati u jakkumpanjawhom fir-riflessjoni u fil-verifika. It-temi u l-metodi huma indikati fil-Programm tal-istudji Karmelitani.

307 Ara Kan. 655.

308 Ara Kan. 655.

309 Ara Kan. 657 §2.

310 Ara *PI* 64.

Dan ix-xahar ta' tħejjija immedjata u speċifika jista' jkun organizzat fuq livell nazzjonali, reġjonali u wkoll għall-Ordni kollu.

## 166.

**§1.** Biex il-professjoni solenni tkun tgħodd huwa meħtieġ li:

a) il-kandidat ikollu ż-żmien mitlub mid-dritt, jiġifieri tal-anqas 21 sena. Madankollu, ta' min iqis li qabel ma l-kandidati jiġu aċċettati għall-professjoni solenni, ikollhom esperjenza biżżejjed tal-ħajja Karmelitana u ċerta maturità biex ikunu jistgħu jagħmlu għażla ħielsa;

b) qabel, almenu għal tliet snin, tkun saret il-professjoni sempliċi; is-Superjur Maġġuri, għal raġuni ġusta, jista' jagħti l-permess li l-professjoni solenni ssir qabel iż-żmien, imma mhux aktar minn tliet xhur;[311]

ċ) huwa s-Superjur Maġġuri li jaċċettah għall-professjoni, bil-vot deliberattiv tal-kunsill tiegħu, bil-vot konsultiv tal-kapitlu tal-komunità li fiha jgħix il-kandidat, u wara li jkun ikkonsulta formaturi oħra.

**§2.** Permezz tal-professjoni solenni, il-kandidat jidħol definittivament fl-Ordni bid-drittijiet u d-dmirijiet kollha.

## 167.

Dwar il-ġid materjali tal-professi għandhom jitħarsu n-normi magħmulin mid-dritt universali. Qabel il-professjoni solenni, għandu jsir testment li jkollu validità ġuridika fuq livell ċivili.[312]

## 5. Il-formazzjoni għall-ministeri

## 168.

Minbarra l-formazzjoni Karmelitana, ir-reliġjużi tagħna għandhom jirċievu f'waqtha formazzjoni umana, teoloġika, spiritwali, professjonali, xjentifika

311 Ara Kan. 657 §3.

312 Ara Kan. 668.

u teknika, li tkun taqbel kemm max-xewqat u l-kapaċitajiet tagħhom, kif ukoll mal-programmi u l-ħtiġijiet tal-Provinċja u tal-Ordni, sabiex ikunu jistgħu jwettqu b'ħila x-xogħol tagħhom għall-ġid tal-poplu ta' Alla.[313]
Sabiex immexxu 'l quddiem l-internazzjonalità tal-Ordni u wkoll tikber fostna d-dispożizzjoni ta' ftuħ lejn kulturi differenti u modi oħra ta' kif wieħed jaħseb u jħoss, matul il-formazzjoni kull wieħed għandu jitgħallem xi lsien ieħor. Kull reliġjuż għandu jkun jaf tal-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Ordni.
Għandha tingħata attenzjoni speċjali lit-tħejjija ta' dawk is-suġġetti li huma Karmelitani jew għandhom x'jaqsmu mal-ministeri li jaqblu ħafna mal-kariżma u mal-wirt spiritwali tagħna.

## 169.

Il-ministeri, kemm dawk komuni kif ukoll dawk individwali, għandhom ikunu frott ta' komunità fertili u ta' ħajja ta' talb, li flimkien jagħtu xhieda ta' fraternità fost il-fidili.[314]

## 170.

Ir-reliġjużi li ma jħossuhomx imsejħa li jirċievu l-Ordnijiet Sagri għandhom jingħataw għall-istudju mingħajr ma jeskludu l-kisba ta' grad ogħla jew tipi oħra ta' kwalifiki professjonali, sabiex ikunu jistgħu jilqgħu l-ħtiġijiet tal-bnedmin u tal-Provinċja li fiha jwettqu l-appostolat tagħhom. Għandhom jingħataw l-opportunità li jattendu korsijiet teoloġiċi u – speċjalment – bibliċi.

## 171.

**§1.** Billi l-uffiċċju tas-saċerdot huwa dak li jikkopera mal-Isqof, li jxerred il-Kelma ta' Alla, jamministra s-sagramenti, iqawwi l-komunità, ikun strument f'idejn Kristu fil-formazzjoni tal-poplu ta' Alla u fil-bini ta' komunità evanġelika, ir-reliġjużi tagħna li jridu jirċievu l-Ordnijiet Sagri għandhom iħejju ruħhom tajjeb, billi jagħmlu l-kors tal-istudji meħtieġa u t-tħejjija spiritwali u pastorali, skont ma jitolbu n-normi maħruġa

313 Ara MR 26; *PI* 65.

314 Ara Kost. 94, 95, 99.

mis-Santa Sede, mill-Konferenza Episkopali tal-post u dawk tar-*Ratio Institutionis Vitae Carmelitanae*.

**§2.** Qabel ma l-kandidat jirċievi d-djakonat irid jagħmel il-professjoni solenni.

**§3.** Aħna lkoll aħwa bis-saħħa tal-professjoni. Imsawrin f'komunità li fiha aħna lkoll aħwa, fis-sens li lkoll inħaddnu l-istess kariżma, is-saċerdot Karmelitan m'għandux iqis l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu bħala status, imma aktar bħala vokazzjoni speċjali għall-qadi fil-bini tal-komunjoni fil-Knisja u fl-Ordni.

### 172.

Ir-reliġjużi li jagħmlu korsijiet ta' studju barra mill-kunvent, għandhom ikunu megħjuna minn membru magħżul mill-Provinċja biex imexxi l-edukazzjoni xjentifika tagħhom lejn formazzjoni Karmelitana sħiħa. Fid-djar tagħna tal-formazzjoni, il-kandidati għandhom ikunu megħjuna biex jintegraw il-formazzjoni teorika, pastorali u professjonali flimkien mal-aspetti l-oħra tal-ħajja Karmelitana.

### 173.

Ta' min iħeġġeġ li jkun hemm kollaborazzjoni kemm nazzjonali u wkoll internazzjonali għan-novizzjat u għall-formazzjoni inizjali.

## 6. Il-formazzjoni u l-kultura Karmelitana

### 174.

Fid-djar tal-formazzjoni għandu jkun hemm biblijoteka tajba u aġġornata, li jkollha sezzjoni tajba Karmelitana. F'kull kunvent għandu jkun hemm riżorsi u materjal kontemporanju.

### 175.

F'kull żona ġeografika tal-Ordni għandu jkun hemm ċentri u istituti internazzjonali ta' studju biex imexxu 'l quddiem l-internazzjonalità, biex ikabbru l-ispiritwalità Karmelitana u l-istorja tal-Ordni, biex iħejju formaturi u speċjalisti oħra, kif ukoll biex joffru l-possibbiltà ta'

formazzjoni permanenti lill-membri tal-Ordni. Wieħed minn dawn iċ-ċentri għandu jkun iċ-Ċentru Internazzjonali San Albert f'Ruma, li juri l-għaqda tal-Ordni kollu. Dan iċ-ċentru għandu jitmexxa bi statuti partikolari u jkun taħt il-ġurisdizzjoni immedjata tal-Pirjol Ġenerali.

### 176.

F'Ruma għandu jkun hemm l-*Institutum Carmelitanum*, bl-għan li juri lir-reliġjużi tagħna u lid-dinja ta' żmienna, il-wirt spiritwali tal-Karmelu. Għandhom jiffurmaw parti minnu persuni mħejjija tajjeb, magħżula mill-Ordni kollu, u wkoll minn studjużi li mhumiex fl-Ordni.

## 7. Il-formazzjoni permanenti

### 177.

Il-ħtieġa ta' formazzjoni permanenti ġejja mis-sejħa ta' Alla, li jsejjaħ lil kull wieħed minn uliedu f'kull waqt u f'ċirkustanzi ġodda. Il-grazzja tal-vokazzjoni hija żerriegħa li dejjem tikber, u li timxi wara Kristu jfisser li tibqa' dejjem miexi.
Għaldaqstant, il-formazzjoni ma tieqaf qatt, u titlob minna li nkunu attenti għas-sinjali tal-Ispirtu fi żminijietna u li nsiru sensibbli għalihom, biex inkunu nistgħu noffru lin-nies ta' żmienna tweġiba xierqa għall-problemi tagħhom.[315] Hekk inkunu qegħdin ngħixu l-identità Karmelitana tagħna fid-dinja tal-lum.

### 178.

Il-formazzjoni permanenti tiġbor fiha l-ħidma kollha li għandha bħala għan li tgħinna ngħixu b'fedeltà ħajja l-kariżma tagħna fid-diversi fażijiet ta' ħajjitna. Għaldaqstant ma għandhiex titqies bħala xi ħaġa żejda, li nistgħu ngħaddu mingħajrha, imma bħala parti meħtieġa fl-iżvilupp tagħna.[316]

315 Ara *PI* 66-67.

316 Ara *PI* 68.

**179.**
Kull wieħed minna huwa responsabbli tal-formazzjoni permanenti tiegħu, biex jagħti aktar spazju lil Alla f'ħajtu, u biex jaqdi l-ministeru tiegħu f'mixja wara Ġesù Kristu b'mod dejjem aktar profond u aġġornat.

**180.**
Huwa importanti ħafna li l-Ordni joffri lil kull membru l-possibbiltà tal-formazzjoni permanenti fil-livelli kollha u fid-diversi fażijiet tal-ħajja,[317] bħalma jingħad fir-*Ratio Institutionis Vitae Carmelitanae*.

**181.**
Is-Superjuri Maġġuri jieħdu ħsieb li jkollhom il-mezzi adattati għal din il-formazzjoni permanenti spiritwali, teoloġika, dottrinali u teknika, u jħeġġu liż-żgħażagħ jagħmlu studji superjuri biex hekk jgħollu l-livell kulturali tal-Ordni, kemm fuq livell internazzjonali u kemm fuq livell lokali.

**182.**
**§1.** Iċ-ċentri tagħna, internazzjonali, interprovinċjali u provinċjali, joffru lill-aħwa tagħna kollha l-okkażjoni biex tissaħħaħ il-persuna kollha kemm hi, li jġedded id-don tal-ħajja Karmelitana u tal-attività appostolika. Lill-Karmelitani kollha għandha tingħatalhom l-opportunità li kull tant żmien jieħdu sehem f'korsijiet internazzjonali ta' spiritwalità Karmelitana jew għal korsijiet oħra ta' formazzjoni, speċjalment Karmelitana jew f'livelli oħra.
**§2.** Importanti li nżommu ħajja t-tradizzjoni kulturali u spiritwali tal-Ordni permezz tal-valorizzazzjoni tal-patrimonju tal-kotba u tad-dokumenti. Għal dan il-għan għandhom ikunu mħarsin sewwa l-Arkivju Ġenerali Karmelitan u l-Biblijoteka Ġenerali Karmelitana, kif ukoll l-Arkivji u l-Biblijoteki fil-Provinċji.
**§3.** L-aħwa li jiffrekwentaw korsijiet ta' speċjalizzazzjoni fiċ-Ċentru Internazzjonali San Albert għandhom ikunu segwiti minn *Regens Studiorum*.

---

317 Ara *PI* 69, 70.

**NB: Ir-Raba' Taqsima tal-Kostituzzjonijiet qed titħalla barra minħabba li hija twila u għandha x'taqsam mat-tmexxija interna tal-Ordni Karmelitan.**